

Rapport Speċjali

**Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin  
tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi  
ta' enerġija rinnovabbli fuq skala  
kummerċjali ġewwa l-UE:  
il-progress intenzjonat ma nkisibx  
matul dawn l-aħħar għaxar snin**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

## TIM TAL-AWDITJAR

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditjati li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit tal-UE. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Nikolaos Milionis, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Samo Jereb, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Jerneja Vrabič, Attaché tal-Kabinett; Helder Faria Viegas, Maniġer Prinċipali; Stefan Den Engelsen, Kap tal-Kompitu; Oana Dumitrescu, Joachim Otto, Ernesto Roessing, Juan Antonio Vazquez Rivera u Anna Zalega, Awdituri. Zuzanna Filipski pprovdiet appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Ernesto Roessing, Jerneja Vrabič, Stefan Den Engelsen, Samo Jereb, Helder Faria Viegas, Oana Dumitrescu.

## WERREJ

	Paragrafi
Glossarju	
Abbrevjazzjonijiet	
SOMMARJU EŻEKUTTIV	I - X
INTRODUZZJONI	1 - 14
L-appoġġ tal-UE għall-proġetti ta' dimostrazzjoni fis-settur tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju	1 - 10
Il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EPR)	4
NER300	5 - 8
Inizjattivi oħra tal-UE li jappoġġaw il-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju	9 - 10
Il-ħtieġa kontinwa ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa	11 - 14
AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR	15 - 18
OSSERVAZZJONIJIET	19 - 107
Kemm l-EPR kif ukoll NER300 jistabbilixxu miri ambizzjużi għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju kif ukoll għall-produzzjoni tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli	19 - 36
L-EPR ma laħaqx l-ambizzjonijiet tiegħu relatati mal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju ...	20 - 22
... iżda kkontribwixxa b'mod pożittiv għas-settur - li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla - tal-enerġija eolika fuq il-baħar	23 - 27
Il-programm NER300 ma wettaq l-ebda proġett ta' suċċess għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju ...	28 - 30
... u mhuwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq l-impatt intenzjonat tiegħu għas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli	31 - 36
Il-proġetti tal-EPR u NER300 ġew affettwati minn kundizzjonijiet avversi ta' investment	37 - 55
L-inċertezza fl-oqfsa regolatorji u fil-politiki affettwat il-klima ta' investment għall-proġetti ta' dimostrazzjoni	41 - 48

Għal proġetti tas-CCS, it-tnaqqis fil-prezzijiet tas-suq tal-karbonju u n-nuqqas ta' appoġġ u ta' dħul ieħor kienu l-ostakli ewlenin	49 - 55
It-tfassil ta' NER300 l-limita l-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jirreaġixxu għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu	56 - 85
Il-mudell ta' finanzjament magħżul għall-programm NER300 ma ppermettix li jitneħħew b'mod effettiv ir-riskji għall-proġetti ta' dimostrazzjoni	57 - 65
Il-proċessi tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' NER300 kienu kumplessi	66 - 79
Il-karatteristiċi l-oħra tat-tfassil ta' NER300 naqqsu r-rispons għal ambjent li qed jinbidel	80 - 85
Jeħtieġ li jsir titjib fil-koordinazzjoni u fl-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont	86 - 107
Minkejja l-progress li mexxa aktar bil-mod milli previst, il-Pjan SET jipprovdi bażi għat-titjib tal-koordinazzjoni fl-Ewropa	87 - 93
Is-servizzi tal-Kummissjoni jeħtieġ li jtejbu l-koordinazzjoni interna u l-koerenza tal-appoġġ mill-UE għal proġetti ta' dimostrazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju	94 - 103
L-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont għal NER300 mhumiex ċari biżżejjed	104 - 107
<b>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</b>	<b>108 - 127</b>

Anness I – Kronoloġija tal-avvenimenti politiċi u ekonomiċi ewlenin immappjati abbażi tal-elementi relatati mal-ambitu tal-awditu

Anness II – Stampa ġenerali tal-istatus ta' NER300 f'Marzu 2018

Anness III – Fatturi ekonomiċi u regolatorji prinċipali li jaffettwaw il-progress ta' NER300 u tal-EEPR

Anness IV – Eżempji ta' proċeduri tal-għażla fi programmi ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Anness V – Kumplessità fix-xenarju ta' programmi tal-UE li jiffinanzjaw l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Risposti tal-Kummissjoni

## **GLOSSARJU**

**Bankabbiltà:** Il-bankabbiltà ta' proġett ġeneralment hija kriterju li jiġi applikat minn bank: proġett jeħtieġ li juri li huwa se jiġġenera biżżejjed dħul biex isir bankabbli.

**CCUS:** Ġbir, użu u ħżin tal-karbonju. Il-programmi ta' Riċerka tal-UE issa jiffinanzjaw ir-riċerka dwar is-CCUS. L-użu tal-karbonju miġbur bħala materja prima għall-proċessi industrijali jew kimiċi jista' jbidel il-karbonju f'komodità li tista' tiġi nnegozjata u tiġġenera fluss ta' dħul.

**Deċiżjoni finali ta' investment (FID):** Il-bord ta' kumpanija jieħu FID fir-rigward ta' proġett relatat mal-enerġija wara li jkun wettaq studju Front-End Engineering and Design (FEED), ikun kiseb il-permessi kollha meħtieġa u jkun ikkonferma s-sorsi ta' finanzjament għall-investment kollu. Ladarba l-bord jieħu l-FID, ix-xogħlijiet relatati mal-inġinerija, l-akkwist u l-konstruzzjoni tal-proġett ikunu jistgħu jinbdew.

**Komitoloġija:** It-terminu "komitoloġija" jirreferi għas-sett ta' proċeduri li permezz tagħhom il-Kummissjoni Ewropea teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha mil-leġiżlatur tal-UE, bl-assistenza tal-kumitati ta' rappreżentanti minn pajjiżi tal-UE. Dawn il-kumitati ta' komitoloġija huma ppreseduti minn uffiċjal tal-Kummissjoni u jagħtu opinjoni dwar l-atti ta' implimentazzjoni proposti mill-Kummissjoni<sup>1</sup>. Għall-programm NER300, dan huwa l-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

**Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima:** Ara "Komitoloġija".

**Riżerva tal-installazzjonijiet li daħlu għodda fis-suq:** Ir-riżerva tal-installazzjonijiet li daħlu għodda fis-suq hija riżerva komunitarja ta' 780 miljun ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbiliti taħt l-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) għall-perjodu 2013-2020. Matul dan iż-żmien, l-operaturi l-għodda tal-EU ETS jistgħu japplikaw għal allokkazzjoni ta' kwoti minn din ir-riżerva. Ir-riżerva ttipprova l-kwoti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Fl-2012, 300 miljun ta' kwoti minn din ir-riżerva twarrbu għall-finanzjament ta' NER300.

---

<sup>1</sup> <https://eur-lex.europa.eu/summary/glossary/comitology.html>.

**Strument finanzjarju:** Strumenti finanzjarji huma għodda ta' twassil biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE permezz ta' self, garanziji u investimenti ta' ekwità (jew kważi ekwità) għall-implimentazzjoni ta' proġetti<sup>2</sup>. Skont l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà Nru 32, strument finanzjarju huwa "[...] kull kuntratt li jagħti lok għal assi finanzjarju f'entità waħda u obligazzjoni finanzjarja jew strument azzjonarju ta' entità oħra".

**Valutazzjoni tad-diliġenza dovuta:** Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, din tirreferi għall-valutazzjoni tal-BEI fuq il-vijabbiltà teknika u finanzjarja ta' applikazzjoni ta' proġett għall-finanzjament b'għotjiet ta' NER300.

---

<sup>2</sup> Ara r-Rapport Speċjali Nru 19/2016 tal-QEA "L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji - tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013".

**ABBREVJAZZJONIJIET**

AIE	Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
CCC	Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima
CCS	Ġbir u ħżin tal-karbonju
CCUS	Ġbir, użu u ħżin tal-karbonju
CEF	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
CfD	Kuntratt għad-differenza
CPUP	Prestazzjoni tal-ispiża għal kull unità
EEA	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
EEPR	Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru
ETIP	Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni
EU ETS	Skema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet
EUA	Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE
FEED	Front-End Engineering Design
FEIS	Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (jiġifieri l-pjan Juncker)
FI	Strument finanzjarju
FID	Deċiżjoni finali ta' investment
FP6/FP9	Programm Qafas għar-Riċerka 6/9
FP7	Programm Kwadru għar-Riċerka 7
FSIE	Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej
H2020	Orizzont 2020 (jiġifieri l-FP8)
IPCC	Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima
IRENA	Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka

NCP	Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (jiġifieri għal NER300)
NER300	Riżerva tal-Installazzjonijiet li Daħlu Ġodda fis-Suq 300
RES	Sorsi tal-enerġija rinnovabbli
RSFF	Faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji

## **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

- I. Fl-2007, l-UE ppreżentat il-pakkett tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2020, li kien jirrikjedi żieda fl-użu u fl-iżvilupp tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu azzjonijiet b'appoġġ għall-proġetti innovattivi tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll għall-kostruzzjoni u l-operat ta' faċilitajiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u ta' dawk industrijali li jiġbru u jaħżnu l-karbonju, bl-għan li tiġi aċċellerata d-dimostrazzjoni tal-ewwel faċilitajiet kummerċjali.
- II. Fl-2009, l-UE niedet il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) b'baġit ta' EUR 1.6 biljun, b'appoġġ għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u għall-proġetti eoliċi fuq il-baħar. Fl-istess ħin, hija ħolqot ir-Riżerva tal-Installazzjonijiet li Daħlu Ġodda fis-Suq 300 (NER300), iffinanzjata mill-bejgħ ta' 300 miljun kwota tal-emissjonijiet (EUR 2.1 biljun) b'appoġġ għas-CCS u għall-proġetti innovattivi tal-enerġija rinnovabbli.
- III. Fl-istess perjodu, l-UE ffinanzjat ukoll attivitajiet ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija u kkontribwiet għal strumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-BEI permezz ta' programmi ta' riċerka. L-UE fittxet li ssaħħaħ l-allinjament tal-prijoritajiet u tal-finanzjament relatati mal-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija permezz tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Pjan SET), li tnedia fl-2008 u ġie aġġornat fl-2015 biex jiġi adattat għall-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija.
- IV. Huwa probabbli li l-UE tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Madankollu, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tirrapporta li jeħtieġ li l-UE tintensifika b'mod konsiderevoli l-isforzi tagħha biex tilħaq l-ambizzjonijiet ġenerali li għandha fir-rigward tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-2050.
- V. L-oġettiv prinċipali tagħna kien li nivvalutaw jekk l-azzjoni meħuda mill-UE għall-appoġġ tad-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali, kemm tat-teknoloġiji għas-CCS kif ukoll tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli bejn l-2008 u l-2017 permezz tal-EEPR u NER300, ġietx imfassla, immaniġġjata u kkoordinata b'mod tajjeb, u jekk dawn il-programmi għamlux il-progress mistenni biex jgħinu t-tnedija fuq skala kummerċjali tat-teknoloġiji għas-CCS u s-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli.

VI. Aħna nikkonkludu li l-ebda wieħed mill-programmi ma wassal għall-użu tas-CCS fl-UE. L-EEPR ikkontribwixxa għall-iżvilupp tas-settur tal-enerġija eolika fuq il-baħar, iżda l-programm NER300 ma kisibx il-progress intenzjonat fl-għoti ta' appoġġ għad-dimostrazzjoni ta' firxa usa' ta' teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli.

VII. Il-kundizzjonijiet avversi ta' investiment, inkluża l-inċertezza fl-oqfsa u fil-politiki regolatorji, xekklu l-progress ta' ħafna proġetti innovattivi tal-enerġija rinnovabbli u ta' dawk relatati mas-CCS. Il-prezz baxx tal-karbonju fis-suq wara l-2011 kien fattur ewlieni għall-falliment tal-użu tas-CCS.

VIII. Aħna sibna wkoll li t-tfassil tal-programm NER300 kien illimita l-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jirreaġixxu b'mod effettiv għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu. B'mod partikolari, il-mudell ta' finanzjament magħżul kellu nuqqas ta' ġustifikazzjoni meta l-bażi ġuridika ta' NER300 ddaħħlet fid-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, u ma naqqasx b'mod effettiv ir-riskju għall-proġetti ta' dimostrazzjoni. Il-proċessi tal-għażla tal-proġetti u dawk tat-teħid ta' deċiżjonijiet kienu kumplessi, u karatteristiċi oħra tat-tfassil illimitaw il-flessibbiltà tal-programm.

IX. Fl-aħħar nett, aħna sibna li jeħtieġ li jsir titjib fil-koordinazzjoni u fl-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont. Minkejja li l-progress mexxa aktar bil-mod milli previst, il-pjan SET jipprovdi bażi biex il-prijoritajiet u r-riżorsi pubbliċi u privati jiġu allinjati b'mod aħjar. Id-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni jeħtieġ li jtejbu l-koordinazzjoni tagħhom biex isaħħu l-koerenza tal-appoġġ li jingħata mill-UE għal proġetti ta' dimostrazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont għall-entitajiet li jimmaniġġjaw il-programm NER300 mhumiex ċari biżżejjed.

X. L-UE qed tfejji biex tniedi l-Fond ta' Innovazzjoni sabiex tissostitwixxi l-programm NER300 u biħsiebha taċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fid-dawl ta' dan, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex:

- iżżid il-potenzjal ta' appoġġ effettiv mill-UE għal dawn il-proġetti;
- ittejjeb il-proċeduri tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-Fond ta' Innovazzjoni meta mqabbla ma' dawk tal-programm NER300, u tiżgura li dan ikun flessibbli biex jirreaġixxi għall-iżviluppi esterni;

- ittejjeb il-koordinazzjoni interna tagħha biex l-appoġġ li jingħata mill-UE jiġi mmirat b'mod aktar koerenti;
- tiżgura l-obbligu ta' rendikont għall-Fond ta' Innovazzjoni u għall-fondi ta' NER300.

## **INTRODUZZJONI**

### ***L-appoġġ tal-UE għall-proġetti ta' dimostrazzjoni fis-settur tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***

1. Fl-2007 u fl-2008, l-UE żviluppat il-pakkett tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2020. Dan il-pakkett kien magħmul minn sett ta' leġislazzjoni vinkolanti li ġie adottat fl-2009 biex jiżgura li l-UE tilħaq il-miri tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2020. Huwa jistabbilixxi tliet miri: it-tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (meta mqabbel mal-1990), il-ġenerazzjoni ta' 20 % tal-enerġija tal-UE minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u ż-żieda ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika.

2. F'dan il-kuntest, f'Ġunju 2008, il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew appellaw<sup>3</sup> lill-Kummissjoni biex tipproponi mekkaniżmu li jiżgura l-kostruzzjoni u l-operat ta' mhux aktar minn 12-il impjant ta' dimostrazzjoni sal-2015 (ara l-**Kaxxa 1**) għall-ġenerazzjoni fuq skala kummerċjali ta' enerġija bil-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS - il-**Figura 1** tipprovdi deskrizzjoni).

#### **Kaxxa 1 – Dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fuq skala kummerċjali**


Il-proċess mill-fażi ta' rikerka għall-fażi ta' kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda huwa maqsum fi stadji differenti. Il-fażi ta' dimostrazzjoni hija l-istadju fejn teknoloġija ġdida, wara li tiġi ttestjata b'mod suffiċjenti, tkun matura biżżejjed biex tiġi żviluppata fuq livell kummerċjali. Jekk tkun ta' suċċess, is-suq se jinvesti u jippermetti l-użu sħiħ tat-teknoloġija. B'hekk, il-proġetti ta' dimostrazzjoni li jkunu ta' suċċess jgħinu biex is-soċjetà tiġi pprovduta b'teknoloġiji affordabbli għall-provvista ta' enerġija nadifa, sikura u kompetittiva.

Il-proġetti ta' dimostrazzjoni spiss ikollhom diffikultà biex jipprogressaw lil hinn minn dan l-istadju. L-isfidi li jiffaċċaw huma relatati mal-investimenti kapitali għolja dovuti għall-iskala tagħhom, filwaqt li jinvolvu wkoll riskji teknoloġiċi għolja u inċertezza dwar l-outputs u d-dħul potenzjali. Ġeneralment, dawn ikunu wisq riskjużi biex jattiraw biżżejjed investiment privat, u jirrikjedu diversi forom ta'

<sup>3</sup> Il-Paragrafu 45, il-Kunsill Ewropew ta' Brussell tad-19/20 ta' Ġunju 2008, il-Konklużjonijiet tal-Presidenza, 11018/1/08 tas-17 ta' Lulju 2008.

appoġġ mill-gvern biex imexxu t-teknoloġija 'l quddiem. Meta t-teknoloġiji ma jipprograwx lil hinn minn dan l-istadju, jeħlu f'dak li jissejjaħ il-"wied tal-mewt" kummerċjali.


**Figura 1 – Ġbir u ħżin tal-karbonju**



Sors: II-QEA.

3. Wara l-2008, l-UE niedet żewġ programmi ewlenin li kellhom l-għan li jappoġġaw id-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali (ara l-**Figura 2**) tas-CCS kif ukoll tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli.

**Figura 2 – Appoġġ għall-istadju ta' dimostrazzjoni taċ-ċiklu tal-innovazzjoni**



Sors: Adattament tal-QEA tal-mudelli u tad-dokumenti tal-IPCC u tal-Kummissjoni.

**II-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR)**

4. L-ewwel programm ewlieni tal-UE li jappoġġa d-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali tas-CCS kif ukoll tal-enerġija eolika fuq il-baħar kien il-**Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR), li tnedja fl-2009<sup>4</sup>**. L-EEPR kien jagħmel parti minn pakkett ta' rkupru

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 31).

ekonomiku aktar vast<sup>5</sup>. Dan il-programm kellu baġit totali ta' EUR 4 biljun biex jipprovdi għotjiet għall-proġetti. Huwa kien jinkludi EUR 1 biljun għall-programm ta' dimostrazzjoni tas-CCS u EUR 565 miljun għall-enerġija eolika fuq il-baħar. L-għotjiet li jingħataw taħt l-EEPR tipikament jikkontribwixxu għall-infiq kapitali intenzjonat għall-ippjanar, l-iżvilupp u l-konstruzzjoni.

### **NER300**

5. L-UE ħolqot ir-Riżerva tal-Installazzjonijiet li Daħlu Ġodda fis-Suq 300 (NER300) fl-2009 taħt l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS) b'appoġġ għall-proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni tas-CCS u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli<sup>6</sup>. Il-***Figura 3*** telenka t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli li hija għandha l-għan li tappoġġa.

---

<sup>5</sup> KUMM(2008) 800 finali tas-26 ta' Novembru 2008 "Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku".

<sup>6</sup> Ara d-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

**Figura 3 – Sorsi innovattivi tal-enerġija rinnovabbli li huma appoġġati mill-programm NER300**



Sors: Il-QEA.

6. Il-proġetti ta' dimostrazzjoni appoġġati mill-programm NER300 jippermettu l-ġbir u l-ħżin ta' CO<sub>2</sub> jew il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli nadifa u għalhekk dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2020 jekk isiru operattivi qabel dak iż-żmien. Madankollu, l-objettiv prinċipali tagħhom huwa li juru l-potenzjal kummerċjali tat-teknoloġiji magħżula u li jikkontribwixxu b'mod estensiv u fit-tul għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju wara l-2020 jekk dawn jiġu applikati bnadi oħra fl-Ewropa u fid-

dinja<sup>7</sup>. L-appoġġ mogħti lill-innovaturi kien mistenni jikkontribwixxi għall-ambizzjoni tal-UE li tkun mexxej globali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli<sup>8</sup>.

7. Id-Direttiva dwar l-EU ETS warrbet 300 miljun ta' kwoti mir-riżerva komunitarja tal-EU ETS għall-installazzjonijiet li daħlu għodda fis-suq. Il-BEI bieghom u ġġenera EUR 2.1 biljun biex jiffinanzja l-programm. Il-Kummissjoni tiegħu ħsieb il-koordinazzjoni ġenerali tal-programm. L-Istati Membri jaħtru l-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) u għandhom firxa ta' responsabbiltajiet<sup>9</sup>. Fl-2012 u fl-2014 il-Kummissjoni assenjat finanzjament lil 39<sup>10</sup> proġett fil-qafas taż-żewġ sejħiet għal proposti previsti mil-leġiżlazzjoni. Il-BEI jimmaniġġja l-fondi li jkunu ngħataw iżda jkunu għadhom ma tħallsux<sup>11</sup>.

8. Kemm l-ispejjeż ta' investment addizzjonali kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali addizzjonali (għal 5 snin fil-każ tal-enerġija rinnovabbli u 10 snin fil-każ ta' proġetti tas-CCS) għat-twertiq u l-operat tal-proġetti innovattivi kienu eliġibbli għall-finanzjament ta' NER300, li jlaħħaq sa 50 % tal-ispejjeż previsti. Il-programm NER300 jiżborża l-għotjiet li jingħataw f'pagamenti akkont annwali wara li proġett isir operattiv, jiġifieri meta jibda l-għbir u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> jew il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jġarrab nefqa operazzjonali, dment li l-Istati Membri ma jitolbux u ma jggarantixxux il-finanzjament bil-quddiem għall-għotja kollha li tkun

---

<sup>7</sup> Il-Premessa 10 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO<sub>2</sub>, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Deċiżjoni dwar in-NER300") (ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39).

<sup>8</sup> KUMM(2009) 519 finali "L-investment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-Plan)".


<sup>9</sup> Dawn jinkludu l-identifikazzjoni ta' proġetti eliġibbli, l-iffirmar u l-ġestjoni ta' strumenti legalment vinkolanti (kuntratti) mal-proġetti, il-monitoraġġ tal-proġetti, ir-rappurtar lill-Kummissjoni u t-twertiq tal-pagamenti mill-BEI għall-proġetti. Ara l-**Figura 10** fit-test prinċipali għal stampa ġenerali.

<sup>10</sup> 38 proġett kienu relatati mal-enerġija rinnovabbli u proġett wieħed kien relatat mal-għbir u l-ħżin tal-karbonju.

<sup>11</sup> Sa issa, din il-ġestjoni tal-assi rriżultat fi dħul addizzjonali ta' bejn wieħed u ieħor EUR 70 miljun. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni kienet irrilaxxat EUR 39 miljun ta' assi tal-programm NER300 għal tariffi pagabbli lill-BEI għat-twertiq tal-kompiti fdati lilu. It-tariffi totali ma jistgħux jaqzbu l-ammont ta' EUR 45 miljun, li jirrappreżentaw 2.1 % tad-dħul totali ta' EUR 2.1 biljun.

ingħatat jew għal parti minnha. Il-**Figura 4** tiddekrivi l-isfidi u l-istadji differenti tal-finanzjament ta' proġett ta' dimostrazzjoni tal-enerġija.

**Figura 4 – Il-finanzjament għal proġett ta' dimostrazzjoni tal-enerġija**



Sors: II-QEA.

**Inizjattivi oħra tal-UE li jappoġġaw il-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

9. Fl-istess perjodu ta' żmien, l-oqasma tal-enerġija tal-Programm Kwadru tal-UE għar-Riċerka l-**FP7** (2007-2013) u tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka **Orizzont 2020** (2014-2020) appoġġaw il-proġetti ta' dimostrazzjoni għal firxa ta' teknoloġiji tal-enerġija. Dawn il-programmi jikkontribwixxu (kkontribwew) ukoll fondi mill-baġit tal-UE lill-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-BEI bħall-**Faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji** (RSFF, 2007-2013) u l-**InnovFin** (2014-2020), li jinkludu (inkludew) objettivi ta' dimostrazzjoni tal-enerġija.

10. B'mod parallel mal-implimentazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi ta' finanzjament, l-UE fittxet li ssaħħaħ l-allinjament tal-prijoritajiet u tal-finanzjament relatati mal-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija permezz tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (**Pjan SET**), li ġie

approvat mill-Kunsill fl-2008<sup>12</sup>. Fl-2015, il-pjan ġie aġġornat (**Pjan SET integrat**) biex jiġi allinjat mal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament kollha deskritti hawn fuq jappoġġaw il-prijoritajiet tal-Pjan SET.

***Il-ħtieġa kontinwa ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa***


11. Fl-2015, l-UE ffirmat il-Ftehim ta' Pariġi. L-għan ta' dan il-ftehim huwa li jissaħħaħ ir-rispons globali għat-tbeddida tat-tibdil fil-klima u li ż-żieda fit-temperatura globali għal dan is-seklu tinżamm ferm inqas minn 2 gradi Celsius meta mqabbel mal-livelli preindustrijali. L-UE hija impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030, biex b'hekk tikkomplementa l-ambizzjoni eżistenti tagħha li tikseb ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050<sup>13</sup>. Dan jimplika li s-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jnaqqsu drastikament l-emissjonijiet. Pereżempju, il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għall-2011 ippreveda li s-settur tal-provvista tal-enerġija jenħtieġ li jnaqqas kompletament l-emissjonijiet sal-2050. Il-**Figura 5** turi t-tnaqqis previst fl-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra (GHG) tal-UE.

---

<sup>12</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija, l-2854 Laqgħa tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tat-28 ta' Frar 2008.

<sup>13</sup> KUMM(2011) 112 finali tat-8 ta' Marzu 2011, "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050": "Sabiex it-tibdil fil-klima jinżamm taħt 2°C, fi Frar 2011 il-Kunsill Ewropew ikkonferma mill-ġdid l-oġjettiv tal-UE li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi 80-95 % sal-2050 meta mqabbla mal-1990".

**Figura 5 – Projezzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE, lejn tnaqqis ta' 80 % tal-emissjonijiet domestiċi (meta mqabbel mal-1990)**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050", 2011.

12. Attwalment, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettiv tagħha għall-2020 li tiġġenera 20 % tal-konsum ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-ispejjeż, b'mod partikolari tal-enerġija eolika fuq l-art u ta' dik solari (fotovoltaġċi), naqsu b'mod konsiderevoli. Madankollu, il-prospettiva fuq terminu aktar fit-tul tibqa' problematika. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)<sup>14</sup>, jeħtieġ li l-UE tintensifika b'mod konsiderevoli l-isforzi tagħha wara l-2020 biex tilħaq l-ambizzjonijiet ġenerali tagħha fir-rigward tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-2050 (ara l-**Figura 6**).

<sup>14</sup> Trends and projections in Europe 2017: Tracking progress towards Europe's climate and energy targets (Xejriet u projezzjonijiet fl-Ewropa 2017: Traċċar tal-progress li sar lejn il-miri tal-Ewropa fir-rigward tal-klima u l-enerġija), ir-Rapport tal-EEA Nru 17/2017. Ara l-intestatura "Outlook for greenhouse gas trends in 2050" (Prospettiva għax-xejriet tal-gassijiet serra fl-2050).

**Figura 6 – Xejriet, projezzjonijiet u miri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE**



Sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *Trends and projections in Europe 2016 – Tracking progress towards Europe's climate and energy targets* (Xejriet u projezzjonijiet fl-Ewropa 2016 – Traċċar tal-progress lejn il-miri tal-Ewropa dwar il-klima u l-enerġija).

Sors: Xejriet u projezzjonijiet fl-Ewropa 2017: Traċċar tal-progress li sar lejn il-miri tal-Ewropa fir-rigward tal-klima u l-enerġija, ir-Rapport tal-EEA Nru 17/2017.

13. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-2016<sup>15</sup> dwar l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija, il-Kummissjoni enfasizzat l-isfidi involuti fl-appoġġ għall-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sottomlinjat l-ambizzjoni tal-UE li tkun mexxej globali fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

14. Fl-2018, id-Direttiva emendata dwar l-EU ETS<sup>16</sup> ipprovdiet il-bażi ġuridika għal Fond ta' Innovazzjoni ġdid li se jassorbi kwalunkwe fond mhux minfuq minn NER300 u se jipprovidi finanzjament għal teknoloġiji innovattivi kemm industrijali kif ukoll fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-perjodu sal-2030. Jenħtieġ li t-teknoloġiji li

<sup>15</sup> COM(2016) 763 final tat-30 ta' Novembru 2016 "Aċċellerazzjoni tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija Nadifa".

<sup>16</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

jirċievu l-appoġġ mill-Fond ta' Innovazzjoni jirrappreżentaw soluzzjonijiet rivoluzzjonarji jew ikunu maturi biżżejjed biex ikunu lesti għal dimostrazzjoni fuq skala prekommerċjali.

### **AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR**

15. Fl-awditu tal-prestazzjoni li wettaqna aħna eżaminajna jekk:

**l-appoġġ tal-UE għad-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali tas-CCS u tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli, permezz tal-EEPR u NER300, kienx ġie imfassal, immaniġġjat u kkoordinat b'mod tajjeb biex jippermetti li l-kontribut tagħhom għall-għanijiet fuq terminu twil relatati mal-klima u l-enerġija jkun effettiv.**

16. B'mod partikolari aħna eżaminajna jekk:

- **NER300 u l-EEPR kisbu l-progress mistenni biex jgħinu t-tnedija fuq skala kummerċjali tas-CCS u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli;**
- **it-tfassil u l-ġestjoni ta' NER300** ippermettewx li jittieħdu deċiżjonijiet effettivi;
- **il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni**, kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll bejnha u bejn l-awtoritajiet nazzjonali, humiex robusti biżżejjed sabiex jappoġġaw il-proċess ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa.

17. L-awditu tagħna kopra l-perjodu mill-2008, is-sena li fiha bdew l-attivitajiet ta' NER300, tal-EEPR u tal-Pjan SET, sa tmiem l-2017<sup>17</sup>. Huwa ma fittixx li jivverifika l-eliġibbiltà, il-legalità jew ir-regolarità tal-infiq. Minbarra dan, ma eżaminax b'mod dirett il-politiki, il-fondi jew l-istrumenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji maturi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli<sup>18</sup>. L-awditu ma vvalutax l-attivitajiet ta' monetizzazzjoni u ta' ġestjoni tal-assi tal-BEI għall-fondi ta' NER300.

---

<sup>17</sup> L-**Anness I** jipprovdi kronoloġija li timmappja t-tnedija ta' dawn il-mekkaniżmi u tal-Pjan SET fil-kuntest ta' avvenimenti politiċi u ekonomiċi kbar.

<sup>18</sup> Aħna nirreferu, b'mod partikolari, għar-Rapport Speċjali l-ieħor tagħna dwar l-użu tal-enerġija rinnovabbli f'żoni rurali (RS 5/2018) u għad-Dokument ta' Sfond tagħna intitolat: "Electricity

18. Aħna wettaqna x-xogħol tal-awditjar fl-2017 fil-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ Azzjoni Klimatika, id-DĠ Enerġija u id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni). Żorna wkoll il-BEI u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni. Ix-xogħol tagħna kien jinkludi intervisti u eżaminar ta' dokumenti, inklużi 26 rapport tal-BEI dwar l-evalwazzjoni ta' proġetti u 36 rapport annwali minn 5 Stati Membri<sup>19</sup> dwar proġetti ta' NER300, fajls tal-proġetti tad-9 proġetti kollha dwar l-enerġija eolika fuq il-baħar u tas-6 proġetti tas-CCS taħt il-programm EEPR. Aħna żorna dawn l-Istati Membri biex nintervistaw il-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) għal NER300 u r-rappreżentanti nazzjonali fil-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET. Analizzajna u żorna ħames proġetti tas-CCS biex nivvalutaw ir-riżultati li kienu kisbu bl-użu tal-finanzjament disponibbli. Barra minn hekk, aħna stħarriġna l-Pjattaformi tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija (ETIPs)<sup>20</sup>, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-elettriku solari termali u l-KIC-InnoEnergy<sup>21</sup>. L-ETIPs huma parti mill-arkitettura tal-Pjan SET u jinkludu kemm partijiet ikkonċernati mill-Istati Membri u akkademiċi kif ukoll dawk mill-industrija.

## **OSSERVAZZJONIJIET**

### ***Kemm l-EEPR kif ukoll NER300 jistabbilixxu miri ambizzjużi għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju kif ukoll għall-produzzjoni tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli***

19. Aħna eżaminajna jekk l-EEPR u NER300 għamlux progress effettiv biex jilħqu l-oġġettivi tagħhom li jappoġġaw id-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali tas-CCS u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli. Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni żgurax li l-proġetti li jirċievu l-

---

production from wind and solar photovoltaic power in the EU" (Produzzjoni tal-elettriku mill-enerġija eolika u solari fotovoltajka fl-UE), tal-20 ta' Frar 2018.

<sup>19</sup> Il-Ġermanja, Spanja, in-Netherlands, il-Polonja u r-Renju Unit. Aħna bbażajna l-għażla tagħna fuq is-sehem sinifikanti li dawn il-pajjiżi għandhom fl-emissjonijiet tal-EU ETS u fuq l-interess tagħhom fis-CCS taħt l-EEPR u NER300.

<sup>20</sup> Aħna bgħatna l-mistoqsijiet tal-istħarriġ tagħna lill-ETIPs għall-Enerġija Eolika, Solari u Fotovoltajka, l-Enerġija mill-Oċeani, is-CCS, il-Bijoenerġija, l-Enerġija Ġeotermali fil-Fond, u l-Grilji Intelliġenti.

<sup>21</sup> [www.innoenergy.com](http://www.innoenergy.com).

finanzjament mill-UE humiex qed jonfqu dawn il-flus b'mod tajjeb u jekk humiex qed jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-programm.

### **L-EEPR ma laħaqx l-ambizzjonijiet tiegħu relatati mal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju ...**

20. F'Ġunju 2008, il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew appellaw lill-Kummissjoni biex tipproponi mekkaniżmu li jiżgura l-kostruzzjoni u l-operat ta' 12-il impjant ta' dimostrazzjoni tas-CCS fuq skala kummerċjali fl-UE sal-2015. Il-proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS kellhom jiksbu tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-enerġija filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-bażi teknoloġika u kummerċjali meħtieġa għar-replikazzjoni tat-teknoloġija bnadi oħra. L-EEPR kellu jikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv<sup>22</sup>.

21. Il-Kummissjoni tat EUR 1 biljun lil sitt proġetti. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni kienet ħallset EUR 424 miljun (ara t-**Tabella 1**). Erbgħa minn dawn is-sitt proġetti kkofinanzjati kienu ntemmu wara li ġie tterminat il-ftehim ta' għotja, u proġett wieħed intemm mingħajr ma ġie kkompletat. L-uniku proġett ikkompletat ma kienx jirrappreżenta proġett ta' dimostrazzjoni tas-CCS fuq livell kummerċjali, iżda faċilitajiet pilota ta' daqs iżgħar għall-ġbir, it-trasport u l-ħżin.

---

<sup>22</sup> Kien hemm 12-il proġett eliġibbli li ġew elenkati fl-anness tar-Regolament (KE) Nru 663/2009 dwar l-EEPR.

**Tabella 1 – Stampa ġenerali tal-istatus tal-programm dwar is-CCS tal-EEPR fi tmiem l-2017**

Post tal-proġett	Status tal-Azzjoni tal-EEPR f'Ottubru 2017	Kategorija	Kontribuzzjoni mistennija għall-objettiv tat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*	Spiża eliġibbli totali tal-Azzjoni tal-EEPR (skont il-ftehim ta' għotja) f'miljun EUR	Għotja tal-KE f'miljun EUR	Kofinanzjament tal-Azzjoni % (ftehim ta' għotja)	Għotja netta mħallsa tal-KE (wara l-irkupri - Ottubru 2017)
DE	Itterminata	CCS	10	305	180	59%	15
PL	Itterminata	CCS	9	610	180	29%	21
IT	Itterminata	CCS	5	143	100	70%	35
NL	Itterminata	CCS	6	371	180	48%	67
UK	Intemmet mingħajr ma ġiet ikkompletata	CCS	17	274	180	66%	120
ES	Faċilitajiet pilota - użu limitat - l-ebda dimostrazzjoni tas-CCS fuq skala sħiħa	CCS	5	263	180	69%	166
* L-ammont antiċipat ta' CO <sub>2</sub> miġbur u maħżun fl-ewwel ħames snin għal kull applikazzjoni għall-għotja (miljun tunnellata).				<b>Finanzjament mill-UE totali mogħti:</b>	1 000	<b>Finanzjament mill-UE totali mħallas:</b>	424

*NB:* Jista' jkun hemm aktar korrezzjonijiet għall-proġetti tar-Renju Unit u tan-Netherlands suġġetti għall-proċeduri ta' stralċ.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq id-*data* tal-Kummissjoni<sup>23</sup>.

22. Għalhekk, is-sottoprogramm dwar is-CCS tal-EEPR ma kkontribwixx għall-kostruzzjoni u għall-bidu tal-operat ta' xi proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS. Il-**Kaxxa 2** tipprovdi eżempji ta' kif il-proġetti nefqu l-flus tal-UE. Filwaqt li ġeneralment ikun hemm xi drabi fejn il-programmi ta' innovazzjoni ma jirriżultaw, ir-riżultati miksuba permezz tal-investimenti mill-UE għal proġetti mhux ikkompletati huma ferm inqas mil-livell oriġinarjament mistenni. Minbarra dan, dawn il-proġetti ma laħqux il-miri tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet previsti<sup>24</sup> għall-Istati Membri kkonċernati.

#### **Kaxxa 2 – Eżempji minn proġetti tal-EEPR dwar is-CCS**

Il-proġetti kollha bdew xogħlijiet ta' tnejn fuq il-post minn kmieni. L-ebda riżultat tanġibbli miksub minn dawn l-attivitajiet ma jintuża llum, ħliet fil-proġett fi Spanja. Għall-proġett fin-Netherlands inbniet sistema tas-CCS fil-bażi taċ-ċumnija li tarmi l-gass mit-tromba fl-impjant tal-faħam li beda l-

<sup>23</sup> SWD(2018) 48 final tal-5 ta' Marzu 2018 "Data on the budgetary and technical implementation of the European Energy Programme for Recovery" (*Data* dwar l-implimentazzjoni baġitarja u teknika tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru).

<sup>24</sup> Fil-każ tal-proġett fir-Renju Unit, l-impjant tal-enerġija assoċjat il-ġdid ma nbeniex u għalhekk qatt ma kellu emissjonijiet CO<sub>2</sub>.

operat tiegħu fl-2013. Dan kien l-uniku proġett tal-EEPR dwar is-CCS li kiseb permess għall-ħżin tal-karbonju taħt id-Direttiva dwar is-CCS<sup>25</sup> fil-post tal-ħżin antiċipat li kien fuq il-baħar, iżda bħalissa dan la jiġbor u lanqas jaħżen il-karbonju. L-akbar partita ta' nfiq tal-proġett fir-Renju Unit kienet tinkludi liċenzji għat-teknoloġiji li ġew akkwistati għal EUR 17-il miljun u li attwalment huma kompletament deprezzati. Minkejja li l-UE kkontribwiet EUR 60 miljun għax-xogħol ta' ġbir, il-proġett ma ta l-ebda riżultat fir-rigward ta' dan. L-isponsors tal-proġett qatt ma bdew il-kostruzzjoni tal-impjant bażi tal-enerġija li għalih kienu se jiġu applikati l-faċilitajiet tas-CCS. Kien hemm kwistjonijiet simili għall-proġetti fl-Italja, fil-Ġermanja u fil-Polonja, iżda dawn ġew ikkanċellati minnufih.

**... iżda kkontribwixxa b'mod pożittiv għas-settur - li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla - tal-enerġija eolika fuq il-baħar**

23. Is-sottoprogramm tal-EEPR dwar l-Enerġija Eolika fuq il-Baħar kellu l-għan li jiffinanzja, bejn l-2009 u l-2015, lil dawk il-proġetti tal-enerġija eolika fuq il-baħar li jkollhom karatteristiċi innovattivi. Dan kien jinvolvi pereżempju proġetti li jużaw turbini innovattivi u strutturi ta' pedament li jippermettu l-bini tal-ewwel park eoliku fuq skala kbira (400 Mwh) 'il barra ħafna fil-baħar (> 100 KM) u fil-fond ħafna (> 40 M) għall-produzzjoni ta' elettriku nadif. Il-programm kellu l-għan ukoll li jżid il-konnessjonijiet tal-grilja bejn il-parks eoliċi fuq il-baħar u diversi Stati Membri, b'mod partikolari fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku. Dan kien jinkludi l-użu ta' teknoloġiji innovattivi ta' konnessjoni mal-grilja fuq skala kummerċjali.

24. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni kienet ħallset EUR 255 miljun mill-EUR 565 miljun li kienet allokata għal disa' proġetti tal-enerġija eolika fuq il-baħar. Erba' minnhom kienu ġew ikkompletati għalkollox. Għal żewġ proġetti, il-ftehimiet ta' għotja kienu ġew itterminati b'mod bikri wara li l-Kummissjoni kienet ħallset EUR 7.4 miljun. Tliet proġetti għadhom għaddejjin fl-2018. It-**Tabella 2** tagħti sommarju ta' dawn ir-riżultati.

---

<sup>25</sup> Id-Direttiva dwar is-CCS tal-2009 tipprovdi qafas legali għall-ħżin ġeoloġiku ambjentalment sikur ta' CO<sub>2</sub> tul id-durata kollha tal-ħajja tiegħu u tistabbilixxi l-kriterji għall-permessi tal-ħżin. Ara [https://ec.europa.eu/clima/policies/lowcarbon/ccs/directive\\_en](https://ec.europa.eu/clima/policies/lowcarbon/ccs/directive_en).

**Tabella 2 – Stampa ġenerali li turi l-istatus tal-programm tal-EEPR dwar l-enerġija eolika fuq il-baħar fi tmiem l-2017**

Post tal-proġett	Status tal-Azzjoni tal-EEPR f'Ottubru 2017	Kategorija	Kontribuzzjoni mistennija għall-objettiv tat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*	Spiża eliġibbli totali tal-Azzjoni tal-EEPR (skont il-ftehim ta' għotja) f'miljun EUR	Għotja tal-KE f'miljun EUR	Kofinanzjament tal-Azzjoni % (ftehim ta' għotja)	Għotja netta mħallsa tal-KE (wara l-irkupri Ottubru 2017)
UK	Itterminata	GRILJA OWE	M.A. (Grilja)	149	74	50%	3
DE	Itterminata	TURBINI U STRUTTURI OWE	Ebda data	205	59	29%	4
DK/NL	Għadha għaddejja (iddewmet)	GRILJA OWE	M.A. (Grilja)	173	87	50%	5
DE/DK	Għadha għaddejja (iddewmet)	GRILJA OWE	M.A. (Grilja)	507	150	30%	58
UK	Għadha għaddejja (iddewmet)	TURBINI U STRUTTURI OWE	> 80 MWh	190	40	21%	28
DE	lkkompletata	TURBINI U STRUTTURI OWE	> 400 MWh	118	53	45%	53
DE	lkkompletata	TURBINI U STRUTTURI OWE	> 295 MWh	488	50	10%	50
DE	lkkompletata	TURBINI U STRUTTURI OWE	> 400 MWh	220	43	19%	43
BE	lkkompletata	TURBINI U STRUTTURI OWE	> 270 MWh	24	10	42%	10
* Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni annwali antiċipata tal-elettriku nadif.			> 1445 MWh	<b>Finanzjament mill-UE totali mogħti:</b>	565	<b>Finanzjament mill-UE totali mħallas:</b>	255

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq id-data tal-Kummissjoni<sup>26</sup>.

25. Erba' proġetti żviluppaw b'suċċess il-kapaċità li jiġġeneraw kwantità kbira ta' enerġija elettrika nadifa filwaqt li t-tliet proġetti li ddewmu għadhom f'pożizzjoni li jikkontribwixxu għall-istess objettiv jew li jtejbu l-integrazzjoni tal-grilja tal-enerġija fl-UE. Il-finanzjament mill-UE għall-proġetti tal-enerġija eolika fuq il-baħar mill-2009 'l quddiem ta sinjal pożittiv għal dak li issa huwa settur li qed jiżviluppa b'rata mgħagħġla<sup>27</sup>.

26. Minħabba l-iżvilupp rapidu tas-settur (li wassal għal xi konġestjonijiet fil-provvista), it-tliet proġetti li ddewmu, b'mod partikolari, kienu jeħtieġu aġġustamenti frekwenti. Il-Kummissjoni wriet flessibbiltà sinifikanti fl-aċċettazzjoni tal-emendi fil-ftehimiet ta' għotja.

#### Dawn il-programmi tal-EEPR ma laħqux l-objettiv li jstimulaw tkabbir ekonomiku rapidu

27. Fl-isfond tal-kriżi ekonomika, wieħed mill-objettivi ċentrali tal-programm tal-EEPR kien li jstimula t-tkabbir ekonomiku billi jagħti spinta lill-investimenti u joħloq impjiegi. Dan kien

<sup>26</sup> SWD(2018) 48 final.

<sup>27</sup> Skont ir-rapport tal-AIE għall-2017 intitolat "Renewable Energy Technology Deployment" (L-Użu ta' Teknoloġija tal-Enerġija Rinnovabbli), it-tnaqqis fl-ispiża ta' 60 % mill-2010 sal-2017 jindika li l-miri tal-industrija għall-2025 inqabżu 8 snin qabel iż-żmien, li jissuġġerixxi li l-enerġija eolika fuq il-baħar tista' potenzjalment tiġi integrata bis-siġħ fis-suq fuq bażi kompetittiva f'xi wħud mill-pajjiżi Ewropej fl-għaxar snin li ġejjin. Attwalment, l-UE hija mexxej globali fl-użu tal-enerġija eolika fuq il-baħar.

jirrikjedi li porzjon kbir mill-fondi disponibbli kellhom jintnefu sa tmiem l-2010<sup>28</sup>. Filwaqt li l-infiq tal-flus mhuwiex objettiv fih innifsu, il-programmi tal-EEPR dwar is-CCS u l-enerġija eolika fuq il-baħar ma laħqux dan l-objettiv ta' rkupru. Ir-rati ta' pagamenti kienu madwar 10 % fi tmiem l-2010, u kienu għadhom inqas minn 50 % għaż-żewġ programmi fi tmiem l-2017.

### **Il-programm NER300 ma wettaq l-ebda proġett ta' suċċess għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju**

...

28. NER300 kellu l-għan li jagħti finanzjament lil tmien proġetti li juru l-vijabbiltà kummerċjali tas-CCS. Dan il-finanzjament seta' jingħata lil proġetti diġà ffinanzjati taħt l-EEPR, jew lil proġetti oħra ta' dimostrazzjoni tas-CCS. Wara l-ewwel sejħa għal proposti ta' NER300, 10 proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS kienu eliġibbli u kienu għaddew b'suċċess mill-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta tal-BEI (ara l-**paragrafi 66 sa 75**). Il-Kummissjoni kklassifikat tmien proġetti biex jiġu kkunsidrati għal finanzjament b'għotjiet u żammet tnejn fuq lista ta' riżerva<sup>29</sup>.

29. Abbażi ta' din il-klassifikazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jikkonfermaw l-appoġġ tagħhom għal dawn il-proġetti. Minnhom kien hemm 3 Stati Membri li kkonfermaw 5 minn dawn l-10 proġetti. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li dawn il-konfermi ma kinux f'konformità mar-rekwiżiti leġali ta' NER300 (il-**Kaxxa 3** tagħti xi eżempji) u ma tat l-ebda għotja lill-proġetti tas-CCS għall-ewwel sejħa għal proposti.

#### **Kaxxa 3 – Eżempji ta' proġetti tas-CCS li ġew irrifjutati mill-Kummissjoni iżda ġew ikkonfermati mill-Istati Membri**

Il-Kummissjoni rrifjutat proġett tas-CCS industrijali fin-Netherlands ikkonfermat mill-Istat Membru minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru dwar iċ-ċifri tal-finanzjament. L-

<sup>28</sup> Skont il-kriterji tal-għoti għall-proġetti tas-CCS u tal-Enerġija Eolika fuq il-baħar (eż. l-Artikolu 14(2)a tar-Regolament dwar l-EEPR), jenħtieġ li l-għotjiet jingħataw lil proġetti li jilħqu l-istadju ta' investiment u li jġarrbu nfiq kapitali sostanzjali sa tmiem l-2010.

<sup>29</sup> SWD(2012) 224 final tat-12 ta' Lulju 2012, "NER300 – Moving towards a low carbon economy and boosting innovation, growth and employment across the EU" (NER300 – Lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u spinta lill-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjieg fl-UE).

aġġustamenti tal-BEI kienu żvelaw defiċit fil-finanzjament ta' EUR 40 miljun li l-ebda parti ma kienet lesta li tpatti għalih.

Il-Kummissjoni sabet li l-konferma ta' tliet proġetti min-naħa tar-Renju Unit ma kinitx konformi mar-regoli ta' NER300 minħabba li l-appoġġ ta' dawn il-proġetti kien kundizzjonali fuq is-suċċess finali tagħhom li jiksbu l-finanzjament f'kompetizzjoni nazzjonali li kienet għaddejja f'dak il-perjodu. Minħabba dan, il-kontribuzzjoni totali tal-finanzjament pubbliku ma ġietx ikkonfermata u l-Kummissjoni ma tatx l-appoġġ li jingħata taħt il-programm NER300 lil dawn il-proġetti.

30. Taħt it-tieni sejħa għal proposti fl-2014, ir-Renju Unit biss ippreżenta proġett tas-CCS. Il-Kummissjoni tat għotja ta' EUR 300 miljun lill-proġett li kien inkluż ukoll fl-iskema ta' appoġġ nazzjonali għas-CCS tar-Renju Unit. Dan il-proġett kellu l-pjan li jiġbor u jaħżen kważi 18-il miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> fuq perjodu ta' dimostrazzjoni ta' 10 snin. Madankollu, f'Novembru 2015, ir-Renju Unit ikkanċella l-iskema ta' appoġġ tiegħu wara analiżi tal-infiq. Dan wassal għal defiċit sinifikanti fil-finanzjament u għax-xoljiment tal-konsorzju. Fiż-żmien tal-awditu, kienu għaddejjin it-tnejjiet biex il-proġett jiġi rtirat minn NER300, li jfisser li l-għotja ta' EUR 300 miljun li nġhatat iżda li għad trid titħallas, ma kinitx se tintnefaq fuq l-objettiv tas-CCS ta' NER300<sup>30</sup>.

### **... u mhuwix fit-triq it-tajba biex jilħaq l-impatt intenzjonat tiegħu għas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli**

31. Minbarra s-CCS, il-programm NER300 kellu l-għan<sup>31</sup> li jappoġġa mill-inqas proġett wieħed f'kull subkategorija tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli biex juri l-vijabbiltà ta' firxa ta' sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli li għadhom mhumiex kummerċjalment disponibbli<sup>32</sup>.


<sup>30</sup> Il-fondi ta' NER300 li ma ntnefqux xorta jistgħu jintużaw taħt programmi oħra li jappoġġaw is-CCS jew jiġu riportati għall-Fond ta' Innovazzjoni futur, li wkoll se jappoġġa lis-CCS.

<sup>31</sup> L-Artikolu 8(1) u l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE.

<sup>32</sup> Fit-tnejja ta' NER300 fl-2010, dawn kienu jinkludu l-enerġija mir-riħ, l-enerġija mill-oċeani, il-bijoenerġija, il-fotovoltaġċi, il-konċentrazzjoni tal-enerġija solari, l-enerġija idroelettrika, l-enerġija ġeotermika u l-grilji intelliġenti.

32. Il-Kummissjoni tat EUR 1.8 biljun mill-fondi ta’ NER300 lil 38 proġett innovattiv tal-enerġija rinnovabbli fl-2012 u fl-2014<sup>33</sup>. Fuq il-bażi ta’-ċifri tal-outputs mistennija stabbiliti qabel id-deċiżjonijiet ta’ għotja, il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli huma mistennija jiġġeneraw kważi 85 TWh ta’ enerġija nadifa fl-ewwel ħames snin tal-operat tagħhom. Il-**Figura 7** tipprovdi stampa ġenerali tal-istatus ta’ dawn il-proġetti ta’ NER300 fi Frar 2018. L-**Anness II** jipprovdi d-data.

**Figura 7 – Stampa ġenerali tal-istatus tal-proġetti innovattivi tal-enerġija rinnovabbli taħt NER300**



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq analiżi tad-data ta’ NER300.

<sup>33</sup> Permezz tad-Deċiżjoni ta’ Għotja C(2012) 9432 final tat-18 ta’ Diċembru 2012 ingħataw għotjiet lil 20 proġett tal-enerġija rinnovabbli u permezz tad-Deċiżjoni ta’ Għotja C(2014) 4493 final tat-8 ta’ Lulju 2014 ingħataw għotjiet lil 18-il proġett tal-enerġija rinnovabbli u lil proġett wieħed tas-CCS.

33. Taħt il-leġiżlazzjoni oriġinali dwar il-programm NER300, id-deċiżjoni finali ta' investiment kellha tintlaħaq fi żmien sentejn (jiġifieri fl-2014 u fl-2016) u l-proġetti jsiru operattivi sa mhux aktar tard minn erba' snin (jiġifieri fl-2016 u fl-2018) wara d-deċiżjonijiet ta' għotja.

34. Fi Frar 2015, il-Kummissjoni emendat id-Deċiżjoni dwar NER300, u estendiet id-dati ta' skadenza għad-deċiżjoni finali ta' investiment u għad-dħul fis-seħħ b'sentejn<sup>34</sup>. Id-Deċiżjoni ta' emenda semmiet li l-kriżi ekonomika kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn għadd sinifikanti ta' proġetti li ngħataw il-fondi ta' NER300 ma setgħux jilħqu d-deċiżjoni finali ta' investiment fid-dati ta' skadenza oriġinali. Minkejja li dawn id-dati ta' skadenza ġew estiżi, seba' proġetti (b'għotjiet totali mogħtija li jaqbżu l-EUR 500 000 000) kienu ġew irtirati minn NER300 fil-bidu tal-2018. Proġett ieħor, li jirrappreżenta EUR 31 miljun oħra, aktarx li kien se jiġi rtirat fl-2018. Għal 14-il proġett li ngħataw għotjiet fl-2014 għandhom jilħqu deċiżjoni finali ta' investiment fl-2018.

35. Jenħtieġ li proġett jilħaq 75 % tal-ammont mistenni ta' enerġija prodotta fi żmien ħames snin ta' operat biex jikseb 100 % tal-għotja. Fi tmiem l-2017, tliet proġetti operazzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli kienu rċevew żborżamenti annwali bbażati fuq l-outputs tal-enerġija tagħhom. Żewġ proġetti tal-bijoenerġija li bdew joperaw kif ippjanat kienu qed jipproduċu outputs li kienu ferm aktar baxxi milli antiċipat. Għalhekk, dawn ma kinux fit-triq it-tajba biex jissodisfaw is-soll tal-outputs ta' 75 % meħtieġ biex jitolbu l-għotjiet sħaħ. Il-proġett tal-enerġija eolika li ilu jirċievi żborżamenti mill-2014 kien fit-triq it-tajba.

36. Minħabba l-irtirar, id-dewmien u l-outputs aktar baxxi milli mistenni tal-proġetti, il-programm NER300 mhuwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq l-impatt intenzjonat fuq firxa wiesgħa ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u biex jippermetti l-ewwel dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali tagħhom.

---


<sup>34</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/191 tal-5 ta' Frar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/670/UE fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 9 u l-Artikolu 11(1) ta' dik id-Deċiżjoni (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 31).

***Il-proġetti tal-EEPR u NER300 ġew affettwati minn kundizzjonijiet avversi ta' investment***

37. Il-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom riskju teknoloġiku u finanzjarju għoli u għalhekk jiffaċċjaw ħafna sfidi biex jiġu implimentati fis-suq. Il-kwistjonijiet ekonomiċi u regolatorji usa' jaffettwaw l-aċċess tagħhom għall-finanzjament. F'din it-taqsimha, aħna nesploraw kif dawn il-fatturi affettwaw il-prestazzjoni tal-programmi EEPR u NER300.

38. Aħna stħarriġna l-Pjattaformi tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija li huma assoċjati mal-arkitettura tal-Pjan SET u żewġ organizzazzjonijiet oħra (ara l-***paraġrafu 18***) biex niddeterminaw l-ostakli prinċipali għas-sejba ta' finanzjament għall-proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali fl-UE. Ir-riżultati ppreżentati fil-***Figura 8*** juru kunsens fost il-partijiet ikkonċernati kkonsultati rigward ir-rilevanza ta' għadd ta' ostakli ewlenin.

**Figura 8 – Riżultati tal-istħarriġ dwar l-ostakli għall-finanzjament ta' proġetti ta' dimostrazzjoni**



Sors: il-QEA.

39. Meta programmi bħall-EEPR u NER300 ġew ikkonċepiti fl-2008, il-prezzijiet taż-żejt, tal-faħam, tal-gass u tal-elettriku bl-ingrossa kienu f'livelli li storikament kienu għolja ħafna. Huma kollha naqsu drastikament matul l-2009, eżatt qabel it-tnedija tal-programmi. Filwaqt li l-prezzijiet taż-żejt irkupraw qabel ma reġgħu naqsu fl-2014, dawn il-fatturi huma xprunaturi importanti għall-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. It-tnaqqis u l-volatilità fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili għamlu l-investimenti f'teknoloġiji tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju anqas attraenti meta mqabbla mas-sorsi tal-enerġija tal-fjuwils fossili.

40. Il-paragrafi li jmiss jiddeskrivu kif ostakli ewlenin oħra jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-finanzjament tal-proġetti NER300 u EEPR (l-**Annex III** jorbot dawn l-ostakli maċ-ċifri tal-prestazzjoni ta' dawn il-programmi).

## **L-inċertezza fl-oqfsa regolatorji u fil-politiki affettwat il-klima ta' investiment għall-proġetti ta' dimostrarzjoni**

41. Fid-dawl tal-isfida għall-finanzjament ta' proġetti ta' dimostrarzjoni b'riskju għoli, id-Direttiva dwar l-ETS u d-Deċiżjoni dwar NER300 kienu żiedu l-aspettattivi ta' proġetti potenzjali fir-rigward tal-fatt li l-Istati Membri kienu se jikkontribwixxu għall-finanzjament pubbliku nazzjonali ta' dawk il-proġetti magħżula taħt NER300. Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jikkonfermaw dan għall-proġetti magħżula qabel tagħtihom il-fondi ta' NER300.

42. L-appoġġ tal-Istati Membri seta' jikkonsisti minn għotjiet kapitali għall-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura. Seta' jinkludi wkoll benefiċċji addizzjonali bħal tariffi (ara l-**Kaxxa 4**) jew primjums "feed-in" li jappoġġaw l-operat tal-installazzjonijiet mibnija ġodda. Ir-regoli dwar il-programm NER300 ippermettew ukoll li l-Istati Membri joħroġu garanzija biex il-BEI ikun jista' jirrilaxxa parti mill-fondi mogħtija lil proġetti qabel ma dawn isiru operazzjonali. Aħna sibna li fiż-żmien meta wettaqna l-awditu kien hemm biss erba' proġetti f'erba' Stati Membri li fil-fatt ibbenefikaw minn din il-garanzija u rċewew ħlasijiet bil-quddiem mill-BEI.

### **Kaxxa 4 – Tariffi u primjums "feed-in" għall-enerġija rinnovabbli**

It-tariffa "feed-in" hija skema ta' appoġġ li taħtha jitħallsu prezzijiet fissi tal-elettriku lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli għal kull unità ta' enerġija prodotta u injettata fil-grilja elettrika. Il-pagament tat-tariffa huwa garantit għal ċertu perjodu ta' żmien li spiss ikun relatat mad-durata tal-ħajja ekonomika tal-proġett rispettiv relatat mal-enerġija rinnovabbli (normalment bejn 10-25 sena).

Il-primjum "feed-in" huwa skema ta' appoġġ li taħtha l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli tipikament jinbiegħ fis-suq tal-elettriku, u l-produtturi jirċievu primjum li jiżdied mal-prezz tas-suq tal-produzzjoni tal-elettriku tagħhom. Il-primjum jista' jkun kemm fiss (jiġifieri f'livell kostanti indipendenti mill-prezzijiet tas-suq) kif ukoll varjabbli (jiġifieri b'livelli varjabbli skont l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq)<sup>35</sup>.

<sup>35</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2018 "Enerġija rinnovabbli għal żvilupp rurali sostenibbli: sinerġiji sinifikanti huma possibbli iżda fil-biċċa l-kbira mhumiex qed jiġu realizzati".

43. Fl-2012, qabel l-ewwel deċiżjoni ta' għotja, il-BEI kien informa lill-Kummissjoni li l-vijabbiltà tal-pjanijiet ta' finanzjament ippreżentati kienu jiddependu ħafna fuq l-appoġġ li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-forma ta' tariffi "feed-in", għotjiet jew mekkaniżmi oħra. F'xi każijiet, kienu ġie preżunt li l-għotjiet u s-sussidji addizzjonali mill-Istati Membri kienu se jikkomplementaw bis-sħiħ l-għotja ta' NER300 għall-finanzjament tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti. Il-BEI kien osserva li fil-biċċa l-kbira mill-każijiet l-Istati Membri kienu għadhom ma ddefinewx b'mod ċar jew laħqu qbil dwar dawn il-mekkaniżmi ta' appoġġ fl-għeluq tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-proġetti.

44. Mill-2014<sup>36</sup>, il-Kummissjoni rrikjediet li l-Istati Membri jużaw proċeduri kompetittivi ta' offerti biex jiddeterminaw il-livelli tal-appoġġ li jitħallas lill-promoturi tal-enerġija rinnovabbli. Qabel, l-Istati Membri spiss kienu jużaw tariffi "feed-in" maqbula mal-fornituri tal-enerġija għal perjodi twal (eż. 25 sena). Mill-2017, jenħtieġ li l-proċeduri kompetittivi tal-irkantar ikunu l-uniku mudell ta' sussidju għall-appoġġ operazzjonali. L-approċċ il-ġdid għall-għoti ta' dan it-tip ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli ma kienx se jipprevjeni lill-Istati Membri milli jkomplu jappoġġaw il-proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi. Il-linji gwida tal-Kummissjoni pprovdeu il-possibbiltà li t-teknoloġiji l-ġodda bi spejjeż ogħla għal kull unità ta' enerġija prodotta jingħataw deroga mill-proċess ta' offerti. Filwaqt li l-iskemi nazzjonali għall-appoġġ operazzjonali kienu qed jinbidlu fl-UE kollha, il-proġetti ta' NER300 li ġew ikkonċepiti fi żmien it-tariffi "feed-in" kienu għadhom qed jippruvaw jilħqu deċiżjoni finali ta' investiment. Għalhekk, huma ffaċċjaw inċertezza dwar id-disponibbiltà tal-appoġġ operazzjonali futur.

45. Il-**Kaxxa 5** tagħti eżempju ta' proġett li fl-aħħar mill-aħħar ġie rtirat minħabba bidliet fl-ambjent regolatorju u f'dak tal-appoġġ finanzjarju.

---

<sup>36</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (2014/C 200/01) tat-28 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-2013: id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat: "European Commission guidance for the design of renewables support schemes, accompanying the document 'Communication from the Commission – Delivering the internal market in electricity and making the most of public intervention'" (Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għat-fassil ta' skemi ta' appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li takkumpanja d-dokument intitolat "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – It-Twettiq tas-suq intern tal-elettriku u l-isfruttament tal-intervent pubbliku"), SWD(2013) 439 final tal-5 ta' Novembru 2013.

### **Kaxxa 5 – Eżempju ta’ proġett ta’ NER300 li ma setax jilħaq id-deċiżjoni finali ta’ investment**

Proġett relatat mal-enerġija mill-oċeani fir-Renju Unit kien jiddependi fuq l-aċċess għall-mekkaniżmu ta’ appoġġ nazzjonali li kien fis-seħħ għall-enerġija rinnovabbli meta kien applika għall-finanzjament ta’ NER300. F’dak iż-żmien fl-2012, l-Istat Membru kellu fis-seħħ mekkaniżmu ta’ appoġġ li kien se jipprovdi finanzjament għal dan il-proġett relatat mal-enerġija mill-oċeani. Fuq din il-bażi, l-Istat Membru kien ikkonferma l-proposta ta’ għotja mill-programm NER300 tal-Kummissjoni.

Madankollu, il-politika dwar l-enerġija tal-Istat Membru nbidlet matul id-durata tal-iskema NER300. Fl-2016, dawk responsabbli għall-proġett irrappurtaw li taħt skema ta’ rkantar kompetittiva ġdida, il-proġett ma rnexxilux jikseb appoġġ għad-dħul, minħabba l-fatt li l-Istat Membru kien neħħa d-delimitazzjoni għas-settur marimittu minn dik l-iskema. Fin-nuqqas ta’ sorsi ta’ finanzjament alternattivi biex ikopru d-defiċit fil-finanzjament li rriżulta, il-proġett ma setax jilħaq il-FID sal-31 ta’ Diċembru 2016 u ġie rtirat.

46. Għall-proġetti tas-CCS taħt l-EEPR, l-appoġġ mill-Istat Membru wkoll ma mmaterjalizzax kif mistenni. Il-**Kaxxa 6** tagħti xi eżempji.

### **Kaxxa 6 – Proġetti tal-EEPR dwar is-CCS u inċertezza regolatorja**

Il-proġett tal-EEPR fil-Ġermanja beda x-xogħlijiet kmieni wara t-tnedija b’suċċess ta’ impjant pilota u ta’ faċilità assoċjata għall-ħżin fuq l-art. Minkejja l-impenn inizjali min-naħa tal-Istat Membru għal din it-teknoloġija kif ukoll għall-proġett, id-dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-CCS u fit-tfassil finali tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar is-CCS wasslu biex l-isponsor tal-proġett jiddeċiedi li l-proġett ma kienx vijabbli. Għalhekk, il-proġett ġie kkanċellat fl-2013 filwaqt li l-Kummissjoni kienet diġà ħallset EUR 15-il miljun.

Fir-rigward tal-proġett tal-EEPR fir-Renju Unit, kienet ġiet ippreżentata offerta fit-tieni kompetizzjoni tas-CCS organizzata mill-pajjiż (2012-2015)<sup>37</sup>: skema nazzjonali li tappoġġa żewġ proġetti ta’

<sup>37</sup> Ara “Carbon capture and storage: the second competition for government support” (Ġbir u ħżin tal-karbonju: it-tieni kompetizzjoni għall-appoġġ mill-gvern), Rapport mill-Kontrollur u mill-Awditur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, l-20 ta’ Jannar 2017. Ammont ta’ £ 100 miljun ġie allokati taħt il-programm għall-finanzjament ta’ 75 % tal-ispejjeż tat-tfassil u tal-inġinerija ta’ żewġ offerenti (l-istudji FEED). Għaż-żewġ proġetti kien hemm disponibbli appoġġ kapitali li jammonta għal £ 900 miljun. Saru offerenti għal tmien proġetti, filwaqt li għal xi wħud saru applikazzjonijiet għal għotjiet ta’ NER300.

dimostrazzjoni li jkopru l-katina kollha tas-CCS. F'Ottubru 2012, il-gvern ma għażilx dan il-proġett għall-appoġġ, anke jekk kien approva l-inklużjoni tiegħu fil-lista oriġinali tal-proġetti magħżula minn qabel għall-EEPR fl-2009. Imbagħad, il-proġett naqas ukoll milli jieħu l-għotja ta' NER300 fl-2012. Madankollu, mill-2009 'l hawn, il-Kummissjoni ħallset total ta' EUR 120 miljun għal dan il-proġett taħt l-EEPR. Minħabba li ma kisibx l-appoġġ pubbliku mistenni minn sorsi oħra, kif ukoll minħabba d-diskussjonijiet mtawla bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni dwar kif il-proġett jista' jiġi appoġġat permezz ta' mekkaniżmi oħra fi stadji aktar tard, il-vijabbiltà tal-proġett u l-valur miksub għall-fondi mill-UE mħallsa ġew kompromessi.

47. Ir-reġimi regolatorji u l-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli għandhom l-għan li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi dwar il-klima u l-enerġija tal-Istat Membru u tal-UE. Dawn għandhom jiġu allinjati ma' ftehimiet internazzjonali dwar il-klima u ma' oġettivi fuq terminu twil għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (jiġifieri lejn l-2050 u lil hinn). Madankollu, meta dawn l-oġettivi dwar il-klima u l-enerġija ma jiġux stabbiliti b'mod ċar (eż. jiġu ppromulgati fil-liġi) u ma jkollhomx prospettiva stabbli fit-tul, dan joħloq aktar inċertezza li tagħmel ħsara lill-kundizzjonijiet ta' investiment għal dan it-tip ta' proġetti innovattivi u riskjużi. Il-**Kaxxa 7** tiddekrivi fil-qosor kif għad baqa' ħafna xogħol xi jsir fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

**Kaxxa 7 – Strateġiji ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-impatt tagħhom fuq l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija**

Taħt ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ (MMR) tal-UE tal-2013, l-Istati Membri kienu meħtieġa jippreżentaw lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent sal-2015 l-“Istrateġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju” għall-2050, u jirrapportaw il-progress f'Marzu 2017.

Skont studju reċenti<sup>38</sup>, sal-2017, mit-28 Stat Membru, kienu biss 13 li kellhom strateġiji li kienu jikkwalifikaw bħala strateġiji ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju taħt il-kriterji

<sup>38</sup> “A climate for the future: assessing the Member States’ low-carbon development strategies and lessons for Energy Union Governance – an update – the outlook in October 2017” (Il-klima għall-ġejjieni: il-valutazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju tal-Istati Membri u t-tagħlimiet għall-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija – aġġornament – il-prospettiva f'Ottubru 2017), il-proġett WWF Maximiser.

żviluppanti mill-proġett. Fl-istudju ġie rrappurtat li l-kwalità tal-istrategġiji ppreżentati tvarja ħafna u li mhux l-istrategġiji u l-politiki kollha inklużi f'dawn id-dokumenti ġew ippromulgati fil-liġi.


Ir-Regolament propost dwar l-Unjoni tal-Enerġija ta' Novembru 2016 jirrikjedi li l-Istati Membri jipproduċu pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima (NCEPs) għall-perjodu mill-2021 sal-2030 u għad-deċennji ta' wara fuq bażi kontinwa. L-Istati Membri se jkollhom ukoll iħejju u jirrappurtaw lill-Kummissjoni sa Jannar 2020 u kull 10 snin l-istrategġiji fit-tul tagħhom għal emiżsjonijiet baxxi b'perspettiva ta' 50 sena.

48. L-inċertezza fil-politiki, fir-regolamenti u fl-appoġġ finanzjarju pubbliku taffettwa l-vijabbiltà finanzjarja u l-progress tal-proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emiżsjonijiet tal-karbonju taħt NER300 u l-EEPR. Billi kien hemm dewmien, kienet qed tizzied ukoll il-probabbiltà li proġetti ġodda u aktar innovattivi jinħolqu barra mill-programm NER300.

**Għal proġetti tas-CCS, it-tnaqqis fil-prezzijiet tas-suq tal-karbonju u n-nuqqas ta' appoġġ u ta' dħul ieħor kienu l-ostakli ewlenin**

49. Jenħtieġ li s-sitt proġetti tas-CCS appoġġati mill-EEPR ikunu laħqu d-deċiżjonijiet finali ta' investiment tagħhom fl-2011 jew fl-2012 u jkunu bdew joperaw sal-2015. Minbarra ħafna sfidi sinifikanti oħra, fattur ewlieni li żammhom milli jagħmlu dan kien il-prezz tas-suq tal-karbonju li kien aktar baxx milli mistenni taħt l-EU ETS. Il-**Figura 9** turi l-evoluzzjoni.

**Figura 9 – Prezz storiku tal-kwoti tal-EU ETS (EUR/ tunnellata ta' CO<sub>2</sub>e) 2008-2017<sup>39</sup>**



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq il-medja ta' kull xahar ta' seba' kuntratti futuri tal-EUA ([Quandl](#)).

50. Aħna sibna li fl-2009, meta saret applikazzjoni għal għotja tal-EEPR għall-proġetti tas-CCS, il-pjanijiet finanzjarji tagħhom ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet għoljin tal-karbonju li kienu qed jiżdiedu. L-eżaminar tal-applikazzjonijiet għal għotja tal-EEPR ippreżentati fl-2009 mis-sitt promoturi li aktar tard ingħataw l-għotjiet wera li huma kienu qed jistennew li l-prezz tal-karbonju jvarja bejn EUR 20 u EUR 40 għal kull tunnellata ta' CO<sub>2</sub> matul il-fażijiet tal-kostruzzjoni u tad-dimostrazzjoni. Wieħed mill-proġetti wera kif il-vijabbiltà tal-pjan finanzjarju tiegħu kienet tiddependi wkoll fuq il-prezzijiet tal-elettriku. Skont l-istimi, il-prezz tal-karbonju li jvarja bejn EUR 65 u EUR 90 għal kull tunnellata ta' CO<sub>2</sub> biss seta' realment jippermetti li l-proġett ta' dimostrazzjoni tas-CCS jopera mingħajr telf.

<sup>39</sup> Min-nofs l-2017, il-prezz tas-suq tal-karbonju tal-EU ETS beda jiżdied, biex laħaq l-oġhla livell ta' EUR 16 għal kull tunnellata ta' CO<sub>2</sub> f'Mejju.

51. Fil-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom, dawn il-proġetti ta' spiss kienu jistennew li jirċievu finanzjament sinifikanti minn NER300 fil-futur, minkejja li f'dak iż-żmien (fl-2009) it-tfassil finali ta' NER300 ma kienx magħruf. Il-**Kaxxa 8** tiddekrivi kif il-prezz tas-suq tal-karbonju kien jiddetermina wkoll id-daqs massimu tal-għotjiet li jingħataw taħt NER300<sup>40</sup>. Il-Kummissjoni aċċettat dawn il-pjanijiet finanzjarji ferm inċerti, iffirmit il-ftehimiet ta' għotja u ħallset 43 % tal-fondi li ngħataw taħt l-EEPR.

**Kaxxa 8 – It-tnaqqis fil-valur tal-kwoti tal-ETS wassal biex l-għotjiet li jingħataw taħt NER300 ikunu iżgħar**

Abbażi tal-ittri ta' konferma tal-Istat Membru u tar-rapporti tad-diliġenza dovuta tal-BEI, aħna kkalkulajna li, għal tmien proġetti tas-CCS tas-settur tal-enerġija, l-ispejjeż<sup>41</sup> taħt NER300 għall-użu u għall-operat tal-infrastruttura tas-CCS tagħhom fuq medja kienu jammontaw għal EUR 1.4 biljun. Id-Direttiva dwar l-ETS illimitat id-daqs tal-għotja taħt NER300 għal 15 % tat-300 miljun kwota disponibbli (jiġifieri ekwivalenti għal 45 miljun kwota). Meta l-prezz tas-suq tal-karbonju naqas minn EUR 15 għal kull kwota fl-2010 għal bejn wieħed u ieħor EUR 7.5 fl-2011, huwa naqqas ukoll l-akbar daqs possibbli mistenni ta' għotja taħt NER300 minn EUR 675 miljun għal EUR 337 miljun. Il-Kummissjoni finalment stabbiliet l-għotja għal EUR 300 miljun. Għal proġetti tas-CCS b'kapital intensiv li kienu qed jistennew li jirċievu appoġġ ferm ogħla mill-programm NER300, dan kien xkiel kbir. Dan seħħ meta l-isponsors tal-proġett kienu ppreżentaw u kienu qed jistennew l-evalwazzjoni tal-proposti tagħhom fl-2011-2012.

Meta l-Kummissjoni kienet ikklassifikat il-proġetti tas-CCS u fittxet il-konferma tal-Istati Membri, hija ħabbret lil dawn l-Istati Membri li kienet qed tassumi li huma kienu se jikkumpensaw id-defiċit li rriżulta bejn l-għotja massima mistennija taħt NER300 ta' EUR 337 miljun u l-finanzjament pubbliku

<sup>40</sup> Ara t-taqsimiet rilevanti ta' NER300 tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS imwettqa fil-proġett "Support for the review of the EU Emissions Trading System" (Appoġġ għar-reviżjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet) ta' Novembru 2015, imħejjija mill-Umweltbundesamt Awstrijaka f'kooperazzjoni ma' Ecologic and SQ Consult f'Novembru 2015 taħt kuntratt ta' servizz mal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>41</sup> L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni dwar NER300 jiddefinixxi dan li ġej fir-rigward tas-CCS: "L-ispejjeż rilevanti ta' proġetti ta' dimostrazzjoni CCS għandhom ikunu daww l-ispejjeż ta' investiment li l-proġett iġarrab minħabba l-applikazzjoni tas-CCS, netti mill-valur nett attwali tal-aħjar stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tat-tħaddim derivati mill-applikazzjoni tas-CCS matul l-ewwel għaxar snin ta' tħaddim".

totali meħtieġ għal dawn il-proġetti. Dan id-defiċit seta' ammonta għal mijiet ta' miljuni ta' euro, li l-Istati Membri ma kinux lesti li joħorġu.

52. Il-proġetti tal-EEPR dwar is-CCS fir-Renju Unit u fin-Netherlands (l-uniċi proġetti li komplew wara l-2013) qatt ma setgħu jerġgħu jstabbilixxu l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom fid-dawl tat-tnaqqis fil-prezzijiet. Il-benefiċċji finanzjarji mistennija relatati mal-ġbir u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub>, li setgħu jevitaw spejjeż għolja taħt l-EU ETS, ma kinux se jimmaterjalizzaw kif mistenni.

53. Fl-2012, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni interna<sup>42</sup> tal-impatt tat-tnaqqis fil-prezz tas-suq tal-karbonju. Hija osservat li kien sar diffiċli ħafna għal dawn il-proġetti biex jieħdu deċiżjoni finali ta' investiment. Madankollu, hija żammet l-appoġġ finanzjarju li ngħata taħt l-EEPR u ppermettiet li jkomplu jsiru xi xogħlijiet fuq il-pakketti tat-trasport u tal-ħżin fir-Renju Unit u fin-Netherlands. Il-Kummissjoni applikat ir-raġunament li dawn il-proġetti setgħu potenzjalment ikunu ta' benefiċċju għal emittenti oħra fl-istess oqsma jekk huma jippermettu l-kostruzzjoni tal-infrastruttura għal użu kondiviż.

54. Il-Kummissjoni u l-isponsor tal-proġett kienu ddeċidew fl-2011 li jnaqqsu r-ritmu tax-xogħol tal-proġett fin-Netherlands fid-dawl tal-prezzijiet baxxi tas-suq tal-karbonju. Il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti fl-2015-2017 biex tidentifika sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex tkopri d-diskrepanzi. Hija organizzat diversi laqgħat madwar medja mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija u tal-Istati Membri fi Brussell u fittxet l-interessi komuni biex jitkompla l-proġett. L-għan kien li tal-inqas tinbena l-infrastruttura meħtieġa u ssir operattiva għal perjodu qasir ta' dimostrazzjoni. L-isponsor tal-proġett finalment irtira l-appoġġ tiegħu mill-proġett fl-2017.

55. In-nuqqas ta' vijabbiltà finanzjarja huwa l-fattur prinċipali li jimblokka l-użu tas-CCS fl-UE. It-tnaqqis qawwi fil-prezz tas-suq tal-karbonju u l-fatt li l-ebda proġett tal-EEPR ma rnexxilu jikseb ammont adegwat ta' finanzjament pubbliku addizzjonali permezz ta' NER300 jew ta' programmi nazzjonali sal-2012 jew xi dħul ieħor, ikkompromettew il-vijabbiltà

---

<sup>42</sup> L-iskambji interni bejn id-DĠ ENER u d-DĠ BUDG dwar ir-rati ta' pagamenti ferm aktar baxxi milli mistenni fl-ewwel snin tal-EEPR.

tagħhom. F'dak il-perjodu, il-Kummissjoni ma ssospendietx u ma tterminatx l-appoġġ finanzjarju tagħha favur proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS taħt l-EEPR, u wara l-2013 kompliet tagħti pagamenti lil żewġ proġetti li fl-aħħar mill-aħħar ma rnexxewx.

***It-tfassil ta' NER300 llimita l-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jirreaġixxu għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu***

56. Aħna eżaminajna jekk it-tfassil ġenerali tal-programm NER300 kienx jaqbel mal-ħtiġijiet identifikati u jekk il-proċeduri tal-għażla tal-proġetti kinux jiżguraw li l-għotjiet jingħataw lill-aħjar proġetti disponibbli. Eżaminajna wkoll jekk l-arranġamenti ta' governanza ta' NER300 kinux jippermettu l-prestazzjoni effettiva u flessibbli tal-kompiti mill-entitajiet li jimmaniġjaw dan il-programm ta' innovazzjoni.

**Il-mudell ta' finanzjament magħżul għall-programm NER300 ma ppermettiex li jitneħħew b'mod effettiv ir-riskji għall-proġetti ta' dimostrazzjoni**

57. Il-Kummissjoni hija meħtieġa twettaq valutazzjoni tal-impatt għall-inizjattivi l-aktar importanti tagħha u għal dawk li jkollhom l-aktar impatti estensivi. Dan japplika għall-emenda tal-2009 tad-Direttiva dwar l-ETS (li aktar tard saret il-bażi ġuridika għall-ħolqien tal-programm NER300), kif ukoll għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2010 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm NER300.

58. Fl-eżaminar tal-valutazzjonijiet tal-impatt għall-bażi ġuridika tal-programm NER300 m'hejjija mill-Kummissjoni, aħna sibna li l-proposta inizjali<sup>43</sup> mill-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-EU ETS ma kinitx tinkludi mekkaniżmu li jinċentiva l-proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS. Għaldaqstant, lanqas il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni<sup>44</sup> ma kienet tinkludi xi valutazzjoni rilevanti tal-ħtiġijiet għall-bażi ġuridika tal-programm NER300. Valutazzjoni ta' dan it-tip, pereżempju, timmappja l-ħtiġijiet finanzjarji tal-proġetti

---

<sup>43</sup> COM(2008) 16 final tat-23 ta' Jannar 2008.

<sup>44</sup> Id-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Dokument ta' akkumpanjament għall-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u testendi l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-Valutazzjoni tal-Impatt, SEC(2008) 52 tat-23 ta' Jannar 2008.

ta' dimostrazzjoni fil-kategoriji kollha teknoloġiċi li huma previsti li jirċievu l-appoġġ. Hija tidentifika wkoll il-mekkaniżmi nazzjonali ta' appoġġ disponibbli u tiġġustifika għalfejn kien meħtieġ programm fil-livell tal-UE biex jissupplimentahom.

59. L-idea tal-mekkaniżmu dehret l-ewwel darba matul il-proċess leġislativ għar-reviżjoni tal-ETS. Fid-dokument tagħha tal-2008 dwar l-għażliet ta' politika intitolat "*Financing large scale demonstration of emerging energy technologies (e.g. CCS Demonstration Plants)*" (*Il-finanzjament ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji tal-enerġija emerġenti (eż. Impjanti ta' Dimostrazzjoni tas-CCS)*) il-Kummissjoni kienet osservat li aktarx grupp limitat biss ta' Stati Membri kien se jappoġġa l-mekkaniżmu għas-CCS.

60. It-tfassil finali ta' NER300 kien jinkludi kemm is-CCS kif ukoll is-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu inkludew l-artikolu li jstabbilixxi l-bażi ġuridika għal NER300 fid-Direttiva riveduta dwar l-ETS u estendew l-ambitu tagħha biex ikopri l-enerġija rinnovabbli.

61. Aħna sibna li ma kienx hemm evidenza suffiċjenti disponibbli li kienet tiġġustifika l-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' finanzjament addizzjonali ta' dan it-tip fil-livell tal-UE. Ma kien hemm disponibbli l-ebda valutazzjoni sodisfaċenti li kienet tinfed il-bażi ġuridika tal-programm NER300 li kienet tispjega x'tip ta' appoġġ ikun meħtieġ għall-ewwel proġetti ta' dimostrazzjoni relatati ma' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u mas-CCS, u għalfejn l-għoti ta' appoġġ wara d-dħul fis-seħħ ikun jissodisfa l-ħtieġa li jitneħħew ir-riskji tal-proġetti mill-kategoriji kollha.

62. Aħna vverifikajna wkoll jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu l-ġdid ta' NER300 fl-aġġornament tal-2009 tad-Direttiva dwar l-ETS kinux qed jipprevjenu l-possibbiltà li jitħallsu l-fondi fi stadji bikrija tal-proġetti. Id-Direttiva ddeterminat li l-allokazzjoni tal-għotja jenħtieġ li seħħ fuq il-bażi tal-verifika tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> evitati. L-interpretazzjoni legali tal-Kummissjoni kienet li din tista' tkun prekondizzjoni għall-iżborżament iżda wkoll kundizzjoni għall-ħlas lura fil-każ li proġett ma jirnexxi.

63. Fil-valutazzjoni tal-impatt<sup>45</sup> li hija ppubblikat, il-Kummissjoni ddikjarat li l-irkupru tal-flus minn proġetti li ma jkunux irnexxew ma jkunx faċli minħabba li l-Istati Membri li jkollhom jagħmlu dan. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet favur il-possibbiltà li l-iżborżament tal-fondi jsir wara l-bidu tal-operat. L-att ta' implimentazzjoni finali tal-programm NER300 jirrifletti din l-għażla. Huwa probabbli ħafna li dan affettwa l-użu tal-fondi min-naħa tal-proġetti ta' dimostrazzjoni, iżda pproteġa d-dotazzjoni tal-programm NER300.

64. L-eżaminar li wettaqna fuq id-dokumenti, l-intervisti li saru bħala parti mix-xogħol tal-awditjar tagħna u r-risposti għall-istħarriġ tagħna kkonfermaw li t-tfassil ta' NER300, bħala programm li jwassal appoġġ finanzjarju lill-proġetti wara li jkunu bdew l-operat tagħhom, ma ħadimx tajjeb ħafna fir-rigward tat-tneħħija tar-riskji għall-proġetti.

65. Fin-nuqqas ta' valutazzjonijiet ċari u konvinċenti tal-ħtiġijiet, li jirfdu din il-karatteristika ewlenija tat-tfassil fil-bażi ġuridika tal-programm NER300, l-approċċ ta' dan tal-aħħar fir-rigward tal-finanzjament ma ssodisfax b'mod suffiċjenti l-ħtiġijiet relatati mat-tneħħija tar-riskji u mal-finanzjament tal-proġetti ta' dimostrazzjoni relatati ma' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi. Id-Direttiva riveduta dwar l-EU ETS għall-perjodu 2021-2030<sup>46</sup> tipprova tirrimedja din il-problema u tintroduċi l-possibbiltà li jingħata 40 % mill-ammont tal-għotja fi stadji aktar bikrija tal-proġetti, dment li jintlaħqu ċerti stadji importanti.

### **Il-proċessi tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' NER300 kienu kumplessi**

66. Skont id-Deċiżjoni dwar NER300, l-għan tal-programm kien li jagħżel u jappoġġa l-aħjar proġetti possibbli li jkunu relatati ma' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji f'postijiet ġeografikament ibbilanċjati.


67. L-Istati Membri, il-BEI u l-Kummissjoni kollha kellhom rwoli fil-preżentazzjoni u fl-għażla tal-proġetti kif ukoll fil-proċess tal-għoti. Il-**Figura 10** tagħti stampa ġenerali tar-rwoli kollha attribwiti lill-entitajiet involuti fil-ġestjoni ta' NER300.

---

<sup>45</sup> Valutazzjoni tal-Impatt, SEC(2010) 1320 final tat-3 ta' Novembru 2010.

<sup>46</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

**Figura 10 – Stadji ewlenin fil-proċess ta' NER300 u r-rwoli u r-responsabbiltajiet assenjati**



*Nota:* it-tikek ħomor jirreferu għan-numri tal-paragrafi fit-test.

*Sors:* il-QEA.

68. Il-Kummissjoni u l-BEI żviluppaw Manwal tal-Proċeduri li fuq il-bażi tiegħu l-BEI huwa mistenni li jwettaq il-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta (jiġifieri l-vijabbiltà teknika u finanzjarja). Jenħtieġ li l-BEI jikklassifika l-proġetti b'valutazzjoni pożittiva fl-ordni tal-prestazzjoni tal-ispiża għal kull unità (CPUP)<sup>47</sup>. Qabel ma tiegħu deċiżjonijiet ta' għotja abbażi ta' din il-klassifikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'konformità mar-regoli tal-programm NER300<sup>48</sup>, tikkonsulta mill-ġdid mal-Istati Membri biex jikkonfermaw l-appoġġ tagħhom.

<sup>47</sup> L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni dwar NER300 jipprovdi d-definizzjoni tas-CPUP. Is-CPUP tinkiseb billi jiġi diviż it-total mitlub ta' finanzjament pubbliku għall-element innovattiv ta' proġett bl-ammont ipproġettat ta' CO<sub>2</sub> maħżun (fuq perjodu ta' għaxar snin) għall-proġetti tas-CCS, jew, l-ammont ipproġettat ta' enerġija prodotta (fuq perjodu ta' ħames snin) għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni qieset li s-CPUP baxxa kienet indikatur tajjeb tal-potenzjal għat-tnaqqis tal-ispiża ta' teknoloġija u l-parametru l-aktar adattat għall-klassifikazzjoni tal-proġetti fis-subkategoriji tagħhom.

<sup>48</sup> L-Artikolu 5(5) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE.

Aħna nqisu li jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dawn il-proċeduri jiġu implimentati b'mod konformi u effiċjenti.

#### Valutazzjoni tad-diliġenza dovuta mill-BEI

69. Il-BEI wettaq il-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta f'isem il-Kummissjoni u billi segwa l-manwal tal-proċeduri. Din saret bir-reqqa u ġiet iddokumentata f'rapporti ddettaljati għal kull proġett ippreżentat. Madankollu, il-valutazzjoni ma pprovdietx punteġġ jew klassifikazzjoni tal-punt sa fejn l-applikazzjonijiet issodisfaw is-subkriterji tal-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta. Il-BEI kkonkluda dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta b'“iva” jew “le”<sup>49</sup>.

70. Il-proċeduri ta' diliġenza dovuta, li ġew żviluppati taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni, ma kinux jirrikjedu li l-BEI jivvaluta l-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti. Dan huwa element ewlieni ta' dak li normalment il-banek jivvalutaw bħala bankabbiltà tal-proġetti: jiġifieri l-kapaċità li juru fluss ta' dħul ċar li jippermettilhom iħallsu d-dejn tagħhom u jiġġeneraw redditu fuq l-investimenti. Minħabba din id-differenza, valutazzjoni tad-diliġenza dovuta pożittiva min-naħa tal-BEI għal proġett ta' NER300 ma kinitx timplika li l-proġett ikun jikkwalifika wkoll għal finanzjament mill-BEI (eż. self).

71. Fl-evalwazzjoni tiegħu tal-ewwel sejħa għal proposti, il-BEI issenjala kwistjonijiet sinifikanti relatati mal-vijabbiltà finanzjarja. Il-BEI ta parir lill-Kummissjoni biex toqgħod attenta għar-riskji finanzjarji assoċjati ma' xi proġetti, prinċipalment minħabba l-finanzjament ta' ammonti kbar ta' dejn u l-ftit evidenza tad-disponibbiltà tiegħu. Minkejja dan it-tħassib ġenerali, il-BEI sab li 88 % tal-proġetti kienu vijabbli (kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament)<sup>50</sup> u dan il-fatt ittiegħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti.

---

<sup>49</sup> Il-konklużjoni tal-BEI dwar id-diliġenza dovuta tista' tkun pożittiva u mingħajr kummenti, pożittiva b'rakkomandazzjonijiet li għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni, jew negattiva.

<sup>50</sup> B'kollox, l-Istati Membri ppreżentaw lill-BEI 111-il applikazzjoni għal għotjiet ta' NER300 f'żewġ sejħiet għal proposti. Il-Kummissjoni kkonfermat l-eliġibbiltà ta' 94 proġett u l-BEI ta konklużjonijiet pożittivi dwar id-diliġenza dovuta għal 83 (jew 88 %) ta' dawn il-proġetti.

### Klassifikazzjoni tal-proġetti disponibbli

72. Wara l-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta, il-Kummissjoni kklassifikat il-proġetti li kienu eliġibbli u vijabbli fi ħdan is-subkategoriji tal-proġetti tagħhom abbażi tal-indikatur CPUP<sup>51</sup>. Il-BEI kien informa lill-Kummissjoni li kien hemm fattur ta' inċertezza sinifikanti għal dawn is-CPUPs. Il-proġetti ppreżentati kienu ġeneralment fi stadju bikri ta' ppjanar. Id-*data* dwar l-ispiża u l-prestazzjoni mistennija użata għall-kalkolu ta' dan il-parametru kif ukoll il-finanzjament pubbliku meħtieġ kienu għadhom inċerti ħafna.

### Jiġu indirizzati r-riskji u r-rakkomandazzjonijiet qabel ma jingħataw il-fondi

73. Aħna analizzajna kampjun ta' 26 rapport tal-BEI għall-ħames Stati Membri magħżula. Għal seba' proġetti li ngħataw finanzjament mill-Kummissjoni, il-BEI kien indika espliċitament ir-riskji importanti li l-Kummissjoni kellha tiegħu inkunsiderazzjoni qabel ma tiegħu deċiżjonijiet ta' għotja. Erbgħa minnhom issa ġew irtirati. Ir-rapporti annwali tal-istess proġetti juru li r-riskji ewlenin issenjalati mill-BEI fir-rapporti rilevanti tad-diliġenza dovuta realment immaterjalizzaw. Il-**Kaxxa 9** tagħti xi eżempji.

#### **Kaxxa 9 – Eżempji tar-riskji ewlenin li ġew issenjalati mill-BEI u li jaffettwaw il-progress tal-proġetti**

Għall-ippjanar finanzjarju li kien ippreżenta mal-applikazzjoni għall-għotja, proġett eoliku galleġġanti fi Spanja kien stenna li jkollu aċċess għat-tariffa “feed-in”. Il-BEI kien irrakkomanda lill-Kummissjoni biex tikkonferma għadd ta' elementi qabel tiegħu d-deċiżjoni ta' għotja, inkluż l-aċċess tal-proġett għal tariffa “feed-in”. Il-Kummissjoni talbet lill-Istat Membru biex jikkonferma l-proġett abbażi ta' dan. Filwaqt li l-Istat Membru kkonferma l-appoġġ għall-proġett, huwa ddikjara li tariffa “feed-in” ma kinitx se tkun disponibbli u ma speċifika finanzjament alternattiv. Il-Kummissjoni mbagħad tat l-għotja. Wara d-deċiżjoni ta' għotja, fir-rapport annwali tal-proġett ġie rrapportat dewmien fl-ilħuq ta' deċiżjoni finali ta' investiment u fid-dħul fis-seħħ minħabba li ma setgħetx tinkiseb tariffa “feed-in” jew sorsi alternattivi ta' finanzjament (ara wkoll il-**paragrafi 42 sa 48** dwar il-kwistjoni tal-inċertezza

<sup>51</sup> L-**Annex IV** jipprovdi żewġ eżempji ta' programmi tal-Istati Membri li flimkien mal-parametru kwantitattiv tal-ispiża tal-finanzjament, kienu japplikaw kriterji b'punteġġi multipli għall-klassifikazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

regolatorja). Skont ir-rapport l-aktar reċenti disponibbli, fl-2016 is-sitwazzjoni kienet kritika, minkejja t-tkomplija ta' parti mix-xogħol tekniku u ta' dak relatat mal-awtorizzazzjoni.

Għal proġett tal-bijoenerġija fil-Polonja, il-BEI qajjem ħafna kwistjonijiet dwar il-vijabbiltà teknika u finanzjarja filwaqt li kkonkluda li kien hemm riskju materjali li d-deċiżjoni finali ta' investiment ma tintlaħnaqx fi żmien 24 xahar mid-deċiżjoni ta' għotja jekk il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u l-interess tal-investituri ma jitjibux. Huwa għamel ukoll firxa ta' rakkomandazzjonijiet oħra biex il-Kummissjoni tiġi inkunsiderazzjoni qabel ma tagħti l-għotja. L-Istat Membru kkonferma l-proġett u l-appoġġ nazzjonali, u l-Kummissjoni tat l-għotja. Madankollu, fiż-żmien tal-awditu, il-proġett kien qed jiġi rtirat minħabba li ma kienx finanzjarjament vijabbli.

74. F'dan il-kuntest, aħna eżaminajna kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-BEI qabel id-deċiżjonijiet ta' għotja. Ma sibna l-ebda evidenza li l-Istati Membri kienu aċċessaw ir-rapporti tad-diliġenza dovuta tal-BEI meta l-Kummissjoni talbithom jikkonfermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għall-proġetti. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri talbu l-fajls kunfidenzjali tal-BEI wara d-deċiżjoni ta' għotja.

75. Minkejja li l-proċess tal-għażla tal-proġetti u ta' għoti għall-programm NER300 kien kumpless u jieħu fit-tul, ma kienx jindirizza l-kwistjoni ewlenija tal-vijabbiltà ekonomika. Barra minn hekk, it-tfassil tal-proċess ma għamilx enfasi suffiċjenti fuq il-kwalità komparattiva, il-livelli ta' innovazzjoni u l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġetti. Huwa importanti wkoll li l-awtoritajiet aġġudikanti (jiġifieri l-Kummissjoni u l-Istati Membri/il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima) ikunu kompletament konxji mir-riskji tal-proġetti li ġew identifikati matul il-valutazzjonijiet tad-diliġenza dovuta qabel jieħdu d-deċiżjonijiet ta' għotja u jiffirmaw ftehimiet relatati ma' dawn il-proġetti. Flimkien, dawn il-fatturi setgħu naqqsu l-aċċertament dwar jekk dawn il-proġetti jistgħux jilħqu l-oġġettivi previsti fi ħdan il-limitazzjonijiet tal-programm.

#### It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-programm NER300 jinvolvi ħafna partijiet

76. Fil-mudell ta' governanza ta' NER300, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà kumplessiva għall-programm u tmexxi d-diskussjonijiet mal-Istati Membri u mal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

77. Minkejja li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-koordinazzjoni kumplessiva, hija mhux neċessarjament tirċievi informazzjoni kompleta u f'waqtha dwar il-progress tal-proġetti. L-Istati Membri jibagħtu r-rapporti ta' progress annwali kunfidenzjali lill-Kummissjoni. Il-mudell tar-rapport annwali ma jirrikjedix ir-rappurtar ta' xi informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet għall-finanzjamenti nazzjonali jew dwar il-pjan finanzjarju tal-proġetti. Għalhekk, din l-informazzjoni hija disponibbli biss għall-Kummissjoni jekk l-Istati Membri jinkluduha b'mod volontarju.

78. L-Istati Membri ma jistgħux jirrispondu direttament għat-talbiet għal tibdil essenzjali ta' proġetti billi l-Kummissjoni għandha r-rwol li tirvedihom u tapprovahom<sup>52</sup>. Ir-rwol tal-Kummissjoni f'dan il-każ huwa konsegwenza tal-fatt li bidliet essenzjali li jaffettwaw id-deċiżjoni ta' għotja (eż. id-daqs tal-proġett, l-ambitu, id-dati ta' skadenzi tal-istadji importanti) jeħtieġu l-approvazzjoni permezz tal-komitoloġija. Qabel ma l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw bidliet fil-ftehimiet li ffirmaw mal-proġetti, il-Kummissjoni jeħtieġ li tadotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jemendaw id-deċiżjoni rilevanti ta' għotja. Din hija proċedura diffiċli li tinvolvi lill-Kummissjoni, lir-rappreżentanzi permanenti tal-Istati Membri u lill-isponsors tal-proġett.

79. Il-proġetti innovattivi jeħtieġu rispons u teħid ta' deċiżjonijiet rapidi mill-awtoritajiet maniġerjali fid-dawl tat-teknoloġiji u s-swieq li qed jevolvu rapidament. Il-mudell ta' governanza ta' NER300 ma jissodisfax b'mod suffiċjenti dawn il-ħtiġijiet u huwa kumpless iżżejjed. Il-Kummissjoni kkonfermat dan ukoll fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha għar-reviżjoni tal-fażi IV tal-EU ETS (2021-2030)<sup>53</sup>.

### **Il-karatteristiċi l-oħra tat-tfassil ta' NER300 naqqsu r-rispons għal ambjent li qed jinbidel**

80. Il-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jnvolvu ħafna riskji. Għalhekk, tiżdied il-probabbiltà li jkun hemm xi bidliet jew li

---

<sup>52</sup> It-Taqsima 5 tal-Anness II tal-ewwel Deċiżjoni ta' Għotja (C(2012) 9432 final tat-18 ta' Diċembru 2012) u tat-tieni Deċiżjoni ta' Għotja (C(2014) 4493 final tat-8 ta' Lulju 2014) tispeċifika li l-bidliet fil-proġetti jeħtieġ li jiġu maqbula mill-Kummissjoni.

<sup>53</sup> Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, SWD(2015) 135 final tal-15 ta' Lulju 2015.

dawn ma jirnexxux (jiġifieri li jiġi attirat il-finanzjament jew jinkisbu l-outputs tal-enerġija mistennija) meta mqabbla ma' proġetti ta' teknoloġiji maturi. Għalhekk, jenħtieġ li t-tfassil tal-programmi ta' finanzjament pubbliku li jindirizzaw dan it-tip ta' investimenti jkun jippermetti lill-awtoritajiet manijerjali jsibu soluzzjonijiet flessibbli u f'waqthom biex il-programmi jinżammu fit-triq it-tajba sabiex jilħqu l-oġettivi tagħhom.

Il-kriterji teknoloġiċi li ġew stabbiliti minn qabel kienu jirrestrinġu l-flessibbiltà fil-livell tal-programm

81. Il-Kummissjoni assenjat l-għotjiet ta' NER300 lil proġetti abbażi ta' lista stabbilita minn qabel ta' kategoriji u sollijiet tat-teknoloġija. Din il-lista tal-2009 kienet il-bażi biex iż-żewġ sejħiet għal proposti jiġu organizzati f'perjodu ta' sentejn. Għalhekk, il-qafas legali ma kien jipprevedi l-ebda reviżjoni jew aġġustament ta' din il-lista fil-futur.

82. Madankollu, proġetti li ġew ikklassifikati bħala innovaturi fil-kategoriji tagħhom meta ġew approvati fl-2012 u fl-2014, spiss ġew issuperati mill-iżviluppi fis-swieq u fis-setturi tat-teknoloġija qabel ma bdew joperaw. F'xi każijiet, dan iseħħ rapidament. Il-**Kaxxa 10** tagħti eżempju.

**Kaxxa 10 – Eżempju ta' proġetti eoliċi fuq il-baħar li huma appoġġati mill-programm NER300**

Fil-Ġermanja, żewġ proġetti kbar relatati mal-enerġija eolika fuq il-baħar taħt il-programm NER300 kienu lesti biex isiru operattivi fil-bidu tal-2018. Minkejja li huma ta' suċċess u għandhom karatteristiċi innovattivi, dawn ma jirrappreżentawx l-ewwel dimostrazzjoni ta' teknoloġija ġdida (jiġifieri turbina ta' 6 MW) li għadha mhix kummerċjalment disponibbli. Is-settur tal-enerġija eolika fuq il-baħar żviluppa rapidament fl-aħħar 10 snin u t-turbini ta' 6 MW ġew installati għall-ewwel darba fl-Ewropa fl-2012<sup>54</sup>. Li kieku l-proġetti ntużaw biex jiġu rispettati d-dati ta' skadenza inizjali tal-programm NER300 (jiġifieri sal-2016), huma setgħu jagħmlu kontribuzzjoni aktar ċara għall-oġettiv tiegħu fir-rigward tal-“ewwel użu kummerċjali” ta' teknoloġija innovattiva.

83. L-istabbiliment bil-quddiem ta' kriterji teknoloġiċi speċifiċi ħafna għal programm ta' appoġġ għaldaqstant għandu l-limitazzjonijiet. It-tibdil rapidu fis-swieq u fit-teknoloġiji jista'

<sup>54</sup> Il-Kapitolu 3.2 tar-Rapport tal-JRC dwar l-Istatus tal-Enerġija Eolika, l-Edizzjoni tal-2016, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, 2017.

jwassal biex il-proġetti magħżula taħt dawn il-kriterji jkunu inqas problematiċi milli previst, b'mod partikolari meta jkun hemm dewmien.

Kienu meħtieġa soluzzjonijiet biex jiżguraw li l-fondi li ma jintnefqux mill-proġetti li jiġu rtirati jintnefqu sew fuq prijoritajiet urġenti tal-UE

84. Ir-regoli ta' NER300 kienu jstipulaw li wara l-31 ta' Diċembru 2015, kwalunkwe fond li jifdal għandu jmur għand l-Istati Membri. Minkejja l-emenda preċedenti tad-Deċiżjoni dwar NER300 biex l-iskadenzi jiġu estiżi b'sentejn, fl-2016 il-proġetti komplew jiġu rtirati minn NER300 minħabba li ma setgħux jirrispettaw id-data ta' skadenza biex jilħqu deċiżjoni finali ta' investiment. In-nuqqas ta' lista ta' riżerva adegwata tal-proġetti rilevanti wara t-tieni sejħa għal proposti għamilha impossibbli għall-Kummissjoni li tissostitwixxihom bi proġetti li diġà ġew skrutinizzati mill-BEI. Il-qafas legali ta' NER300 wkoll ma kien jinkludi l-ebda għażla għat-tnedija ta' sejħa għal proposti addizzjonali. L-irtirar tal-proġetti aktarx li jirriżulta f'mill-inqas EUR 840 miljun ta' fondi li ma jintnefqux sa nofs l-2018 (40 % tat-EUR 2.1 biljun assenjati)<sup>55</sup>.

85. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima, iddeċidiet<sup>56</sup> li tagħmel disponibbli l-fondi li ma ntnefqux mill-ewwel sejħa għal proposti (mill-inqas EUR 436 miljun) biex jiġu ssupplimentati l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-BEI<sup>57</sup>. Dan se jippermetti li l-fondi ta' NER300 li ma ntnefqux jintużaw għal attivitajiet relatati, sakemm jitnieda l-Fond ta' Innovazzjoni. Madankollu, in-natura u l-oġettivi ta' dawn l-istrumenti mhumiex identiċi għal dawk ta' NER300<sup>58</sup>. It-tħassib li qed inqajmu fir-rigward tal-

<sup>55</sup> L-**Annex I** jipprovdi stampa ġenerali tal-proġetti kollha ta' NER300 li ngħataw finanzjament.

<sup>56</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2172 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/670/UE rigward l-użu ta' dħul mhux imqassam mill-ewwel serje ta' sejħiet għal proposti (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 24).

<sup>57</sup> Bi prijorità għall-EDP InnovFin u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-trasport (jiġifieri l-istrument ta' dejn tas-CEF).

<sup>58</sup> Eż. l-istrumenti finanzjarji ma jistgħux jiksbu firxa ġeografika tal-fondi kif kien l-oġettiv ta' NER300; il-programm NER300 jenħtieġ li jindirizza s-setturi tal-EU ETS (jiġifieri l-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-industriji, mhux it-trasport); u, skont l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tar-regoli tal-EU ETS u ta' NER300, il-fondi ta' NER300 jenħtieġ li jiġu allokati fuq il-bażi ta' verifika tas-CO<sub>2</sub> evitat filwaqt li l-istrumenti finanzjarji ġeneralment jiffinanzjaw stadji aktar bikrija tal-proġetti (jiġifieri qabel effettivament jemmettu/jevitaw is-CO<sub>2</sub>).

obbligu ta' rendikont għall-infiq tal-fondi ta' NER300 fit-taqsimha li jmiss japplika wkoll f'każijiet fejn dawn il-fondi potenzjalment jingħaddew lejn strumenti finanzjarji.

***Jeħtieġ li jsir titjib fil-koordinazzjoni u fl-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont***

86. Hemm ħafna strumenti u programmi tal-UE li għandhom objettivi li huma simili bħal dawk tal-programm NER300 (ara l-***Annness V***). Fid-dawl ta' dan ix-xenarju kumpless, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlux progress fir-rigward tal-allinjament tal-azzjoni pubblika u privata fil-livell Ewropew għall-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Eżaminajna wkoll jekk is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mill-programmi fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tax-xogħol ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa jaħdmux flimkien b'mod effettiv biex jikkoordinaw il-ġestjoni tagħhom ta' programmi li jinsabu għaddejnin bħal NER300, Orizzont 2020 u l-EDP InnovFin, u jisfruttaw il-kompetenza kkombinata tagħhom biex jiżviluppaw pakketti u soluzzjonijiet finanzjarji koerenti. Aħna vvalutajna wkoll kif l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma responsabbli għall-ġestjoni u għar-risultati tal-programm NER300.

**Minkejja l-progress li mexxa aktar bil-mod milli previst, il-Pjan SET jipprovdi bażi għat-titjib tal-koordinazzjoni fl-Ewropa**

87. Il-koordinazzjoni tajba tinkiseb meta l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiksibu koordinazzjoni effettiva vertikali (bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti) u orizzontali (bejn is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u bejn dawk rilevanti nazzjonali, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati esterni)<sup>59</sup>. L-inizjattiva ewlenija għall-kisba ta' dan it-tip ta' koordinazzjoni fl-UE hija l-Pjan SET (Integrat), li ġie approvat mill-Kunsill fl-2008 u huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, fuq bażi volontarja. Il-Pjan SET

---

<sup>59</sup> Fid-dokument tagħha tal-2015 intitolat: "Renewable Energy Technology Innovation Policy [RETIP]: a proċess development guide" (Politika dwar l-Innovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Enerġija Rinnovabbli [RETIP]: gwida għall-iżvilupp tal-proċess), l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) spjegat kif il-governanza hija ta' importanza kritika għall-implimentazzjoni tal-istrumenti RETIP. IRENA ssottolinjat li l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati hija importanti għall-innovazzjoni, u l-kisba ta' kollaborazzjoni fuq livell orizzontali hija kruċjali biex tinħoloq il-koerenza u tiġi evitata l-kontradizzjoni bejn il-politiki.

ifittex ukoll l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-industrija u fl-akkademja permezz ta' pjattaformi ddedikati li evolwew matul is-snin.

88. Il-Pjan SET mhuwiex veikolu ta' finanzjament, iżda għandu l-għan li jikkoordina u jallinja r-riżorsi finanzjarji rilevanti tal-UE, kemm nazzjonali kif ukoll tas-settur privat. L-Istati Membri jieħdu sehem fil-Grupp ta' Tmexxija ppresedut mill-Kummissjoni u mill-gruppi ta' ħidma. Il-Kummissjoni, id-DĠ RTD, id-DĠ ENER u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ġew involuti fil-Pjan SET. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri rrevedew il-Pjan SET fl-2015 biex jallinjawh mal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija.

89. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li ġew ikkonsultati matul iż-żjarat tagħna vvalutaw b'mod pożittiv l-esperjenza li kisbu taħt il-Pjan SET<sup>60</sup>. Madankollu, huma osservaw li l-ambizzjoni inizjali li jinkisbu programmazzjoni u finanzjament konġunti ta' azzjonijiet rilevanti għall-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija għadha sal-lum toħloq sfidi serji.

90. Taħt il-Pjan SET Integrat, mill-2015 'l hawn, il-Grupp ta' Tmexxija assenja lil 14-il grupp ta' ħidma temporanju l-kompitu li jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni biex jiġu approvati sa Novembru 2017. Fi tmiem l-2017, il-Grupp ta' Tmexxija kien approva u rrilaxxa ħames Pjanijiet ta' Implimentazzjoni<sup>61</sup>. Huwa kien għadu ma ddeċidix dwar kif se jirrapporta l-kisba tagħhom.

91. Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex imexxu 'l quddiem l-ambizzjoni tal-programmazzjoni u l-iffinanzjar konġunti. L-Istati Membri ma qablux li jimpenjaw ir-riżorsi nazzjonali għal dawn il-pjanijiet ta' implimentazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati tas-settur privat irrappreżentati fil-Pjattaformi tat-Teknoloġija u tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija (ETIPs) ukoll ma impenjaw l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Pjan SET.

92. Minkejja r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fl-akbar programm ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija fl-Ewropa u r-rilevanza tiegħu għall-oġġettivi tal-Pjan SET, id-DĠ CLIMA ssieħeb

---

<sup>60</sup> Taħt il-Pjan SET, hemm 19-il Stat Membru tal-UE li jipparteċipaw f'mill-inqas grupp ta' ħidma temporanju wieħed, bħat-Turkija, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

<sup>61</sup> Għall-Industriji Intensivi fl-Enerġija, is-CCUS, l-Enerġija Fotovoltajka, il-Konċentrazzjoni tal-Enerġija Solari u l-Batteriji.

fil-Grupp ta' Tmexxija ta' dan il-pjan f'Ottubru 2016. Huwa ma ħax sehem fil-gruppi ta' ħidma temporanji rilevanti għall-ambitu ta' NER300 jew tal-Fond ta' Innovazzjoni futur. Fl-2017, id-DĠ CLIMA organizza diskussjonijiet madwar mejda separati u komprensivi bejn il-partijiet ikkonċernati u r-rappreżentanti mis-setturi tal-enerġija rinnovabbli, tal-industrija intensiva fl-enerġija u tas-CCS biex jiddiskutu t-tfassil futur tal-Fond ta' Innovazzjoni.

93. Il-Pjan SET Integrat tal-2015 allinja l-oġġettivi tiegħu mal-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija u rrikonoxxa li, mit-tnedija tiegħu fl-2008, kien hemm nuqqas ta' progress f'xi wħud mill-ambizzjonijiet ewlenin tiegħu. Fin-nuqqas ta' rappurtar strutturat u regolari dwar il-progress ta' riżultati li jistgħu jitkejlu b'mod ċar, huwa diffiċli li jiġu identifikati l-benefiċċji li jirriżultaw mill-kooperazzjoni fil-Pjan SET.

**Is-servizzi tal-Kummissjoni jeħtieġ li jtejbu l-koordinazzjoni interna u l-koerenza tal-appoġġ mill-UE għal proġetti ta' dimostrazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

94. Fl-2009, il-Kummissjoni ppubblikat id-dokument intitolat "L-investiment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-plan)"<sup>62</sup>, li kien ibbażat fuq l-oġġettivi tal-Pjan SET li ġew ifformulati fl-2008. Il-Kummissjoni riedet issib modi ġodda ta' kif tikkombina r-riżorsi li jkun għejjin minn atturi u strumenti differenti, bħal għotjiet, self u garanziji fuq is-self, sabiex timmobilizza aktar finanzjament għal dimostrazzjonijiet fuq skala kbira. Hija osservat li l-BEI seta' jkollu rwol ta' importanza kbira fit-titjib tal-koordinazzjoni u l-kontinwità tal-finanzjament disponibbli, u għamlet riferiment partikolari għall-Faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji (RSFF) appoġġata mill-FP7.

Komplementarjetà bejn NER300 u programmi oħra ta' għotjiet tal-UE

95. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha ta' NER300 tal-2010<sup>63</sup>, il-Kummissjoni osservat li NER300 kellu jkun komplementari għall-programm kwadru ta' riċerka (jiġifieri l-FP7 fl-2007-2013) u jindirizza proġetti aktar maturi.

---

<sup>62</sup> COM(2009) 519/4.

<sup>63</sup> SEC(2010) 1320 final tat-3 ta' Novembru 2010.

96. L-FP7 (u aktar tard Orizzont 2020 fl-2014-2020) beda jopera b'mod parallel ma' NER300 u l-EEPR mill-2009/2010. Ir-rwol tal-programmi ta' riċerka f'termini ta' finanzjament tal-attivajiet ta' dimostrazzjoni tal-enerġija ma kienx stabbilit sew meta l-Kummissjoni niedet il-programm NER300 fl-2010. Bejn l-FP7 u Orizzont 2020 sibna li l-għadd ta' proġetti kbar ta' dimostrazzjoni tal-enerġija li jirċievu għotjiet żdied, u anke l-ammont tal-għotjiet individwali. L-ogħla għotja unika għal proġett ta' dan it-tip taħt Orizzont 2020 hija kemm kemm taħt l-EUR 40 miljun<sup>64</sup>, filwaqt li l-ammont medju ta' għotja taħt NER300 kien ta' EUR 54 miljun. Il-programm Orizzont 2020 għandu l-għan speċifiku li jiffinanzja proġetti li jkunu akbar minn tal-FP7 biex ikun jista' jagħmel impatt akbar. Għalhekk, huwa importanti li jiġi mmonitorjat kif Orizzont 2020 (u s-suċċessur tiegħu wara l-2020) u NER300 (u s-suċċessur tiegħu mill-2021) huma komplementari jew jissodisfaw ħtiġijiet differenti, u kif jinteraġixxu.

#### NER300 u l-istrumenti finanzjarji

97. Id-Deċiżjoni dwar NER300 rreferiet ukoll għall-possibbiltà li l-finanzjament ta' NER300 jiġi kkombinat mal-finanzjament ta' self taħt il-Faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji<sup>65</sup>. Din il-faċilità tabilħaqq appoġġat għadd ta' proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Filwaqt li dan huwa eżempju tal-ħidma li l-Kummissjoni wettqet flimkien mal-BEI biex tiżviluppa soluzzjonijiet oħra ta' finanzjament, dawn ma kienu jinkludu l-ebda proġett ta' NER300. Għaldaqstant, ma kienx hemm kombinamenti tal-prodotti pprovduti minn dawn iż-żewġ programmi.

98. Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020), l-InnovFin issostitwixxa l-Faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji. Qasam tematiku tal-intervent ta' InnovFin jikkonċerna l-proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija (EDP)<sup>66</sup>. Il-Kummissjoni niedet dan l-

---

<sup>64</sup> L-FP7 iffinanzja 31 proġett ta' dimostrazzjoni tal-enerġija fuq skala kbira bl-ogħla ammont ta' għotja ta' EUR 35.5 miljun. Taħt Orizzont 2020, ġew iffirmati (jew qegħdin fil-fażi ta' tnejn) 47 għotja ta' dan it-tip, bl-ogħla għotja tammonta għal EUR 39.3 miljun. Kien hemm 16-il proġett ta' NER300 li rċevew ammonti ta' għotja ogħla iżda 5 minnhom kienu ġew irtirati jew kienu se jiġu rtirati fiż-żmien tal-awditu.

<sup>65</sup> Il-Premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE.

<sup>66</sup> Il-BEI u l-Kummissjoni nedew l-EDP InnovFin fl-2015. Il-kontribuzzjoni inizjali mill-UE għall-EDP InnovFin mill-programm Orizzont 2020 kienet ta' EUR 150 miljun. Din tippovdi self, garanziji fuq is-self jew investimenti ta' ekwità ta' bejn EUR 7.5 u EUR 75 miljun lil proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali li jkunu l-ewwel tat-tip tagħhom fl-oqsma tal-enerġija

istrument finanzjarju ġdid biex tappoġġa proġetti b'hal daww appoġġati minn NER300, li f'dak iż-żmien kellhom dewmien fl-ippjanar finanzjarju tagħhom.

99. Minkejja dawn it-tentattivi biex jiġu pprovduti l-proġetti ta' dimostrazzjoni b'firxa usa' ta' prodotti finanzjarji u kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Kummissjoni (ara l-**Kaxxa 11**), fil-mument tal-ikkompletar ta' dan l-awditu, ma ġie ffirmat ebda ftehim ta' self għall-ebda wieħed mill-10 proġetti ta' NER300 li kienu applikaw għal self tal-InnovFin sa tmiem l-2017. In-natura speċifika tal-proġetti ta' dimostrazzjoni ta' NER300 (eż. riskji teknoloġiċi u finanzjarji li jkunu ogħla meta mqabbla ma' proġetti teknoloġiċi maturi, inċertezza dwar l-outputs, il-prestazzjoni u d-dħul mistennija) hija tali li tagħmilha diffiċli biex jiġu rispettati r-reqwiżiti standard tad-diliġenza dovuta tal-bank.

#### **Kaxxa 11 – Proġetti ta' Dimostrazzjoni fil-qasam tal-Enerġija ta' InnovFin**

Fil-Programm ta' Ħidma ta' Orizzont 2020 għal Enerġija Sigura, Nadifa u Effiċjenti għall-2018-2020<sup>67</sup>, il-Kummissjoni osservat li d-domanda għal EDP InnovFin kienet qawwija u li kienet se tirdoppja l-appoġġ finanzjarju ta' Orizzont 2020 minn EUR 150 għal EUR 300 miljun filwaqt li talloka EUR 100 miljun oħra fl-2019 u fl-2020. L-ambitu tal-istrument ġie estiż ukoll biex ikopri l-prijoritajiet kollha tal-Pjan SET ħlief l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija nukleari, iżda jinkludi s-CCUS. Id-DĠ RTD biĥsiebu wkoll jiżviluppa tieqa għall-għotjiet ta' Orizzont 2020 biex jikkomplementa l-prodotti tal-EDP InnovFin<sup>68</sup>.

#### Il-Fond ta' Innovazzjoni u l-iżgurar tal-komplementarjetà wara l-2020

100. Fl-2017, id-DĠ CLIMA organizza diskussjonijiet madwar mejda bejn il-partijiet ikkonċernati biex jinsiltu tagħlimiet minn NER300 u jittejjja t-tfassil tal-Fond ta' Innovazzjoni l-ġdid. Il-partijiet ikkonċernati talbu wkoll biex jinħoloq programm ta' taħlit li jinkludi l-

---

rinnovabbli u tal-idroġenu. Il-kontribuzzjoni mill-UE sserwi biex tkopri 100 % ta' kwalunkwe telf imġarrab mill-BEI jekk xi proġett ma jkunx jista' jirrimborża s-self tiegħu.

<sup>67</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017)7124 tas-27 ta' Ottubru 2017.

<sup>68</sup> Il-programm Orizzont 2020 jintemm fl-2020, u għalhekk mhux se jikkoinċidi mal-Fond ta' Innovazzjoni ġdid li se jitnieda fl-2021. Il-pjan ta' azzjoni għall-FP9 u l-istrumenti finanzjarji assoċjati issa ġie ddefinit.

appoġġ għall-istrumenti finanzjarji, filwaqt li jipprovdi wkoll l-għotjiet ta' investiment għall-istadji bikrija tal-iżvilupp tal-proġetti.

101. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali<sup>69</sup>, jenħtieġ li l-Fond ta' Innovazzjoni joffri prinċipalment għotjiet, ikkomplementati b'għotjiet parzjali u/jew self mingħajr ir-riskji jew ekwità b'livelli ogħla ta' intensità tal-għotjiet għal proġetti fl-istadju bikri. Ir-rapport issottolinja wkoll li l-fond il-ġdid jenħtieġ li jikkomplementa l-programmi ta' finanzjament mill-UE u mill-programmi nazzjonali eżistenti u ma jkunx jikkoinċidi magħhom; fost l-eżempji speċifiċi kien hemm Orizzont 2020, l-InnovFin, is-CEF, u l-kapital ta' riskju mill-Fond Ewropew tal-Investiment u l-FEIS.

102. Għalhekk, kemm id-DĠ CLIMA kif ukoll id-DĠ RTD qed jivvalutaw kif jistgħu jfasslu aħjar il-mekkaniżmi primarji ta' appoġġ tagħhom (jiġifieri l-Fond ta' Innovazzjoni u l-EDP InnovFin ikkombinati ma' għotja ta' Orizzont 2020) għal proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-finanzjament taħt Orizzont 2020 għall-proġetti ta' dimostrazzjoni l-aktar avvanzati fil-qasam tal-enerġija (inkluż permezz tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-EDP InnovFin) żdied ukoll mit-tnedija ta' NER300. Mhuwiex ċar jekk NER300 (u l-Fond ta' Innovazzjoni), fuq naħa waħda, u Orizzont 2020/l-FP9 (inkluż il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-istrumenti finanzjarji), fuq in-naħa l-oħra, humiex se jkunu komplementari biżżejjed biex jiġġustifikaw l-eżistenza ta' programmi ta' finanzjament pubbliku paralleli b'entitajiet manijerjali (il-Kummissjoni) u korpi ta' sorveljanza differenti.

103. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għadha ma laħqitx l-ambizzjoni, li ddikjarat fl-2009 u li tenniet fl-2016<sup>70</sup>, li tippermetti mmirar koerenti u aħjar tar-riżorsi u tal-prodotti finanzjarji, inklużi l-għotjiet tal-UE, il-prodotti ta' self u l-ekwità, li jindirizzaw l-istadji distinti tal-iżvilupp tal-proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira.

---

<sup>69</sup> Ara r-rapport ta' sinteżi ppreżentat matul il-konferenza tal-għeluq organizzata mid-DĠ CLIMA: Finance for Innovation: towards the ETS innovation fund (Finanzjament għall-Innovazzjoni: lejn il-fond ta' innovazzjoni tal-ETS), Climate Strategy & Partners, it-12 ta' Ġunju 2017.

<sup>70</sup> COM(2016) 763 final.

### **L-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont għal NER300 mhumiex ċari biżżejjed**

104. Il-fondi ta' NER300 mhumiex parti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u għalhekk ir-Regolament Finanzjarju tal-UE ma japplikax għall-ġestjoni tagħhom. Dawn huma fondi tal-Istati Membri ġġenerati minn strument ta' politika tal-UE (jiġifieri l-EU ETS). Il-bażi ġuridika ta' NER300 (jiġifieri d-Direttiva dwar l-ETS u d-Deċiżjoni dwar NER300) ma tinkludix referenzi espliċiti għall-kontroll finanzjarju (eż. għall-pagamenti) jew għall-awditjar (intern jew estern).

105. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali li kkonsultajna matul l-awditu ġeneralment ipperċepixxew il-fondi ta' NER300 bħala fondi tal-UE<sup>71</sup>. Ma hemm l-ebda rekwiżit legali għar-rappurtar annwali mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni operattiva jew finanzjarja tal-programm biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont pubbliku sħiħ. Ma hemm l-ebda proċedura ta' kwittanza għall-amministrazzjoni ta' dawn il-fondi min-naħa tal-Kummissjoni. Il-BEI jibgħat lill-Kummissjoni rapporti finanzjarji kunfidenzjali dwar l-attivitajiet ta' ġestjoni tiegħu tal-assi tal-programm NER 300 u jirrapporta l-fondi bħala entrata li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ miżmuma f'isem parti terza<sup>72</sup>. Il-Kummissjoni ma tirrappurtax il-fondi ta' NER300 fil-karta tal-bilanċ tal-UE.

106. B'mod ġenerali, il-kontroll finanzjarju u l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont għall-programm NER300 mhumiex ċari biżżejjed. Arranġamenti bħal dawn huma meħtieġa biex jipprovdu aċċertament robust tal-ġestjoni finanzjarja tajba ta' dawn il-fondi pubbliċi mill-entitajiet involuti fil-ġestjoni tal-programm.

---

<sup>71</sup> Ara r-referenza għall-fondi ta' NER300 bħala fondi tal-UE fil-paġna 21 ta' "Carbon capture and storage: the second competition for government support" (Ġbir u ħżin tal-karbonju: it-tieni kompetizzjoni għall-appoġġ mill-gvern), ir-Rapport mill-Kontrollur u mill-Awditur Ġenerali, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, l-20 ta' Jannar 2017.

<sup>72</sup> Ara wkoll id-dokument intitolat "Off balance sheet as at 31 December 2016" (Entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2016) tar-Rapport Finanzjarju 2016 tal-BEI, u n-Nota Z li tiddikjara li l-BEI jappoġġa lill-KE bħala aġent fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva NER300 – [...]. Il-BEI jħejji rapporti finanzjarji separati għall-programm NER300.

107. Fl-2016, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji osserva li l-inklużjoni tar-rikavati mill-iskema tal-Unjoni Ewropea għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) tista' tkun waħda mill-alternattivi għal riżorsi proprji ġodda<sup>73</sup>.

### **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

108. Filwaqt li nirrikonoxxu l-kundizzjonijiet diffiċli tas-suq għal dan it-tip ta' attività wara l-2008, il-konklużjoni ġenerali tagħna hija li l-EEPR u NER300 ma appoġġawx il-progress intenzjonat biex juru l-vijabbiltà kummerċjali tas-CCS u ta' firxa ta' sorsi innovattivi tal-enerġija rinnovabbli.

109. L-EEPR ma laħaqx l-objettivi ambizzjużi tiegħu relatati mal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju minħabba li l-ebda proġett li rċieva finanzjament mill-UE ma wera t-teknoloġija fuq skala kummerċjali (ara l-**paragrafi 20 sa 22**). Ħamsa mis-sitt proġetti kkofinanzjati ma ġewx ikkompletati.

110. L-appoġġ tal-EEPR għall-enerġija eolika fuq il-baħar kellu l-għan li jimplementa turbini u strutturi ta' pedament innovattivi filwaqt li jżid il-konnessjonijiet tal-grilja bejn l-Istati Membri. Dan il-programm ta' kontribut pożittiv għal settur li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla, minkejja bosta dewmien u żewġ proġetti tterminati (ara l-**paragrafi 23 sa 26**).

111. Aħna sibna wkoll li anke NER300 ma implimenta l-ebda proġett ta' dimostrazzjoni tas-CCS ta' suċċess (ara l-**paragrafi 28 sa 30**). L-uniku proġett tas-CCS li għalih il-Kummissjoni tat finanzjament fl-2014 waqqaf l-attivitajiet tiegħu wara li l-Istat Membru rtira l-appoġġ nazzjonali tiegħu fl-2015. Għalhekk, il-proġett ma setax jilħaq deċiżjoni finali ta' investiment u x'aktarx li se jirtira minn NER300 fl-2018.

112. NER300 mhuwiex fit-triq it-tajba lanqas biex jilħaq l-impatt intenzjonat tiegħu għas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli li għadhom ma kinux kummerċjalment disponibbli meta l-Kummissjoni għażlet il-proġetti (ara l-**paragrafi 31 sa 36**). Minkejja deċiżjoni fl-2015 biex id-dati ta' skadenzi jiġu kollha estiżi b'sentejn, seba' proġetti kienu ġew irtirati fil-bidu

---

<sup>73</sup> Il-Finanzjament Futur tal-UE, Rapport finali u rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, Diċembru 2016, ir-Rakkomandazzjoni 4b).

tal-2018. Dawn il-proġetti ma jużawx l-għotjiet mogħtija u ma jwasslux l-outputs mistennija minnhom rigward l-enerġija nadifa.

113. Fir-rigward tar-raġunijiet għall-fallimenti u d-dewmien, sibna li l-proġetti innovattivi fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju appoġġati mill-EEPR u NER300 kienu ġew affettwati minn kundizzjonijiet avversi ta' investiment (ara l-**paragrafi 37 sa 55**). Filwaqt li xi wħud mill-kundizzjonijiet ta' investiment huma ddeterminati minn żviluppi ekonomiċi usa', oħrajn jistgħu jiġu stabbiliti jew influwenzati minn dawk li jfasslu l-politika. L-inċertezza fir-rigward tal-istrateġiji fit-tul dwar il-klima u l-enerġija u tal-politiki, ir-regolamenti u l-appoġġ finanzjarju pubbliku li fuqhom huma bbażati affettwaw il-kapaċità tal-proġetti li jattiraw investimenti privati u jilħqu deċiżjoni finali ta' investiment fil-ħin (ara l-**paragrafi 41 sa 48**).

114. Minbarra l-fatturi ekonomiċi u fatturi oħra msemmija hawn fuq, it-tnaqqis fil-prezz tas-suq għall-emissjonijiet tal-karbonju taħt l-EU ETS mill-2011 'l hawn kien ostaklu ewlieni għall-proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS fl-UE (ara l-**paragrafi 49 sa 55**). Dan affettwa l-ġustifikazzjonijiet ekonomiċi diġà riskjużi tal-proġetti ta' dimostrazzjoni tas-CCS, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni kienet assenjat l-għotjiet tal-EEPR fl-2009. Il-prezzijiet baxxi wasslu wkoll biex l-ammonti tal-għotjiet disponibbli jkunu iżgħar milli mistenni taħt NER300, b'hekk ħallew aktar nuqqasijiet fil-finanzjament.

115. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' kwalunkwe proġett tal-EEPR li jiżgura ammont adegwat ta' finanzjament pubbliku permezz ta' NER300 jew programmi nazzjonali sal-2012 ikkomprometta l-vijabbiltà ta' dawn il-proġetti. Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tippermetti li jitkompla x-xogħol fuq id-dimostrazzjoni tas-CCS iżda f'dak il-perjodu ma ssospendietx u ma tterminatx l-appoġġ finanzjarju tagħha għall-proġetti li fl-aħħar mill-aħħar ma rnexxewx.

116. Il-proġetti innovattivi fil-qasam tal-enerġija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jeħtieġu klima ta' investiment aħjar. F'dan il-kuntest, ir-Regolament propost dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, jipprevedi li l-Istati Membri jħejju u jippreżentaw lill-Kummissjoni l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Klima u l-Enerġija li jiddeskrivu l-istrateġiji ta' żvilupp fit-tul tagħhom b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-

karbonju (ara l-**Kaxxa 7**), ibbażati fuq politiki u regolamenti stabbli li jippromwovu u jappoġġaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet<sup>74</sup>. Il-Kummissjoni se jkollha rwol fl-iskrutinju tal-pjanijiet u r-rappurtar tal-Istat Membru biex tistabbilixxi jekk fihomx l-elementi kollha meħtieġa. Jenħtieġ li hija tuża din l-informazzjoni meta tagħti finanzjament mill-UE.

***Rakkomandazzjoni 1 – Żieda fil-potenzjal għal appoġġ effettiv li jingħata mill-UE għal innovazzjonijiet fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***

Biex tiżdied l-effettività tal-appoġġ finanzjarju li jingħata mill-Unjoni għal proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-każ li proġetti kbar b'kapital intensiv li jkunu jeħtieġu l-kombinament tal-appoġġ nazzjonali u dak tal-UE jiġu ppreżentati għal finanzjament taħt il-Fond ta' Innovazzjoni propost u taħt programmi oħra rilevanti tal-UE mmaniġġjati fil-livell ċentrali, tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u tiżgura li l-Istati Membri jieħdu impenji sodi u trasparenti qabel l-għoti ta' fondi tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.

117. Aħna sibna wkoll li l-aspetti tat-tfassil tal-programm NER300 l-limitaw il-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jirreaġixxu b'mod effettiv għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu (ara l-**paragrafi 56 sa 85**).

118. Il-mudell ta' finanzjament magħżul għall-programm NER300 biex jipprovdi fondi pubbliċi għal proġetti wara biss li dawn isiru operattivi ma kienx iġġustifikat b'mod adegwat mill-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u kien jimponi l-biċċa l-kbira mir-riskju fuq il-promoturi tal-proġetti. Qabel il-ħolqien tal-programm NER300 fid-Direttiva dwar l-ETS, ma saret l-ebda valutazzjoni ċara li kienet turi x'tip ta' appoġġ ikun meħtieġ għall-ewwel proġetti ta' dimostrazzjoni relatati ma' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli u mas-CCS, li jridu jiffaċċjaw ħafna sfidi differenti fir-rigward tal-investiment u r-

<sup>74</sup> FI-2014, il-Qorti kienet diġà rakkomandat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tippromwovi l-istabbiliment min-naħa tal-Istati Membri ta' oqfsa regulatorji stabbli u prevedibbli għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Ara r-Rakkomandazzjoni 1 tar-Rapport Speċjali Nru 6/2014, L-appoġġ mill-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli – inkisbu riżultati tajbin?, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, 2014.

regolamentazzjoni fl-UE kollha. Il-bażi ġuridika adottata fl-2018 għall-Fond ta' Innovazzjoni l-ġdid għandha l-għan li tirmiedja l-kwistjoni tat-tneħħija tar-riskji (ara l-**paragrafi 57 sa 65**).

119. Il-proċessi tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' NER300 kienu kumplessi (ara l-**paragrafi 66 sa 75**). Il-proċess tal-għażla u tal-għoti tal-għotjiet applikat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma għamilx enfasi biżżejjed fuq il-kwalità komparattiva u r-riskji tal-vijabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-proġetti. Aħna ma stajniex naċċertaw ukoll li l-Istati Membri kienu infurmati biżżejjed dwar ir-riskji u r-rakkomandazzjonijiet identifikati mill-BEI qabel ma approvaw il-proġetti kklassifikati għal deċiżjoni ta' għotja mill-Kummissjoni. Dawn il-fatturi naqqsu l-aċċertament dwar jekk dawn il-proġetti jistgħux jilħqu l-obiettivi tagħhom fi ħdan il-limitazzjonijiet tal-programm. Hemm ukoll lok biex jissaħħaħ il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' NER300, b'mod partikolari fir-rigward ta' talbiet kbar għal tibdil fi proġetti li issa jeħtieġu bidliet fil-leġiżlazzjoni.

***Rakkomandazzjoni 2 – Titjib fil-proċeduri tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-Fond ta' Innovazzjoni futur***

Fid-dawl tat-tnedija ppjanata tal-Fond ta' Innovazzjoni l-ġdid fl-2021, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb, meta mqabbla ma' dawk ta' NER300, l-elementi kritiċi tal-proċess tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet. B'mod partikolari jenħtieġ li hija:

- (a) tistabilixxi kriterji għall-irtirar ta' finanzjament f'każijiet fejn il-proġetti ma jilħqux l-istadji importanti maqbula;
- (b) tivvaluta l-aspetti tal-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti (il-"bankabbiltà"), inklużi dawk imsemmija taħt ir-Rakkomandazzjoni 1;
- (c) tiddefinixxi sollijiet preċiżi u li jstgħu jitkejlu għal kull kriterju tad-diliġenza dovuta/tal-għoti;
- (d) tagħmel disponibbli b'mod kunfidenzjali r-riżultati tal-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat qabel id-deċiżjoni ta' għotja;
- (e) tappoġġa proġetti li għalihom il-proċedura ta' għażla wriet li x'aktarx se jkunu dawk li jikkontribwixxu l-aktar għall-ilħuq tal-prijoritajiet tal-UE;
- (f) tissimplifika l-proċedura tat-talbiet għal tibdil ta' proġett sabiex ma jkunx meħtieġ li jinbidlu l-atti legali tagħha.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2020.

120. Il-karatteristiċi l-oħra tat-tfassil ta' NER300 wkoll naqqsu r-rispons tal-programm għal ambjent li qed jinbidel (ara l-**paragrafi 80 sa 85**). L-użu ta' kriterji teknoloġiċi speċifiċi stabbiliti bil-quddiem fl-2009 illimita l-kapaċità tal-programm li jirreaġixxi kemm għall-iżviluppi fis-suq kif ukoll għal dawk teknoloġiċi. Il-proġetti magħżula taħt dawk il-kriterji jistgħu jkunu anqas ta' tfixkil milli previst meta jkun hemm dewmien.

121. Billi l-proġetti ġew irtirati minħabba li ma setgħux jilħqu d-dati ta' skadenzi tal-programm (estiżi), il-Kummissjoni fittxet soluzzjonijiet biex terġa' tassenja somom kbar ta' fondi li ma ntnefqux għal programmi oħra u tiżgura li dawn ikunu disponibbli biex jizjed l-investiment fi proġetti innovattivi. In-natura u l-oġettivi ta' dawn il-programmi mhumiex identiċi għal dawk ta' NER300, u jeħtieġ li jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fir-rigward ta' kif jintnefqu dawn il-fondi.

***Rakkomandazzjoni 3 – Żgurar tal-flessibilità tal-Fond ta' Innovazzjoni biex jirreaġixxi għall-iżviluppi fis-suq u għal dawk teknoloġiċi***

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li t-tfassil tal-Fond ta' Innovazzjoni, meta mqabbel mat-tfassil ta' NER300, ikun jippermetti reazzjonijiet aktar flessibbli għall-iżviluppi teknoloġiċi u għall-irtirar tal-proġetti.

Dawn jistgħu jinkludu:

- (a) approċċ flessibbli għad-definizzjoni u l-aġġornament ta' teknoloġiji u ta' sollijiet eliġibbli;
- (b) l-organizzazzjoni ta' sejħiet kontinwi għal proposti u deċiżjonijiet ta' għotja;

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.

122. Hemm ħafna mekkaniżmi ta' finanzjament li jappoġġaw l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija fl-UE. F'dan l-isfond, aħna sibna li jeħtieġ li jsir titjib fil-koordinazzjoni u fl-obbligu ta' rendikont li huma dgħajfa (ara l-**paragrafi 86 sa 107**).

123. Minkejja l-progress li mexxa aktar bil-mod milli previst, il-Pjan SET jipprovdi l-bażi għal allinjament aħjar tal-azzjoni pubblika u privata fil-livell Ewropew għall-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-bidla tal-Pjan SET fl-2015 kienet importanti biex il-Pjan SET oriġinali jiġi allinjat mal-prijoritajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u rrikonoxxa n-nuqqas ta' progress fl-ilħuq ta' wħud mill-ambizzjonijiet

ewlenin tiegħu. Madankollu jibqa' diffiċli biex jiġu identifikati u mkejla b'mod ċar il-benefiċċji li jirriżultaw direttament mill-kooperazzjoni tal-Pjan SET (ara l-**paragrafi 87 sa 93**).

124. Sibna wkoll li l-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti proprji tal-Kummissjoni li jittrattaw l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa wriet nuqqasijiet li jistgħu jżommuha milli tippermetti kombinament aktar koerenti u effiċjenti ta' riżorsi pubbliċi u prodotti finanzjarji, li jimmira lejn stadji distinti ta' proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira (ara l-**paragrafi 94 sa 103**).

125. Sa tmiem l-2017, l-ebda proġett ta' NER300 kien kiseb xi self taħt l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-BEI li jappoġġaw proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija. In-natura speċifika ta' dawn il-proġetti hija tali li tagħmilha diffiċli biex jiġu rispettati r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta standard tal-bank. Is-servizzi differenti tal-Kummissjoni qed jivvalutaw kif jistgħu jfasslu aħjar il-mekkaniżmi ta' finanzjament primarju tagħhom. Iż-żieda fl-appoġġ mill-programm Orizzont 2020 għal proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija aktar maturi tqajjem il-kwistjoni dwar jekk NER300 (u l-Fond ta' Innovazzjoni futur) u Orizzont 2020/l-FP9 (inkluż il-kontribuzzjonijiet tagħhom għal strumenti finanzjarji) humiex komplementari biżżejjed biex jiġġustifikaw l-eżistenza futura potenzjali ta' programmi paralleli b'entitajiet maniġerjali u korpi ta' sorveljanza differenti.

126. In-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, is-simplifikazzjoni ta' Orizzont 2020 u d-diskussjonijiet dwar il-futur tal-finanzi tal-UE għadhom għaddejnin. Dawn jipprovdu opportunità biex jiġi ċċarat liema programmi huma l-aktar adattati biex jappoġġaw (l-istadji differenti ta') proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u kif għandhom jinkisbu sinerġiji biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-finanzjament tagħhom.

***Rakkomandazzjoni 4 – Koordinazzjoni aħjar min-naħa tal-Kummissjoni biex l-appoġġ li jingħata mill-UE jiġi mmirat b'mod aktar koerenti***

Sabiex jissaħħaħ l-immirar koerenti u effettiv tal-appoġġ li jingħata mill-UE għal innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li **s-servizzi** kkonċernati **tal-Kummissjoni (b'mod partikolari d-DĠ RTD, id-DĠ ENER, id-DĠ CLIMA, id-DĠ GROW u d-DĠ ECFIN)**:

- (a) iwettqu valutazzjonijiet bejn is-servizzi biex juru li l-Fond ta' Innovazzjoni, Orizzont 2020 u l-EDP InnovFin (kif ukoll is-suċċessuri tagħhom wara l-2020) huma komplementari u jimmiraw b'mod

koerenti lejn il-proġetti ta' dimostrazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

- (b) jissimplifikaw il-proċessi tal-għażla tal-proġetti<sup>75</sup> bejn il-programmi biex jitnaqqsu l-inefficijenzi u t-trikkib.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.

127. Fl-aħħar nett, l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont u tal-kontroll finanzjarju għal NER300 mhumiex ċari biżżejjed biex juru li l-entitajiet li jimmaniġġjaw il-programm jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (ara l-**paragrafi 104 sa 107**).

#### **Rakkomandazzjoni 5 – Żgurar tal-obbligu ta' rendikont**

Fid-dawl tat-tnedija tal-Fond ta' Innovazzjoni l-ġdid fl-2021, jenħtiegħ li l-**Kummissjoni** ttejjeb, meta mqabbla ma' dawk tal-programm NER300, l-elementi kritiċi tal-governanza u tal-obbligu ta' rendikont, b'mod partikolari:

- (a) tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar is-sjeda u l-obbligu ta' rendikont għall-Fond ta' Innovazzjoni u għall-fondi ta' NER300 li ma jkunux intnefqu;
- (b) tiżgura li dawn il-fondi kollha, li jiġu amministrati mill-Kummissjoni, jiġu rreġistrati fil-baġit u fil-karta tal-bilanċ u jkunu suġġetti għal awditjar annwali u għal kwittanza mill-Parlament u mill-Kunsill;
- (c) tinkludi fil-qafas legali dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar regolari tal-progress lill-awtoritajiet baġitarji.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Nikolaos Milionis, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Settembru 2018.


*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

<sup>75</sup> Ara l-Proposta 5 tad-Dokument Informattiv u analitiku tagħna ta' Marzu 2018 "Kontribuzzjoni għas-simplifikazzjoni tal-programm ta' riċerka tal-UE wara Orizzont 2020".

## Kronoloġija tal-avvenimenti politiċi u ekonomiċi ewlenin immappjati abbażi tal-elementi relatati mal-ambitu tal-awditu



**ANNEX II:****Stampa ġenerali tal-istatus ta' NER300 f'Marzu 2018**

Sejħa	Sena	Stat Membru	Kategorija	Finanzjament massimu ta' NER 300 mogħti (miljun EUR)	Output tal-enerġija previst fl-ewwel 5 snin (1000 MWh)	Bidu tal-operat	FID	Status	Fondi li ma ntnefqux mill-proġetti rtrirati	
L-ewwel	2012	IT	Bijoenerġija	28	1 415	01/06/2013	2011	Fil-fażi operattiva		
		DE	Bijoenerġija	22	502	03/01/2014	19/08/2011	Fil-fażi operattiva		
		SE	Enerġija eolika	15	3 462	01/01/2015	06/02/2014	Fil-fażi operattiva		
		DE	Enerġija eolika	113	3 569	01/07/2017	29/06/2015	Fil-fażi operattiva		
		DE	Enerġija eolika	70	6 060	31/12/2017	18/12/2014	Fil-fażi operattiva		
		AT	Enerġija eolika	11	363	03/10/2017	04/12/2014	Fil-fażi operattiva		
		FI	Bijoenerġija	89	6 785	31/12/2018	31/12/2016	Intiaħqet FID		
		UK	Enerġija mill-oċeani	17	100	31/12/2018	14/12/2016	Intiaħqet FID		
		CY	Konċentrazzjoni tal-enerġija solari	47	578	31/12/2018	28/12/2016	Intiaħqet FID		
		EL	Konċentrazzjoni tal-enerġija solari	45	595	31/12/2018	12/12/2016	Intiaħqet FID		
		EL	Konċentrazzjoni tal-enerġija solari	42	488	31/12/2018	14/12/2016	Intiaħqet FID		
		HU	Enerġija ġeotermika	39	370	31/12/2018	14/12/2016	Intiaħqet FID		
		PT	Enerġija eolika	30	365	31/12/2018	17/12/2016	Intiaħqet FID		
		FR	Enerġija eolika	34	412	31/12/2018	11/07/2016	Intiaħqet FID		
		PL	Bijoenerġija	31	1 400	31/12/2016		Il-proċess tal-irtirar jinsab għaddej	31	
		BE	Griġji intelligenti	8	890	-	-	Irtirat	8	
		FR	Bijoenerġija	170	6 144	-	-	Irtirat	170	
		NL	Bijoenerġija	199	6 346	-	-	Irtirat	199	
		SE	Bijoenerġija	59	3 850	-	-	Irtirat	59	
		UK	Enerġija mill-oċeani	21	148	-	-	Irtirat	21	
It-tieni (RES)	2014	CY	Konċentrazzjoni tal-enerġija solari	60	552	30/06/2020		Intiaħqet FID		
		CY	Griġji intelliġenti	11	621	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		DK	Bijoenerġija	39	1730	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		EE	Bijoenerġija	7	851	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		EE	Bijoenerġija	25	3200	31/12/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		ES	Bijoenerġija	29	824	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018	Irtirat	29	
		ES	Enerġija eolika	33	427	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		ES	Enerġija eolika	34	500	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		FR	Enerġija ġeotermika	17	1051	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		FR	Enerġija mill-oċeani	72	369	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		HR	Enerġija ġeotermika	15	258	30/06/2019	17/03/2015			
		IE	Enerġija mill-oċeani	23	58	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018	Irtirat	23	
		IT	Konċentrazzjoni tal-enerġija solari	40	488	31/12/2018	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		IT	Griġji intelligenti	85	19277	30/06/2018	18/02/2015	Intiaħqet FID		
		LV	Bijoenerġija	4	833	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		PT	Enerġija mill-oċeani	9	57	01/01/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		PT	Fotovoltaġċi	8	203	01/07/2019	Data ta' skadenza 30/6/2018			
		SE	Bijoenerġija	204	7360	30/06/2020	Data ta' skadenza 30/6/2018			
					<b>Subtotal tar-RES:</b>		<b>82501</b>			
							<b>Previżjoni tal-ġbir u l-ħżin ta' CO2 fl-ewwel 10 snin (miljun tunnelli)</b>			
It-tieni (CCS)	2014	UK	CCS	300	17734	30/06/2018	Data ta' skadenza 30/6/2018	Il-proċess tal-irtirar jinsab għaddej	300	
<b>Total:</b>									<b>840</b>	

2 106

Total:

840

Sors: II-QEA, ibbażat fuq id-data tal-Kummissjoni.

**ANNEX III****Fatturi ekonomiċi u regulatorji prinċipali li jaffettwaw il-progress ta' NER300 u tal-EEPR**

Grupp Teknoloġiku	CCS		Sorsi ta' enerġija rinnovabbli	
	NER300	EEPR	NER300	EEPR
Programm				
Fondi mogħtija (miljun EUR)	300	1 000	1 800	565
Proġetti	1	6	38	9
Medja għal kull proġett (miljun EUR)	300	167	47	63
Fatturi esterni li jdedmu l-progress tal-proġetti ta' dimostrazzjoni:				
Klima avversa ta' investiment għall-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju <sup>1</sup>	X	X	X	X
Aċċess limitat għal / spiża għolja tal-kapital privat (ara l-Figura hawn taħt)	X	X	X	X
Prezz baxx tas-suq tal-karbonju	X	X	X	
Inċertezza regulatorja fil-livell tal-UE / nazzjonali	X	X	X <sup>2</sup>	
Appoġġ pubbliku nazzjonali li huwa ħafna inqas milli previst (eż. minħabba limitazzjonijiet baġitarji / kriżi ekonomika)	X	X	X <sup>3</sup>	
Perjodi ta' żmien twal biex jinkisbu permessi fuq livell nazzjonali	X	X	X	X
Aċċettazzjoni pubblika	X	X		
Imħallsa sal-aħħar tal-2017 (miljun EUR)	0	424 <sup>4</sup>	13	255
Irtirati (ma ntnefqux - miljun EUR)	300		540	
Diżimpenjati fi tmiem l-2017 (miljun EUR)		576		130 <sup>5</sup>
% ta' fondi mogħtija li ma ntnefqux taħt l-oġġettivi tal-programm	100%	58%	30%	23%

<sup>1</sup>Prezzijiet baxxi tal-fjuwils fossili, prezzijiet bl-ingrossa baxxi tal-elettriku.

<sup>2</sup>B'mod partikolari għall-proġetti tal-bijofjuwils ta' NER300.

<sup>3</sup>B'mod partikolari għall-bijofjuwils, il-konċentrazzjonijiet tal-enerġija solari, l-enerġija mill-oċeani.

<sup>4</sup>Bi kwistjonijiet sinifikanti ta' prestazzjoni / l-ammont finali suġġett għal korrezzjonijiet fil-futur.

<sup>5</sup>Tliet proġetti Eoliċi Fuq il-Baħar tal-EEPR għadhom għaddejnin.

Sors: il-QEA.

**ANNEX IV**

**Eżempji ta' proċeduri tal-għażla fi programmi ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissorijiet tal-karbonju li jużaw bosta kriterji ta' klassifikazzjoni (kwalitattivi u kwantitattivi)**

*Ir-Renju Unit – Programm ta' kummerċjalizzazzjoni tas-CCS*

Ir-regoli għall-għażla tal-proġetti taħt it-tieni kompetizzjoni relatata mas-CCS tar-Renju Unit ġew stabbiliti fid-dokument intitolat “Carbon capture and storage commercialisation programme – Invitation to discussions” (Programm ta' kummerċjalizzazzjoni għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju – Stedina għal diskussjonijiet), imfassal mid-Dipartiment tar-Renju Unit għall-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima.

Il-Parti 3 ta' dan id-dokument tiddekrivi r-regoli tal-Eliġibbiltà u l-Evalwazzjoni. Il-proċess tal-għażla jikkonsisti fi tliet stadji distinti, l-ewwel wieħed huwa l-“Għażla tal-Proġetti”. Dan l-istadju jinvolti l-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta tal-proġett li hija bbażata fuq erba' kriterji prinċipali. Kull kriterju huwa maqsum f'subkriterji. L-offerti jiġu kklassifikati u jingħataw il-punteġġi bl-użu ta' sistema ta' evalwazzjoni kwalitattiva ta' dawl tat-traffiku u skala ta' punteġġi. Is-sistema hija ppreżentata fil-qosor, kif ġej:

Qasam	Kriterji	Bażi tal-Valutazzjoni		Outputs tal-valutazzjoni	
DILIĠENZA DOVUTA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROĠETT		Subkriterji	Kriterji	Valutazzjoni AREA   Kummentarju	
TEKNIKU	Robustezza u vijabbiltà teknika	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar	Punteġġ 1-5	Kwistjonijiet ewlenin, riskji u incertezi
	Integrazzjoni u żvilupp tal-proċess	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Robustezza tal-trasport	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Robustezza tal-ħżin	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Impatt operazzjonali tas-CCS	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Validazzjoni teknika tas-suppożizzjonijiet tal-ispejjeż	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
KAPAĊITÀ TA' TWASSIL	Robustezza tal-programm tal-proġett	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar	Punteġġ 1-5	Kwistjonijiet ewlenin, riskji u incertezi
	Disponibbiltà tal-assi u aċċess	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Esperjenza u kapacià tat-tim tal-proġett	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Governanza tal-proġett	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Solidità tal-ġestjoni tar-riskju	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Robustezza tal-awtorizzazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Robustezza tal-integrazzjoni tal-katina kollha	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Valutazzjoni tar-riskju ta' proġett	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
KUMMERĊJALI	Adegwatezza tal-każ kummerċjali	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar	Punteġġ 1-5	Kwistjonijiet ewlenin, riskji u incertezi
	Aċċettazzjoni tal-allocazzjonijiet tar-riskji u tal-prinċipji tal-kuntratti	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
	Riskju kummerċjali	Valutazzjoni kwalitattiva b'sistema ta' dawl tat-traffiku	Klassifikazzjoni Aħmar/Oranġjo/Aħdar		
FINANZJARJU	Pożizzjoni finanzjarja tal-offerent	Valutazzjoni Kwantitattiva		Punteġġ 1-5	
	Arranġamenti ta' finanzjament	Valutazzjoni Kwantitattiva		Punteġġ 1-5	
	Kost livellat tal-elettriku għall-gvern u għall-konsumaturi tal-elettriku	Valutazzjoni Kwantitattiva		£/MWh	Kwistjonijiet ewlenin, riskji u incertezi
	Kost livellat tas-CO2 maħżun għall-gvern u għall-konsumaturi tal-elettriku	Valutazzjoni Kwantitattiva		£/T CO2 maħżun	Kwistjonijiet ewlenin, riskji u incertezi

*Nota:* Il-punteġġi Aħmar/Oranġjo/Aħdar huma: “Suffiċjenti”, “Tajjeb”, “Eċċellenti”. Il-punteġġi minn 1 sa 5 huma “ferm insuffiċjenti”, “insuffiċjenti”, “aċċettabbli”, “tajjeb” u “eċċellenti”.

*In-Netherlands – Bijofjuwils avvanzati*

Mill-2006 sal-2009, in-Netherlands kellhom skema nazzjonali ta' għotjiet għat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> permezz ta' bijofjuwils innovattivi għat-trasport<sup>76</sup>. Din l-iskema kellha l-għan li tappoġġa l-bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni u proġetti li kienu ġodda għall-pajjiż. Minbarra l-erba' kriterji prinċipali ta' eliġibbiltà, l-iskema kellha ħames kriterji ta' klassifikazzjoni li jippermettu d-distribuzzjoni tal-fondi disponibbli għal dawk il-proġetti l-aktar mixtieqa:

- il-volum tat-tnaqqis antiċipat ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> meta mqabbel mal-fjuwils fossili;
- id-daqs tat-tnaqqis iddimostrat tal-użu tal-art meta mqabbel mal-proċessi eżistenti tal-produzzjoni ta' bijofjuwils;
- il-potenzjal tas-suq kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul (il-kwantità ta' fjuwil li se tiġi prodotta, il-kisbiet f'termini tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, il-potenzjal għar-replikazzjoni) u l-fattibbiltà (teknika, organizzazzjonali u finanzjarja) ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju u fuq il-probabbiltà li jinkisbu r-riżultati mistennija;
- ir-rata ta' finanzjament b'għotjiet (rata aktar baxxa twassal għal punteġġ ogħla);
- is-sostenibbiltà fir-rigward tal-provvista tal-ikel, il-bijodiversità u l-ambjent.


Il-punteġġi, u għaldaqstant il-klassifikazzjon, ġew iddeterminati abbażi tal-livell tal-kontribut previst mill-proġett għal dawn il-kriterji. Il-kriterji ġew elenkati fl-ordni dekrexenti tal-piż.

---

<sup>76</sup> Besluit Vaststelling Subsidieprogramma CO2-reductie Innovatieve Biobrandstoffen voor transport, <http://wetten.overheid.nl/BWBR0020703/2006-12-21>.

**ANNEX V**

**Kumplessità fix-xenarju ta' programmi tal-UE li jiffinanzjaw l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

## **TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

### **“DIMOSTRAR TAL-ĠBIR U L-ĦŻIN TAL-KARBONJU U TAS-SORSI INNOVATTIVI TA’ ENERĠIJA RINNOVABBLI FUQ SKALA KUMMERĊJALI ĠEWWA L-UE: IL-PROGRESS PREVIST MA NKISIBX MATUL DAWN L-AĦĦAR GĦAXAR SNIN”**

#### **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

IV. F’konformità mat-talba mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-Istrateġija tal-UE għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra fuq terminu twil skont il-Ftehim ta’ Pariġi, filwaqt li tqis il-pjanijiet nazzjonali.

Li jżied l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ teknoloġiji b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju huwa element importanti f’dan il-kuntest u diġà qed isir.

Fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għal bejn l-2021 u l-2027, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi mira aktar ambizzjuża għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluża tranżizzjoni għall-enerġija nadifa, fuq il-programmi kollha tal-UE, bil-mira li 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv. Il-proposta għall-programm ta’ riċerka futur Orizzont Ewropa fiha oġġettiv tal-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluża tranżizzjoni għal enerġija nadifa ta’ 35 %.

Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni inklużi fil-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, l-UE diġà laħqet ftehimiet politiċi preliminari dwar l-effiċjenza enerġetika u l-livell ta’ ambizzjoni tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli tal-UE sal-2030 u l-qafas regolatorju rilevanti.

VIII. Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjonijiet tal-QEA dwar il-limitazzjonijiet fid-disinn tar-Riżerva tal-installazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq (NER 300) li ppreżentaw l-leġiżlaturi ta’ kodeċizzjoni, kif ukoll mal-kumplessità tal-implimentazzjoni tiegħu.

IX. Il-Kummissjoni tisħaq li d-definizzjonijiet, id-dokumenti tas-sejħa u l-gwida ta’ NER 300, ġew żviluppatti f’koordinazzjoni kolleġjali tas-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, id-dipartimenti tal-Kummissjoni qed jikkordinaw fuq bażi regolari kwistjonijiet komuni b’appoġġ għal teknoloġiji innovattivi b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju.

#### **INTRODUZZJONI**

7. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-koordinazzjoni ġenerali tal-programm. Il-ġestjoni tal-kuntratti (abbażi ta’ strumenti legalment vinkolanti) hija f’idejn l-Istati Membri.

12 F’konformità mat-talba mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-Istrateġija tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra fuq terminu twil f’konformità mal-Ftehim ta’ Pariġi, filwaqt li tqis il-pjanijiet nazzjonali.

Li jżied l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ teknoloġiji b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju huwa element importanti f’dan il-kuntest u diġà qed isir.

Fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għal bejn l-2021 u l-2027, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi mira aktar ambizzjuża għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluża tranżizzjoni għall-enerġija nadifa, fuq il-programmi kollha tal-UE, bil-mira li 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv. Il-proposta għall-programm ta’ riċerka futur Orizzont Ewropa fiha oġġettiv tal-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluża tranżizzjoni għal enerġija nadifa ta’ 35 %.

Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni inklużi fil-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, l-UE diġà laħqet ftehimiet politiċi preliminari dwar l-effiċjenza enerġetika u l-livell ta’ ambizzjoni tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli tal-UE sal-2030 u l-qafas regolatorju rilevanti.

## **OSSERVAZZJONIJIET**

20. Wara li vvalutat il-proġetti ppreżentati mill-Istati Membri wara s-sejħa għall-proposti, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni biex tappoġġa biss sitt proġetti ta' dimostrazzjoni ta' ġbir u ħżin tal-karbonju (CCS) li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' selezzjoni (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9943 final tad-9 ta' Diċembru 2009).

21. Il-Kummissjoni tqis li l-eżitu ta' dan is-segment tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) jirriżulta mill-kombinazzjoni tal-isfidi inerenti għan-natura tas-CCS bl-okkorrenza tal-kriżi finanzjarja u bankarja u l-prevalenza ta' prezzijiet baxxi tal-karbonju. L-oġġettiv tal-EEPR, u l-għażla politika sottostanti, kienu li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp tas-CCS, u livell ta' riskju tanġibbli huwa element kostanti fl-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi.

22. Filwaqt li l-oġġettiv ta' dimostrazzjoni tas-CCS fuq skala sħiħa ma ntlaħaqx, il-Kummissjoni tqis li nksibu għarfien u esperjenza sinifikanti permezz tar-realizzazzjoni tal-istadji tal-proġetti inizjali, inkluż dwar ostakoli għall-implimentazzjoni ta' dimostraturi tas-CCS. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jużaw dan l-għarfien (pereżempju, fil-kuntest ta' azzjoni 9 dwar il-ġbir, l-użu u l-ħżin tal-karbonju tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija).

### **Kaxxa 2**

Il-kontribut mill-UE ġie mħallas għall-proġetti minħabba xogħlijiet preparatorji previsti fil-ftehimiet ta' għotja u mwettqa mill-konsorzji. L-esperjenza miksuba mill-proġetti u d-diffikultajiet esperjenzati huma importanti ħafna. Il-Kummissjoni tinnota, pereżempju, li għall-proġett fin-Netherlands, ix-xogħlijiet preparatorji fuq iż-żona ta' gass lil hinn mill-kosta li qed titbattal u l-pipeline lil hinn mill-kosta kienu diġà avvanzaw, u issa se jibbenefikaw minnhom l-isforzi tas-CCS li għamel il-Port ta' Rotterdam.

26. L-evoluzzjoni teknoloġika hija karatteristika kostanti ta' proġetti innovattivi. Il-Kummissjoni tqis li wriet il-flessibbiltà meħtieġa sabiex tqis il-kundizzjonijiet regolatorji u tas-suq kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi.

Tweġiba komuni għall-paragrafu 29 u l-Kaxxa 3:

Il-Kummissjoni segwiet il-proċedura stabbilita fid-Deċiżjoni dwar NER 300 għas-selezzjoni, il-klassifikazzjoni u l-għoti, li ma pprevedietx il-konferma kondizzjonali ta' proġetti minn Stati Membri jew l-għoti ta' proġetti b'data ta' dħul fis-seħħ aktar tard minn dik stipulata fid-Deċiżjoni dwar NER 300 jew l-aċċettazzjoni ta' proġetti bi spariġġ tal-likwidità sal-iskadenza stipulata. Għalhekk il-proġetti tas-CCS mir-Renju Unit, mill-Italja u min-Netherlands ma setgħux jitressqu għall-għoti ta' NER 300, minħabba li dawn il-kwistjonijiet kienu għadhom ma ġewx konklużi sal-iskadenza għat-teħid tad-deċiżjoni dwar l-għoti.

35. Il-proġetti bjoenerġetiċi ta' dimostrazzjoni jenħtieġu fażi tal-ittestjar itwal qabel il-kapaċità tiżdied għal 100 % minħabba l-kwalità varjabbli tal-materja prima u perjodu twil ta' adattament tal-proċessi ta' fermentazzjoni għat-tibdil. Barra minn hekk, wieħed mill-proġetti bjoenerġetiċi kellu jibda b'impjant mhux lest (5 minn 9 moduli) biex jikkonforma mad-data maqbula tad-dħul fis-seħħ. Minħabba li fl-2015 iż-żmien għad-dħul fis-seħħ ġie estiż b'sentejn għall-proġetti kollha, il-proġett talab li d-data tad-dħul fis-seħħ tiċċaqlaq mill-2014 għall-2016 sabiex ikun jista' jiġi kopert il-perjodu twil ta' kummissjonar. Dan ikun jippermetti li l-proġett jilħaq 'il fuq minn 75 % tal-prestazzjoni u b'hekk jipprova l-viżibbiltà tat-teknoloġija.

41. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-klima tal-investment ġiet primarjament affettwata mill-inċertezza fl-oqfsa regolatorji nazzjonali.

Il-Kummissjoni tinnota li l-Programm NER 300 għe kożviluppat mill-Istati Membri, u kien ibbażat fuq l-impenn qawwi tal-Istati Membri biex jappoġġaw il-proġetti magħżula minn qabel u kkonfermati minnhom.

44. Il-Linji Gwida tal-2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Enerġija kienu jinkludu diversi dispożizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li proġetti li diġà qed jitħejjew ma jiġux milquta mir-reqwizit il-ġdid ta' proċedura kompetittiva ta' offerti għall-għajnuna operatorja li jidħol fis-seħħ fl-2017. Barra minn hekk, il-Linji Gwida tal-2014 kien fihom ukoll protezzjoni speċifika għal proġetti ta' dimostrazzjoni (u żgħar u ta' daqs medju) dejjem jekk dawn ma jkunux soġġetti għal proċedura kompetittiva ta' offerti anke jekk jibdew wara l-2017. L-Istati Membri setgħu għalhekk ma biddlux l-appoġġ għall-proġetti ta' NER 300.

Bejn l-2014 u l-2015, ħafna Stati Membri ppruvaw jagħmlu l-iskemi ta' appoġġ tagħhom aktar effiċjenti sabiex jevitaw kwistjonijiet ta' kumpens żejjed u jtaffu l-piż finanzjarju għall-klijenti tal-elettriku bħala implikazzjoni tal-appoġġ tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' tariffi "feed-in". Il-Linji Gwida tal-2014 taw lill-Istati Membri uħud mill-għodod biex jintroduċu skemi ta' appoġġ aktar effiċjenti iżda ħafna Stati Membri għażlu li jmorru lil hinn mir-reqwiziti tal-Linji Gwida tal-2014.

#### **Kaxxa 5**

Il-Kummissjoni tinnota li r-Renju Unit impenja ruħu f'rifirma kbira tas-settur tal-enerġija tiegħu. Sabiex jappoġġa s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ir-Renju Unit ried jagħti finanzjament permezz ta' proċeduri kompetittivi ta' offerti aktar kmieni milli mitlub mil-Linji Gwida tal-għajnuna mill-Istat minħabba li r-Renju Unit ried inaqqas l-ispejjeż ta' appoġġ.

#### **Kaxxa 6**

Fir-rigward tas-sitwazzjoni regolatorja fil-Ġermanja, il-Kummissjoni ma setgħetx tipprevedi l-bidla importanti fil-pożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u d-dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-CCS. Il-pagamenti li saru biex jappoġġaw il-ħidma fl-ippjanar kienu konformi mar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli kif definiti fil-ftehim ta' għotja.

Il-proġett EEPR tar-Renju Unit (Don Valley) tneħħa mill-Kompetizzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni tas-CCS tar-Renju Unit. Filwaqt li l-Kummissjoni talbet biex il-proġett ma jidħolx f'impenji finanzjarji kbar mingħajr finanzjament garantit mill-awtoritajiet nazzjonali tar-Renju Unit, hija ppermettiet li l-proġett javvanza rigward dawk il-pakketti tax-xogħol, li kienu ġew żviluppati b'mod konġunt mal-proġett White Rose ta' NER 300 tal-Grilja Nazzjonali (jiġifieri l-pakketti tax-xogħol tat-trasport u tal-ħżin). Bil-kanċellazzjoni kompletament mhux mistennija tal-Kompetizzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni tas-CSS fil-25 ta' Novembru 2015, dik li kienet il-politika ambizzjuża tas-CCS tar-Renju Unit ġiet sospiża u waqqfet il-kontinwazzjoni tal-proġett Don Valley. B'riżultat ta' dan, u minkejja t-talba tal-koordinatur għal estensjoni, il-KE kellha tittermina dan il-Ftehim ta' Għotja (31 ta' Diċembru 2015).

48. Meta jseħħ dewmien minħabba inċertezza regolatorja u fis-suq, aktarx li l-proġetti innovattivi kollha li jipproduċu l-istess prodott inaqqsu l-pass.

53. Il-Kummissjoni tqis li emittenti oħra fl-oqsma tal-proġetti potenzjalment jistgħu jkunu bbenefikaw minn partijiet tat-trasport u tal-infrastruttura tal-ħżin tal-proġetti appoġġati tas-CCS. L-iżvilupp tal-infrastruttura tas-CCS, speċjalment fil-każ tal-proġett Don Valley, qatt ma kien intiż biex ikun biss ta' benefiċċju għal proġett ta' għbir uniku, iżda kien iddisinjat b'kunċett ta' "utent kondiviż" sa mill-bidu nett.

55. Tlieta mis-sitt proġetti EEPR ġew itterminati relattivament kmieni meta s-sħab tal-proġetti rrealizzaw li jew diffikultajiet regolatorji jew finanzjarji ma ħallewx il-proġett javvanza. Proġett

wieħed bena installazzjoni pilota. Għaż-żewġ proġetti l-oħra l-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex tidentifika sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex tkopri l-ispariġġ tal-likwidità. L-Istati Membri involuti baqgħu jappoġġaw il-proġetti u kien hemm pjan affidabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dak iż-żmien kien hemm aspettattiva raġonevoli li l-proġetti jitwettqu.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 57 u 58.

Minħabba li l-proposta leġiżlattiva għad-Direttiva dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) ma kinitx tinkludi l-programm NER 300, l-elementi/l-impatti tagħha ma setgħux jiġu inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar l-ETS. Il-paragrafi li jistabbilixxu l-programm NER 300 ġew miżjuda mill-koleġiżlaturi matul il-proċess ta' kodeċizzjoni.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar NER 300, ġiet prodotta Valutazzjoni tal-Impatt proporzjonata, ibbażata fuq il-qafas legali previst mill-Emenda tad-Direttiva dwar l-ETS. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-analiżi kien limitat minn dispożizzjonijiet legali stipulati fl-att bażiku.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 61 u 62:

In-NER 300 inħoloq mill-Kunsill u mill-Parlament fil-qafas tal-proċess leġiżlattiv dwar id-Direttiva dwar l-ETS. Id-Direttiva dwar l-ETS tirrikjedi li l-appoġġ jingħata abbażi tat-tnaqis ivverifikat fl-emissjonijiet.

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati u żviluppat valutazzjoni tal-impatt proporzjonata dwar l-opzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm NER 300 fil-limiti legali pprovduti lilha mid-Direttiva dwar l-ETS.

63. Id-deċiżjoni dwar l-istruttura ta' pagament kienet parti mid-Deċiżjoni dwar in-NER 300, proposta mill-Kummissjoni u vvutata mill-Istati Membri fil-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

Minkejja dan, id-Deċiżjoni ppermettiet finanzjament minn qabel, f'każ li l-promoturi tal-proġetti u l-Istati Membri jitolbuh u jipprovdu l-garanzija meħtieġa.

65. Il-Kummissjoni tinnota li l-element tad-disinn tal-pagament mal-eżekuzzjoni ġie ddeterminat mill-koleġiżlaturi fit-test tad-Direttiva dwar l-ETS. Madankollu, l-Istati Membri kienu kapaċi jipprovdu finanzjament bil-quddiem, jappoġġaw il-fażi tal-kostruzzjoni u jaqsmu r-riskji mal-iżviluppaturi tal-proġetti.

70. Valutazzjoni tal-bankabbiltà tista' tkun rilevanti biss għal proġetti li huma ekonomikament vijabbli, għandhom dħul ċar u sigur, struttura ta' finanzjament ċara u argument għall-vijabbiltà sigur. Dawn l-elementi mhumiex il-karatteristiċi ta' proġetti tal-ewwel tip tagħhom li l-għan tagħhom huwa li juru l-vijabbiltà teknoloġika. Għalhekk, id-diliġenza dovuta ma kinitx tinkludi l-valutazzjoni tal-bankabbiltà. Jista' jiġi preżunt li ftit mill-proġetti ppreżentati jew magħżula jkollhom punteġġ pożittiv, kif inhu normalment il-każ għall-investimenti ta' dimostrazzjoni prekommerċjali, fl-istadju bikri tal-iżvilupp/l-applikazzjoni tal-proġett. Il-bankabbiltà ssir rilevanti fl-istadju tal-għeluq finanzjarju, wara li d-dimostrazzjoni teknoloġika twassal għal viżibbiltà sħiħa tal-argument għall-vijabbiltà.

71. Il-Kummissjoni qieset għall-għoti dawk il-proġetti biss li ġew ikkonfermati biex jiġu appoġġati mill-Istati Membri.

72. Ir-regola, stabbilita fil-bażi ġuridika (id-Deċiżjoni dwar in-NER 300) kienet li l-proġetti jiġu kklassifikati abbażi tal-Prestazzjoni ta' kost unitarju (CPUP) – ma kien hemm l-ebda għażla oħra ħlief dik li jiġu segwiti d-dispożizzjonijiet tal-att ta' implimentazzjoni adottat.

Din l-inċertezza fil-kosti hija karatteristika komuni għall-proġetti kollha f'livelli ta' thejjiġa tat-teknoloġija (TRL) u t-thejjiġa ta' proġetti simili. Id-deċiżjoni dwar in-NER 300 u d-deċiżjonijiet ta'

għotja jipprevedu l-aġġustament tal-kosti rilevanti u l-għotja massima meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-investment finali u tonqos l-inċertezza tal-kosti.

73. Il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni li waslet mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Minkejja dan, id-deċiżjoni ta' għotja finali segwiet il-konferma diretta ta' appoġġ mill-Istati Membri għall-proġetti kollha.

### **Kaxxa 9**

L-Istat Membru kkonferma l-appoġġ għall-proġetti magħżula kollha. Minbarra t-tariffi "feed-in" kien possibbli li jintużaw mekkaniżmi ta' appoġġ oħra.

74. Il-Kummissjoni tinnotta li l-Istati Membri setgħu jitolbu rapporti ta' Diliġenza Dovuta wara l-konklużjoni tal-proċess kompetittiv. Il-Kummissjoni ma kellhiex il-mandat li tipprovdi r-rapporti, sakemm l-Istati Membri ma jitolbuhomx.

75. Id-disinn tal-proċess ta' selezzjoni u ta' għotja ġie stabbilit fl-Att ta' Implimentazzjoni relatat (id-Deċiżjoni dwar NER 300), u kien ibbażat fuq indikatur uniku tas-CPUP. Għalhekk ma kienx possibbli li tiġi stabbilita metodoloġija oħra għas-selezzjoni u l-għoti ta' proġetti.

Il-kriterji ta' eleġibbiltà kienu jinkludu l-indikatur tal-innovazzjoni, li kien prerekwiżit għad-dħul fil-kompetizzjoni għall-finanzjament.

82. Il-proġetti kollha magħżula ta' NER 300 kienu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-innovazzjoni, minħabba li fil-mument tal-għotja, l-ebda waħda mit-teknoloġiji ma kienet kummerċjalment disponibbli.

Il-fatt li s-swieg jinbidlu, xi teknoloġiji javvanzaw aktar malajr minn oħrajn, u wħud jistgħu jnaqqsu l-pass minħabba l-qafas ekonomiku jew regolatorju huwa karatteristika naturali tal-ekonomija tas-suq.

### **Kaxxa 10**

L-ewwel sejħa għal NER 300 ġiet immedija fl-2011. Il-proġetti kollha magħżula ġew evalwati bħala proġetti innovattivi u rappreżentati mhux kummerċjalment ittestjati jew implimentati dak iż-żmien. Dan kien kriterju ta' eliġibbiltà vverifikat kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni. Iż-żewġ proġetti eoliċi fuq il-baħar inkwistjoni kienu innovattivi fi żmien l-applikazzjoni. Dak iż-żmien huma kkontribwew għall-għan tal-Pjan SET (Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija) rigward ir-riħ, li ġie ppreżentat fil-Pjan ta' Implimentazzjoni għal bejn l-2010 u l-2012 tat-Tim tal-Inizjattiva Industrijali Ewropea dwar ir-Riħ ta' Mejju 2010.

85. L-objettivi, il-kriterji u r-rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-Istrumenti Finanzjarji magħżula użati għat-trażmissjoni tal-fondi mhux minfuqa ta' NER 300 mill-ewwel sejħa, ġew allinjati mar-rekwiżiti tal-bażi ġuridika ta' NER 300, permezz ta' emendi tal-Ftehimiet ta' Delega speċifiki mal-BEI. Se titwettaq verifika tal-eliġibbiltà, li tiżgura li l-objettivi ta' NER 300 jintlaħqu.

87. Għalkemm volontarju fin-natura tiegħu, il-pjan SET Integrat jibqa' wieħed mill-għodod tal-politika "mhux vinkolanti" ewlenin għall-allinjament u l-koordinazzjoni ta' sforzi (nazzjonali u fil-livell tal-UE) dwar l-innovazzjoni tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. Il-pjattaformi għall-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati evolwew matul is-snin. L-istabbiliment ta' strutturi ta' implimentazzjoni li se jmexxu 'l quddiem l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet taħt kull Pjan ta' Implimentazzjoni se jipprova jkun inklużiv kemm jista' jkun.

89. Il-Kummissjoni tqis li programmazzjoni konġunta diġà teżisti f'diversi oqsma. L-azzjonijiet tal-ERA-Net (Żona Ewropea tar-Riċerka) huma strument ta' finanzjament konġunt importanti użat għall-koordinazzjoni tal-Pjan SET.

90. Sa Ġunju 2018, il-proċess tal-finalizzazzjoni u l-approvazzjoni tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni mexxa 'l quddiem u 11 mill-14-il pjan ġew approvati. Ġiet approvata aġenda ġdida tal-Pjan SET għal bejn l-2018 u l-2023 inklużi l-linji gwida għar-rappurtar dwar il-progress u l-kisbiet.

Ir-rappurtar għal-laqgħat tal-grupp ta' tmexxija tal-Pjan SET dwar il-kisbiet ta' kull Pjan ta' Implimentazzjoni se jiġi mill-korpi ta' implimentazzjoni rilevanti li għandhom jiġu stabbiliti.

91. L-aġenda l-ġdida tal-Pjan SET għal bejn l-2018 u l-2023 identifikat il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-involvement ta' korpi ta' finanzjament nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Pjan SET.

92. Il-Kummissjoni tixtieq tisħaq li l-Pjanijiet Direzzjonali tal-Pjan SET, li huma prodotti tal-gruppi ta' ħidma temporanji tal-Pjan SET, huma parti mill-bażi ta' evidenza għall-iżvilupp tal-Fond ta' Innovazzjoni.

Il-Kummissjoni organizzat sessjonijiet ta' ħidma komprensivi mas-setturi kollha eliġibbli taħt il-Fond ta' Innovazzjoni, segwiti mill-konsultazzjoni pubblika miftuħa, fejn is-servizzi tal-Kummissjoni kkooperaw dwar l-inklużjoni tal-komunità tal-Pjan SET. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħolqot grupp ta' esperti magħmul mir-rappreżentanti tal-industrija u mill-Istati Membri, li se jassisti fl-iżvilupp tal-Att Delegat dwar il-Fond ta' Innovazzjoni.

93. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET adotta Aġenda ġdida tal-Pjan SET għal bejn l-2018 u l-2023 li tidentifika l-attivitajiet matul il-ħames snin li jmiss sabiex jottimizza l-impatt u l-eżekuzzjoni tiegħu. Inġhatat enfasi speċjali lill-qafas operazzjonali għall-eżekuzzjoni tal-14-il Pjan ta' Implimentazzjoni.

Sabiex jiġi vvalutat il-progress lejn l-oġettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2015 "Lejn Pjan Strateġiku Integrat tat-Teknoloġija tal-Enerġija" u t-twettiq tal-aġenda għal bejn l-2018 u l-2023, se titwettaq valutazzjoni indipendenti fl-2020. Barra minn hekk, mill-2020 'il quddiem, l-Istati Membri se jirrapportaw ukoll bħala parti mill-Pjanijiet Integrati tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima.

L-eżekuzzjoni tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Pjan SET se tiġi ssorveljata wkoll bl-użu tas-sistema tal-Infommazzjoni tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Strateġika (SETIS). SETIS tipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati sinifikanti miksuba matul is-snin, mill-2007, u toffri intuivitu utli dwar il-benefiċċji tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija ta' InnovFin (InnovFin EDP), żviluppata taħt Orizzont 2020 biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-Pjan SET, huwa riżultat li jista' jiġi mkejjejl.

99. Il-Kummissjoni tixtieq tindika l-fatt li hemm għadd ta' proġetti NER 300 li qed jiġu skrinjati jew żviluppata b'mod attiv skont is-sistema ta' InnovFin EDP. Xi proġetti qed javvanzaw bil-wasla ta' appoġġ addizzjonali mill-InnovFin EDP. Il-proġetti jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' strumenti finanzjarji meta jilħqu ċerta maturità u bankabbiltà. Sabiex jaslu sa dan il-punt, il-proġetti jeħtiġilhom jiżguraw dħul sabiex ikunu jistgħu jħallsu d-dejn tagħhom u jiżguraw redditi ta' ekwità. Dan jieħu ż-żmien, minħabba li l-ewwel trid tintwera vijabbiltà teknoloġika.

102. Il-Kummissjoni tinnota li Orizzont 2020 u l-Fond ta' Innovazzjoni għandhom oġettivi differenti stabbiliti mill-bażi ġuridika tagħhom, li ma jistgħux jiġu moqdiya minn programm konġunt uniku wieħed. Għalhekk, dawn se jibqgħu kumplementari għalkemm dan jaf jitlob it-tisħiħ tas-sinerġiji possibbli.

103. Reċentement, il-Kummissjoni adottat proposta għall-Programm Invest EU, li se tissimplifika u tikkonsolida l-Istrumenti Finanzjarji tal-UE. L-Artikolu 6 tal-proposta għal Regolament dwar Invest EU jinkludi dispożizzjonijiet għat-taħlit ta' għotjiet ma' strumenti finanzjarji, bħala miżura ewlenija li tippermetti offerta effettiva ta' prodotti speċifiċi ideali għal setturi u profili ta' riskju varji.

L-Istrumenti tad-Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) tinkludi wkoll sejħa għal finanzjament imħallat. Qed tiġi żviluppata faċilità ta' taħlit li tgħaqqad lil H2020 ma' InnovFin EDP.

104. Il-Kummissjoni tinnotta li l-Ftehim ta' Delega mal-BEI jipprevedi monitoraġġ u obbligi ta' rappurtar rigorużi sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda.

Il-Kummissjoni se tindirizza l-kwistjonijiet ta' kontroll finanzjarju fil-Ftehimiet ta' Delega rilevanti mal-BEI, u fl-att ta' delega tal-Fond tal-Innovazzjoni.

105. Id-dħul u l-assi ta' NER 300 taħt il-maniġment tal-BEI mhumiex parti mill-baġit tal-UE u mhumiex taħt il-kontroll tal-Kummissjoni. Il-proġetti jintgħażlu u jiġu kkuntrattati mill-Istati Membri, bid-dħul li jifdal jiżdied magħhom. Għalhekk ma jistgħux jiġu integrati mal-Baġit tal-UE u rrapportati fuq il-karta tal-bilanċ tal-UE skont ir-regola 2 tal-kontabbiltà applikabbli tal-UE (“Konsolidazzjoni u Kontabbiltà għal Ftehimiet Konġunti u Kumpaniji Assoċjati”).

Kull sena, il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' NER 300 fil-Pjan ta' Ġestjoni u r-Rapporti Annwali tal-Attività tagħha.

106. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 104.

## **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET**

109. Il-Kummissjoni tenfasizza l-kundizzjonijiet partikolarment negattivi li kienu jiddominaw mill-2012 'il quddiem. Għalkemm il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti fir-rigward ta' dawn is-sitt proġetti, ma setgħetx tmur kontra x-xejra industrijali jew id-domanda tas-suq aktar ġenerali u lanqas ma setgħet tmur kontra l-prijoritajiet politiċi dejjem jinbidlu tal-gvernijiet tal-Istati Membri.

112. Il-Kummissjoni trid tisħaq li l-irtirar ta' proġetti innovattivi huwa element tas-suq normali. Rata ta' rtirar ta' 50 % hija sitwazzjoni normali, u hija wkoll globalment preżenti fi programmi oħra li jappoġġaw l-innovazzjoni. Huwa ċar li proġetti li jirtiraw ma jagħtux riżultat, minħabba li ma jkunux fattibbli f'post tas-suq. Il-fatt li dawn il-proġetti ma użawx ir-riżorsi ta' NER 300 jipprevedi assigurazzjoni prudenti li r-riżorsi ma nħlewx, u jippermetti l-appoġġ għal proġetti ġodda (taħt il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija ta' InnovFin jew l-Istrument tad-Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa). Kull riżorsa mhux użata mit-tieni sejħa se tiġi allokata lill-Fond ta' Innovazzjoni, u għalhekk tappoġġa proġetti ġodda. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li “riżorsi ffriżati” mhumiex eżitu effettiv tal-programm.

113. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-effett globalment negattiv ta' prezzijiet baxxi taż-żejt għall-proġetti tal-bijoenerġija. Skont l-investituri, is-suq innovattiv tal-bijoenerġija ikkollassa wara l-waqa' drastika fil-prezzijiet taż-żejt u riżervi abbondanti taż-żejt ġew fornuti lis-suq.

115. Id-deċizzjoni li tiġi appoġġata l-innovazzjoni hija riskju politiku preżunt mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni ġiet imħeġġa biex tappoġġa din l-innovazzjoni mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati kif ukoll billi qieset il-potenzjal kbir tas-CCS fil-kontribut tiegħu għall-miri tal-Enerġija u l-Klima tal-Unjoni.

Il-ftehimiet ta' għotja ma' tlieta minn sitt proġetti CCS tal-EEPR ġew itterminati relattivament kmieni u wieħed irriżulta f'installazzjoni pilota. Għaż-żewġ proġetti li jifdal il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex tidentifika sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex tkopri l-ispariġġi tal-likwidità. L-Istati Membri involuti baqgħu jappoġġaw lill-proġetti u l-Kummissjoni tqis li kien hemm pjan affidabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, dak iż-żmien xorta waħda kien mistenni li l-proġetti jiġu realizzati.

L-għarfien sinifikanti miksub f'dan il-proċess ikompli jintuża fil-livell tal-UE, speċjalment fil-kuntast tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija kif ukoll fin-Netwerk tal-Proġett ta'

Dimostrazzjoni tas-CCS Ewropew li huwa pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-għarfien miksub f' tali proġetti.

116. Il-Kummissjoni se jkollha rwol fl-iskrutinju tal-pjanijiet u r-rappurtar tal-Istati Membri biex tistabbilixxi jekk għandhomx l-elementi kollha meħtieġa. Jenħtieġ li hi tqis il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima meta tagħti finanzjament tal-UE.

Madankollu, għal programmi tal-UE ġestiti b' mod ċentrali, fejn il-benefiċjarju primarju tal-Fondi mhuwiex l-Istat Membru nnifsu, il-kompletezza tal-pjanijiet integrati dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri ma għandhiex tintuża bħala kriterju biex jiġi vvalutat il-mertu ta' proġett jew tittieħed deċiżjoni ta' finanzjament finali dwaru. Dan jista' minflok ikollu l-effett negattiv li jikkomprometti l-proġetti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-politiki tal-enerġija u tal-klima. Fi programmi ġestiti b' mod ċentrali, il-Kummissjoni se tkun responsabbli milli tiżgura li l-proġetti jkunu allinjati mal-oġettivi tal-politika dwar l-enerġija u l-klima tal-UE.

### ***Rakkomandazzjoni 1 – Żieda fil-potenzjal għal appoġġ effettiv mill-UE għall-innovazzjonijiet fil-qasam tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Skont il-Fond ta' Innovazzjoni, fejn rilevanti, se jiġi mfittex impenn ċar mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjoni se tiġi aċċettata għall-kriterji ta' selezzjoni.

Fir-rigward ta' Orizzont 2020/Orizzont Ewropa, il-kofinanzjament nazzjonali jista' potenzjalment ikun parti mill-finanzjament ta' proġett (sa ċerti limiti) iżda spiss dan ma jkunx il-każ. Id-disponibbiltà tal-finanzjament li jifdal, minbarra l-għotja, kemm jekk ikun pubbliku kif ukoll jekk privat, titqies matul l-evalwazzjoni tal-proposti u jinfluwenza l-valutazzjoni tal-merti tal-proġetti. Minkejja dan, l-esperjenza turi li l-finanzjament li jidher li huwa żgurat matul l-evalwazzjoni tal-proposti, jista' jkun f'riskju fi stadju aktar tard.

Il-konsistenza mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tista' tkun fattur għall-konsiderazzjoni fil-kriterji ta' selezzjoni ta' xi programmi tal-UE, pereżempju, fl-indirizzar ta' Proġetti ta' Interess Ewropew Komuni rilevanti<sup>1</sup>.

118. Il-programm NER 300 inholq fil-proċess ta' kodeċiżjoni biex jappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli innovattivi u proġetti tas-CCS permezz tad-Direttiva dwar l-ETS tal-UE. Il-Kummissjoni żviluppat valutazzjoni tal-impatt dwar l-opzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm NER 300 fil-limiti mogħtija mid-Direttiva dwar l-ETS. Id-Direttiva dwar l-ETS kienet titlob li l-appoġġ jingħata abbażi ta' tnaqqis ivverifikat fl-emissjonijiet. Għalhekk, l-opzjoni awtomatika kienet li l-għotja tingħata għal prestazzjoni ppruvata, bl-opzjoni ta' finanzjament bil-quddiem mill-Istati Membri li jippermetti li l-proġetti jsiru anqas riskjużi.

119. Il-proċeduri ta' għotja u ta' selezzjoni tal-proġetti ta' NER 300 ġew stabbiliti fil-bażi ġuridika tiegħu, id-Direttiva dwar l-ETS u d-Deċiżjoni dwar NER 300. L-uniku kriterju ta' selezzjoni stabbilit mill-bażi ġuridika ta' NER 300 kien is-CPUP. Kriterji oħra ma kinux parti mid-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Programm NER 300, u għalhekk ma setgħux jintużaw fil-proċess ta' selezzjoni.

### ***Rakkomandazzjoni 2 – Titjib fil-proċeduri tal-għażla tal-proġetti u tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-Fond ta' Innovazzjoni futur***

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

---

<sup>1</sup> Pereżempju, ir-Regolament propost għall-istabbiliment tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM(2018)438 final) jipprevedi "konsistenza mal-pjanijiet dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni u dawk nazzjonali" bħala wieħed mill-kriterji ta' għotja.

Il-Fond ta' Innovazzjoni jipprevedi l-iżburzar ta' finanzjament fir-rigward ta' stadji importanti ċari. Jekk l-istadji importanti ma jintlaħqux, il-fondi jiġu lliberati u ridiretti jew lejn proġetti tal-lista ta' riżerva jew sejħiet sussegwenti.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-vijabbiltà u r-riskji ekonomiċi tal-proġetti se jiġu evalwati flimkien ma' kriterji oħra għall-effettività, l-effiċjenza u l-impatt sabiex jintgħażel l-aħjar portafoll ta' proġetti sabiex jintlaħqu l-oġettivi definiti għall-Fond ta' Innovazzjoni fid-Direttiva dwar l-ETS tal-UE.

Barra minn hekk, fi proġetti magħżula, se jkun meħtieġ impenn qawwi mill-partijiet ta' kofinanzjament.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Fond ta' Innovazzjoni jipprevedi valutazzjoni ta' kriterji multipli, li se tkun kombinazzjoni ta' kriterji kwalitattivi u kwantitattivi sabiex ikunu jistgħu jitqiesu l-aspetti kollha tal-proġetti innovattivi. Dan se jiżgura li fil-mument tal-għotja, jintgħażlu l-aktar proġetti prospettivi u vijabbli.

(d) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

L-Istati Membri se jkunu involuti fil-governanza tal-Fond ta' Innovazzjoni. L-informazzjoni kollha, li mhix kunfidenzjali u li se tgħin lill-proġetti javvanzaw se tiġi kondiviża mal-Istati Membri, u b'hekk jiġi żgurat li l-partijiet kollha involuti jkollhom informazzjoni trasparenti meħtieġa għall-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni ta' riskji ta' proġetti importanti.

(e) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-proċedura ta' selezzjoni se tiżgura li l-Fond ta' Innovazzjoni jagħżel portafoll wiesa' ta' proġetti f'termini ta' setturi u Stati Membri, li jikkontribwixxi l-aktar lejn l-ilħuq tal-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. Il-potenzjal ta' tnaqqis/evitar ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-proġetti se jkun fost il-kriterji ta' selezzjoni ewlenin.

(f) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

L-Att Delegat tal-Fond ta' Innovazzjoni se jimmira għal flessibbiltà akbar biex jirrifletti dinamika tal-innovazzjoni dejjem tinbidel, filwaqt li jiżgura t-twertiq tal-oġettivi tal-programm.

Bidliet fil-proġetti, li la jwasslu għal tibdil fl-ambitu tal-proġetti u lanqas fil-proċedura ta' selezzjoni, se jiġu ġestiti mill-korp ta' implimentazzjoni b'effiċjenza akbar.

121. L-allinjament tal-oġettivi u d-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà għall-Istrumenti ta' Finanzjament li jidderieġu l-appoġġ ta' NER 300 jiġu indirizzati fl-emendi rilevanti għall-Ftehimiet ta' Delega mal-BEI.

### ***Rakkomandazzjoni 3 – Tiġi żgurata l-flessibbiltà tal-Fond ta' Innovazzjoni biex jirreaġixxi kemm għall-iżviluppi fis-suq kif ukoll għal dawk teknoloġiċi***

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

L-eliġibbiltà tal-proġetti tirriżulta direttament mid-Direttiva dwar l-ETS tal-UE. Il-proġetti se jiġu evalwati skont il-kontribut għall-oġettivi tal-politika minflok skont jekk jintlaħqux il-parametri speċifiċi ta' teknoloġija jew tal-prodott, li huwa diffiċli li jiġu ddeterminati bil-quddiem u b'ċertezza.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Fond ta' innovazzjoni jipprevedi sejħiet kontinwi. Jekk jintuża, l-appoġġ tal-istrumenti jkun disponibbli fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

122. Dan huwa objettiv ewlieni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss biex jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-programmi tal-UE.

Għal Orizzont Ewropa, se jiġi stabbilit proċess ta' programmazzjoni strateġika, li jinvolvi s-servizzi tal-Kummissjoni kollha rilevanti fil-kokreazzjoni tal-prijoritajiet u s-sejthiet għall-proposti. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas ta' innovazzjoni komuni sabiex il-programmi kollha jiġu implimentati b'mod koerenti u kumplementari.

Id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà se jiġu stabbiliti mill-bażi ġuridika korrispondenti tagħhom fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

123. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) approva l-Pjan ta' Implimentazzjoni ġdid li meta mqabbel mal-attivitajiet tal-passat tal-Pjan SET jipprovdi sett ta' objettivi ġdid, ċar u li jista' jitkejjel.

Barra minn hekk, dan il-Grupp ta' Tmexxija adotta Aġenda ġdida tal-Pjan SET għal bejn l-2018 u l-2023 li tidentifika l-attivitajiet matul il-ħames snin li ġejjin sabiex jottimizza l-impatt u l-eżekuzzjoni tiegħu. Għalhekk, dan ta' hawn fuq jipprovdi qafas aħjar għal valutazzjoni ulterjuri fil-futur.

Kif issemma hawn fuq (ara l-paragrafu 93), il-valutazzjoni indipendenti li għandha titwettaq fl-2020, ir-rapporti tal-Istati Membri u r-rapporti mill-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni se jippermettu kejl globali tal-progress sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti diġà.

124. Il-proposta l-ġdida dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tinkludi r-Regolament li jstabbilixxi l-Programm InvestEU. Il-Fond ġdid InvestEU se jikkonsolida l-istrumenti finanzjarji kollha tal-UE u jissimplifika l-prodotti offruti, sabiex b'effiċjenza akbar, jindirizza l-profil ta' riskju varji f'setturi ekonomiċi varji. It-tieqa tar-riċerka u l-innovazzjoni tiegħu se tikkonsolida l-istrumenti li jindirizzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-Artikolu 6 tar-Regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet għat-taħlit ma' programmi oħra tal-UE, inkluż il-Fond ta' Innovazzjoni. Dan se jiżgura t-tnaqis ta' trikkib jew provvista ta' prodotti li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' investment speċifiċi.

125. Il-Kummissjoni tinnotta li l-ambitu, id-daqs u l-ambizzjoni ta' Orizzont 2020 u NER 300/il-Fond ta' Innovazzjoni issa huma differenti. Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-Kummissjoni se toħloq approċċ effettiv u kumplementari għall-attivitajiet taż-żewġ programmi fil-fażi ta' programm strateġiku ta' Orizzont Ewropa u l-Att Delegat għall-Fond ta' Innovazzjoni.

Fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-BEI, hemm xi proġetti ta' NER 300 soġġetti għall-iskrinjar tal-BEI għall-EDP ta' InnovFin. Il-finanzjament tal-istrumenti finanzjarji jirrikjedi proġetti li għandhom ċertu livell ta' maturità. F'dan il-kuntest, l-ewwel operazzjoni hija mistennija dalwaqt.

126. Għal Orizzont Ewropa, f'Lulju 2018, se jibda proċess ta' programmazzjoni strateġika għall-ewwel snin tiegħu u li sal-aħħar tal-2018 għandu jwassal għal Pjan Strateġiku ta' Riċerka u Innovazzjoni komuni, li mbagħad jiġi kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati.

L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas ta' prijorità għar-riċerka u l-innovazzjoni maqbul bejn is-servizzi tal-Kummissjoni kollha rilevanti li mbagħad jista' jkun ir-referenza għall-programmi kollha tal-UE, sabiex il-programmi differenti jikkontribwixxu għall-istess objettivi b'mod koerenti u kumplementari, filwaqt li jirrispettaw il-bażijiet ġuridiċi speċifiċi tal-Programmi tal-UE.

#### ***Rakkomandazzjoni 4 – Koordinazzjoni aħjar min-naħa tal-Kummissjoni biex l-appoġġ tal-UE jiġi mmirat b'mod aktar koerenti***

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Valutazzjoni ta' servizz inkroċjat hija diġà l-każ, bħala parti mill-iżvilupp tal-arkitettura tal-QFP li jmiss u l-Fond ta' Innovazzjoni.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

L-iżgurar ta' sinerġiji huwa fost l-għanijiet ewlenin elenkati fl-Orizzont Ewropa, fil-proposti tal-Programm InvestEU u l-Fond ta' Innovazzjoni. Il-Programm InvestEU, fost miżuri oħra, huwa mod kif wieħed jissimplifika u jiffaċilita l-offerta ta' prodotti finanzjarji b'appoġġ għall-azzjoni klimatika. Dan jinkludi wkoll il-possibbiltà ta' opportunitajiet ta' taħlit ma' programmi oħra tal-UE u l-Fond ta' Innovazzjoni tal-ETS, jekk dawn ikunu rilevanti u meħtieġa.

Il-Kummissjoni se ttejjeb l-isforzi ta' koordinazzjoni fi tnejn tas-sejnhiet ta' għotja jew l-istrumenti finanzjarji rispettivi.

Madankollu, se jkun meħtieġ li jiġu rispettati dawk il-bażijiet ġuridiċi speċifiċi li jistabbilixxu l-kriterji ta' selezzjoni, sabiex tiġi żgurata aderenza ma' objettivi ta' politika speċifiċi.

### ***Rakkomandazzjoni 5 – Jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont***

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rendikont se jiġu spjegati b'mod ċar fir-regolament dwar il-Fond ta' Innovazzjoni u qed isirhom titjib fil-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mal-BEI għall-fondi ta' NER 300 mhux minfuqa.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment.

L-inklużjoni tal-fondi fuq il-karta tal-bilanċ tal-UE trid issegwi r-rekwiżiti tal-istandards tal-kontabbiltà rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku, u b'mod partikolari r-regola 2 tal-kontabbiltà tal-UE ("Konsolidazzjoni u Kontabbiltà għal Arranġamenti u Kumpaniji Assoċjati Konġunti"). Il-programmi tal-UE ffinanzjati mill-baġit tal-UE jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tagħha u huma soġġetti għall-kwittanza baġitarja. Il-programmi tal-UE li mhumiex parti mill-baġit tal-UE u li fuqhom l-Istituzzjonijiet tal-UE ma għandhomx kontroll esklużiv (e.ż. fondi ġestiti mill-Kummissjoni f'isem partijiet terzi) ma jistgħux jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tal-UE sakemm ma jiġux integrati fil-baġit (e.ż. dħul assenjat), f'konformità mal-bażi ġuridika tal-QFP.

Il-Fond ta' Innovazzjoni mhuwiex parti mill-proposta tal-QFP, minħabba li huwa ffinanzjat taħt l-ETS, u mhux mill-baġit tal-UE, u ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu jmur lil hinn miċ-ċiklu baġitarju tal-QFP. Barra minn hekk, id-dħul ma jiġix deċiż jew magħruf minn qabel, minħabba li jiddependi fuq il-prezz tal-karbonju fil-mument tal-konverżjoni tal-kwoti f'valur monetarju. Madankollu, il-miżuri biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-awditjar u r-rappurtar se jiġu implimentati.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Ir-rappurtar regolari dwar il-progress lill-awtoritajiet baġitarji rilevanti se jiġi previst fl-att delegat tal-Fond ta' Innovazzjoni, skont il-mudell ta' governanza magħżul.

<b>Avveniment</b>	<b>Data</b>
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	17.5.2017
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	8.6.2018
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	5.9.2018
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	5.10.2018

PDF ISBN 978-92-847-0811-6 doi:10.2865/6166 QJ-AB-18-021-MT-N

HTML ISBN 978-92-847-0797-3 doi:10.2865/299504 QJ-AB-18-021-MT-Q

Bl-għan li tikkontribwixxi għall-kisba tal-obiettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2020 u fuq terminu aktar fit-tul, l-UE niedet żewġ programmi kbar ta' finanzjament fl-2009 b'appoġġ għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u s-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli: il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) u l-programm NER300. Filwaqt li huwa probabbli li l-UE tilħaq il-miri tagħha għall-2020, aħna sibna li ebda wieħed minn dawn il-programmi ma rnexxielu jintroduċi l-użu tas-CCS fl-UE. L-EEPR ikkontribwixxa b'mod pożittiv għall-iżvilupp tas-settur tal-enerġija eolika fuq il-baħar, iżda l-programm NER300 ma kisibx il-progress previst fl-appoġġ għad-dimostrazzjoni ta' firxa usa' ta' teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli.

L-UE issa qed tfejji biex tniedi l-Fond ta' Innovazzjoni li mill-2021 se jissostitwixxi l-programm NER300, u qed tfassal il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (2021-2027). Jeħtieġ li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tiġi aċċellerata bl-għan li jintlaħqu l-obiettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u fuq terminu aktar fit-tul. F'dan il-kuntest, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea tindirizza d-dgħufijiet identifikati matul l-awditu tagħna u ssaħħaħ it-tfassil tal-programmi futuri.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

**IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx](https://eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx)  
Sit web: [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)  
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.